Il-Kummissjoni Ewropea



## Gwida Prattika għall-applikazzjoni tar-

# Regolament Brussell IIa

Ġustizzja

# Werrej

1. Introduzzjoni Ġenerali ........ 4
1.1. Kamp ta' applikazzjoni ġeografiku – l-Artikolu 2.3 ........ 5
1.2. Dispożizzjonijiet dwar il-bidu – l-Artikolu 72 ........ 5
1.3. Regoli tranżitorji – l-Artikolu 64 ........ 5

2. Kwistjonijiet matrimonjali ........ 8
2.1. Introduzzjoni ........ 9
2.2. Il-kamp ta' applikazzjoni materjali fi kwistjonijiet matrimonjali ........ 9
2.3. Liema qrati għandhom il-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet matrimonjali? ........ 9
2.4. Lis Pendens – jew x'jiġri jekk il-proċedimenti jitressqu f'żewġ Stati Membri? – l-Artikolu 19 (1) ........ 15
2.5. Ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali ........ 16

3. Ir-Responsabbiltà tal-Ġenituri ........ 18
3.1. Kamp ta' Applikazzjoni Materjali ........ 19
3.2. Il-Qrati ta' liema Stat Membru għandhom Ġurisdizzjoni fir-Responsabbiltà tal-Ġenituri ........ 23
3.3. It-trasferiment lil qorti li tinsab f'pożizzjoni aħjar sabiex tisma' l-kawża – l-Artikolu 15 ........ 34
3.4. X'jiġri jekk il-proċedimenti jitressqu f'żewġ Stati Membri? ........ 38
3.5. Rikonoxximent u Infurzar - Ġenerali ........ 40
3.6. Ir-Regoli dwar id-Drittijiet tal-Aċċess (il-Kuntatt) – Rikonoxximent u Infurzar – l-Artikoli 40 u 41 ........ 43

4. Ir-Regoli dwar is-Sekwestru tat-Tfal Internazzjonali fl-UE ........ 48
4.1. Introduzzjoni ġenerali – l-Artikoli 10, 11, 40, 42, 55 u 62 ........ 49
4.2. Kwistjonijiet ta' ġurisdizzjoni fir-rigward ta' każijiet ta' sekwestru tat-tfal ........ 51
4.3. Regoli maħsuba biex jiżguraw ir-ritorn fil-pront tal-persuna minorenni – l-Artikolu 11(1) sa (5) ........ 53
4.4. X'jiġri jekk il-qorti tiddeċiedi li l-persuna minorenni ma għandhiex tirritorna? – l-Artikolu 11(6) u (7) ........ 58

5. Infurzar . . . . . 68

5.1. L-importanza tal-infurzar – ġenerali . . . . . 69
5.2. Sentenza li għandha tiġi infurzata bl-istess kundizzjonijiet daqslikieku ngħatat fl-Istat Membru tal-infurzar – l-Artikolu 47(2) . . . . . 70
5.3. Il-Ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (‘QEDB’) . . . . . 71

6. Is-smigħ tal-persuna minorenni – l-Artikoli 23, 41 u 42 . . . . . 76

6.1. It-tfal għandhom jingħataw l-opportunità li jesprimu opinjoni . . . . . 77
6.2. Eċċezzjoni għad-dover li jinstemgħu l-opinjonijiet ta’ persuna minorenni . . . . . 77
6.3. Il-proċedura biex jinstemgħu l-opinjonijiet ta’ persuna minorenni . . . . . 77
6.4. Kif jinkisbu l-opinjonijiet tal-persuna minorenni . . . . . 78
6.5. Taħriġ fit-teħid tal-opinjonijiet tal-persuna minorenni . . . . . 78
6.6. L-għan tat-teħid tal-opinjonijiet ta’ persuna minorenni . . . . . 78
6.7. Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal . . . . . 80

7. Il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ċentrali u bejn il-qrati – l-Artikoli 53-58 . . . . . 82

7.1. In-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew f’materji ċivili u kummerċjali - l-Artikolu 54 . . . . . 83
7.2. Id-doveri tal-awtoritajiet ċentrali – l-Artikolu 55 . . . . . 83
7.3. L-iffaċilitar tal-ftehim – l-Artikolu 55(e) . . . . . 83
7.4. It-tqegħid tat-tfal f’kura fi Stat Membru ieħor – l-Artikolu 56 . . . . . 84
7.5. Ir-riżorsi tal-awtoritajiet ċentrali . . . . . 86
7.6. Il-kooperazzjoni tal-Qrati . . . . . 86
7.7. Imħallfin ta’ Kollegament . . . . . 86

8. Ir-relazzjoni bejn ir-Regolament u l-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-protezzjoni tat-tfal – l-Artikoli 61 u 62 . . . . . 88

8.1. Il-kamp ta’ applikazzjoni taż-żewġ strumenti . . . . . 89
8.2. Ratifika mill-Istati Membri tal-UE . . . . . 89
8.3. Liema kawżi huma koperti mir-Regolament u liema huma koperti mill-Konvenzjoni tal-1996? - L-Artikoli 61 u 62 . . . . . 89

Lista ta’ Tabelli u Ċarts f’din il-Gwida . . . . . 92

Lista ta’ Kawżi msemmija f’din il-Gwida . . . . . 92



# 1. Introduzzjoni Ġenerali

## 1.1. Kamp ta' applikazzjoni ġeografiku – l-Artikolu 2.3

Ir-Regolament, magħruf b'mod komuni bħala Brussell IIa jew xi drabi Brussell II bis,[1] japplika fl-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea bl-unika eċċezzjoni tad-Danimarka. Ir-Regolament huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri li huma marbutin bih u, bħala tali, jipprevali fuq il-liġi nazzjonali.

## 1.2. Dispożizzjonijiet dwar il-bidu – l-Artikolu 72

Ir-Regolament beda japplika mill-1 ta' Marzu 2005 fir-rigward ta' erbgħa u għoxrin minn dawk li dak iż-żmien kienu l-Istati Membri u sussegwentement mid-data li fiha l-Istati ġodda suċċessivi ssieħbu fl-Unjoni.[2] Ir-Regolament japplika fl-intier tiegħu għal:

- il-proċeduri legali rilevanti istitwiti,
- id-dokumenti mħejjija b'mod formali jew irreġistrati bħala strumenti awtentiċi, u
- il-ftehimiet konklużi bejn il-partijiet – wara d-data rilevanti tal-applikazzjoni tiegħu skont l-Artikolu 72 (l-Artikolu 64(1)).

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru. 1347/2000.

(2) Mill-1 ta' Jannar 2007 fir-rigward tal-Bulgarija u r-Rumanija u mill-1 ta' Lulju 2013 fir-rigward tal-Kroazja.

## 1.3. Regoli tranżitorji – l-Artikolu 64

Ir-regoli dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar tar-Regolament japplikaw, fir-rigward tal-proċedimenti legali istitwiti qabel l-1 ta' Marzu 2005, għal tliet kategoriji ta' sentenzi:

- (a) sentenzi mogħtija fl-1 ta' Marzu 2005 u wara fi proċedimenti istitwiti qabel dik id-data iżda wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament Brussell II (l-Artikolu 64.2) ;)[3]
- (b) sentenzi mogħtija qabel l-1 ta' Marzu 2005 fi proċedimenti istitwiti wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament Brussell II f'kawżi li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Brussell II (l-Artikolu 64.3); u
- (ċ) sentenzi mogħtija qabel l-1 ta' Marzu 2005 iżda wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament Brussell II fi proċedimenti istitwiti qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament Brussell II (l-Artikolu 64(4)).

Tali sentenzi li jaqgħu taħt dawn il-kategoriji huma rikonoxxuti u infurzati skont il-Kapitolu III tar-Regolament taħt ċerti kundizzjonijiet, kif ġej:

- għal sentenza msemmija f'(a) u (ċ): diment li l-qorti li tat is-sentenza tkun ibbażat il-ġurisdizzjoni tagħha fuq regoli li jaqblu ma' dawk fir-Regolament, fir-Regolament Brussell II jew f'Konvenzjoni li kienet fis-seħħ bejn l-Istat Membru tal-oriġini

(3) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1347/2000; ara l-ĠU L 160, 30.6.2000, p. 19; Ir-Regolament Brussell II daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2001.

u l-Istat Membru tal-infurzar fil-mument li ġew istitwiti l-proċedimenti ; u

- għal sentenza msemmija f'(b) u (ċ): diment li tkun tirrigwardja divorzju, separazzjoni legali jew annullament ta' żwieġ jew ir-responsabbiltà tal-ġenituri għat-tfal taż-żewġ konjugi fl-okkażjoni ta' kwalunkwe proċedimenti matrimonjali bħal dawn.

Ta' min jinnota li l-Kapitolu III tar-Regolament dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar japplika fl-intier tiegħu għal dawn is-sentenzi, inklużi r-regoli fit-Taqsima 4 tiegħu, li tiddispensa mal-proċedura ta' exequatur għal ċerti tipi ta' sentenzi (ara l-kapitolu 3, il-paragrafu 3.6, u l-kapitolu 4).



# 2. Kwistjonijiet matrimonjali

## 2.1. Introduzzjoni

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar kwistjonijiet matrimonjali ttieħdu prattikament kif kienu mir-Regolament Brussell II[(4)]. Min-naħa tiegħu, ir-Regolament adotta d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tat-28 ta' Mejju 1998[(5)] dwar l-istess suġġett, li baqgħet qatt ma daħlet fis-seħħ. Għalhekk, il-letteratura ddedikata għall-Konvenzjoni u għar-Regolament tista' sservi bħala gwida wkoll għar-Regolament preżenti fir-rigward tal-kwistjonijiet matrimonjali. Pereżempju, ir-rapport ta' spjegazzjoni li jikkonċerna l-Konvenzjoni jista' jkun utli f'dan il-kuntest[(6)].

## 2.2. Il-kamp ta' applikazzjoni materjali fi kwistjonijiet matrimonjali

Ir-Regolament jinkludi regoli dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar fi kwistjonijiet ċivili li jirrigwardjaw divorzju, separazzjoni legali u annullament ta' żwieġ ("kwistjonijiet matrimonjali"). Huwa ma jittrattax il-bażi li fuqha jista' jingħata d-divorzju jew il-liġi applikabbli fid-divorzju[(7)] u lanqas kwistjonijiet anċillari, bħall-obbligi tal-manteniment[(8)], il-konsegwenzi taż-żwieġ fuq il-proprjetà[(9)], u kwistjonijiet ta' suċċessjoni[(10)].

(4) Ara n-nota 3 f'qiegħ il-paġna supra.

(5) Ara l-ĠU C 221, 16.7.1998, p.1.

(6) Ara l-ĠU C 221, 16.7.1998, p. 27.

## 2.3. Liema qrati għandhom il-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet matrimonjali?

### 2.3.1. Introduzzjoni għar-regoli dwar il-ġurisdizzjoni

Ir-regoli dwar il-ġurisdizzjoni fl-Artikolu 3 jistabbilixxu f'liema Stat Membru huma kompetenti l-qrati, iżda mhux il-qorti li hija kompetenti f'dak l-Istat Membru. Il-mistoqsija dwar liema qorti hija kompetenti fi kwistjonijiet matrimonjali titħalla għal-liġi domestika ta' kull Stat Membru.

(7) Ara r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru. 1259/2010 tal-20 ta' Diċembru 2010; ĠU L 343, 29.12.2010, p. 10, li mhuwiex applikat fl-Istati Membri kollha.

(8) Ara r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008; ĠU L 7, 10.1.2009, p. 1

(9) Ara l-Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet li jikkonċernaw is-sistemi tal-proprjetà matrimonjali; COM (2011) 126, 16.03.2011

(10) Ara r-Regolament (UE) Nru. 650/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012; ĠU L 201, 27.7.2012, p. 107, li mhuwiex applikat fl-Istati Membri kollha.

## 2.3.2. Ir-regoli dwar il-ġurisdizzjoni – analiżi ġudizzjarja

*Imħallef li l-qorti tiegħu tirċievi applikazzjoni għal divorzju jagħmel l-analiżi li ġejja:*

Għandi ġurisdizzjoni skont l-Artikoli 3-5?

IVA ►

▼ LE

Hemm xi qorti ta' Stat Membru ieħor li għandha ġurisdizzjoni skont ir-Regolament (l-Artikolu 17)?

► IVA: Jien niddikjara ex-officio li ma għandix ġurisdizzjoni (l-Artikolu 17).[11]

▼ LE

Kien hemm xi qorti oħra li diġà kienet inkarigata minn proċedimenti għal divorzju, separazzjoni jew annullament bejn l-istess partijiet (l-Artikolu 19(1))?

► IVA: Jien niddikjara ex-officio li għandi nwaqqaf il-proċedimenti li għandi quddiemi sakemm tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni tal-ewwel qorti inkarigata

▼

Ġiet stabbilita l-ġurisdizzjoni tal-ewwel qorti inkarigata (l-Artikolu 19(3))?

▼ IVA: Jien nirrifjuta l-ġurisdizzjoni

◄ LE

▼ LE

Nista' nkompli nisma' l-kawża

Fejn ma jkun hemm ebda qorti kompetenti skont ir-Regolament, jien xorta jista' jkolli ġurisdizzjoni skont il-liġi nazzjonali tiegħi ("ġurisdizzjoni residwa") (l-Artikolu 7).

(11) Ara l-paragrafu 2.3.5.

### 2.3.3. Id-diversi raġunijiet għall-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet matrimonjali – l-Artikolu 3

Ma teżisti ebda regola ġenerali fir-rigward tal-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet matrimonjali. Minflok, l-Artikolu 3 jelenka seba' raġunijiet għall-ġurisdizzjoni. Il-konjugi jistgħu jressqu applikazzjoni għal divorzju fil-qrati tal-Istat Membru:

a. tar-residenza abitwali tagħhom, jew
b. tal-aħħar residenza abitwali tagħhom jekk xi ħadd minnhom ikun għadu jgħix hemmhekk, jew
c. tar-residenza abitwali ta' xi ħadd mill-konjugi f'każ ta' applikazzjoni konġunta, jew
d. tar-residenza abitwali tal-konvenut, jew
e. tar-residenza abitwali tal-applikant, bil-kundizzjoni li dan ikun għex hemmhekk għal mill-inqas sena qabel għamel l-applikazzjoni, jew
f. tar-residenza abitwali tal-applikant, bil-kundizzjoni li dan ikun għex hemmhekk għal mill-inqas sitt xhur qabel għamel l-applikazzjoni u jkun ċittadin ta' dak l-Istat Membru, jew
g. tan-nazzjonalità komuni tagħhom ("domiċilju" komuni fil-każ tar-Renju Unit u l-Irlanda).

### 2.3.4. In-natura alternattiva tar-raġunijiet għall-Ġurisdizzjoni

Ir-raġunijiet għall-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet matrimonjali huma alternattivi, billi jimplikaw li ma teżisti ebda ġerarkija u, għalhekk, ebda ordni ta' preċedenza bejniethom. Fil-kawża *Hadadi* tal-QtĠ-UE[12], il-qorti kellha tieħu deċiżjoni fuq il-mistoqsijiet dwar jekk kienx hemm tali ġerarkija, minħabba li f'dak il-każ il-konjugi kienu t-tnejn ċittadini tal-istess żewġ Stati Membri; is-sustanza tad-deċiżjoni tal-qorti hija mogħtija fil-kaxxa li ġejja.

Il-konjugi għexu flimkien u kellhom ir-residenza abitwali tagħhom fl-Istat Membru A. Huma kienu t-tnejn ċittadini ta' dak l-Istat Membru u tal-Istat Membru B. Wara li nfirdu, kemm W kif ukoll H ressqu azzjonijiet għal divorzju, W fl-Istat Membru A u, erbat ijiem wara, H fl-Istat Membru B, waqt li t-tnejn komplew jgħixu f'A. Il-qorti f'B tat divorzju; għalhekk, fil-prinċipju, dak id-divorzju kien rikonoxxibbli u infurzabbli.

Sadanittant, il-qorti tal-ewwel istanza f'A irrifjutat li taċċetta l-applikazzjoni għal divorzju minn W. Wara appell minn W, il-qorti tal-appell f'A annullat din id-deċiżjoni u ddikjarat ukoll li l-ordni tal-qorti f'B ma setgħetx tiġi rikonoxxuta f'A. H appellat u l-kawża tressqet quddiem il-QtĠ-UE.

Lill-Qorti tal-Ġustizzja sarulha tliet mistoqsijiet:

- l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament kellu jiġi interpretat bħala li jfisser li, f'sitwazzjoni fejn il-konjugi jkollhom kemm in-nazzjonalità tal-Istat tal-qorti invokata kif ukoll in-nazzjonalità ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, in-nazzjonalità tal-Istat tal-qorti invokata għandha tipprevali?
- jekk it-tweġiba għall-ewwel mistoqsija hija Le, mela allura dik id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata bħala li tirreferi, f'sitwazzjoni fejn il-konjugi t-tnejn ikollhom nazzjonalità doppja

(12) Ara, dwar dan il-punt, id-deċiżjoni tal-QtĠ-UE fil-Kawża C-168/08 Hadadi vs Hadadi [2009] Ġabra I-6871- sentenza mogħtija fis-16 ta' Lulju 2009.

tal-istess żewġ Stati Membri, għall-aktar waħda effettiva miż-żewġ nazzjonalitajiet? – u

- jekk it-tweġiba għat-tieni mistoqsija hija Le, għandu għalhekk jitqies li dik id-dispożizzjoni toffri għażla addizzjonali lill-konjugi, li tippermetti lil dawk il-konjugi li jagħżlu li jressqu proċedimenti quddiem il-qrati ta' wieħed miż-żewġ Stati li tagħhom it-tnejn huma għandhom in-nazzjonalità?'

Il-Qorti wieġbet kif ġej:

- meta l-qorti tal-Istat Membru indirizzat - f'dan il-każ A - ikollha tivverifika jekk il-qorti tal-Istat Membru tal-oriġini - f'dan il-każ B - ta' sentenza kellhiex ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 3(1)(b) tar-regolament, l-aħħar dispożizzjoni tipprekludi lill-qorti tal-Istat Membru A milli tqis lill-konjugi, li t-tnejn għandhom in-nazzjonalità kemm ta' A kif ukoll ta' B, bħala ċittadini biss ta' A. Għall-kuntrarju, il-qorti fl-Istat Membru A għandha tikkunsidra l-fatt li l-konjugi għandhom ukoll in-nazzjonalità ta' B u li, għalhekk, il-qrati ta' dan tal-aħħar seta' jkollhom ġurisdizzjoni sabiex jisimgħu l-kawża.
- is-sistema ta' ġurisdizzjoni stabbilita mir-Regolament dwar ix-xoljiment tar-rabtiet matrimonjali mhijiex eskluża sabiex teskludi lill-qrati ta' diversi Stati milli jkollhom ġurisdizzjoni. Minflok, il-koeżistenza ta' diversi qrati b'ġurisdizzjoni hija prevista espliċitament, mingħajr ma tiġi stabbilita ġerarkija bejniethom.
- filwaqt li r-raġunijiet tal-ġurisdizzjoni elenkati fl-Artikolu 3(1)(a) huma bbażati f'diversi aspetti fuq ir-residenza abitwali tal-konjugi, dawk elenkati fl-Artikolu 3(1)(b) huma bbażati fuq 'in-nazzjonalità taż-żewġ konjugi jew, fil-każ tar-Renju Unit u tal-Irlanda, id-"domiċilju" taż-żewġ konjugi'. B'hekk, għajr fir-rigward tal-aħħar żewġ Stati Membri, il-qrati tal-Istati Membri l-oħrajn, li tagħhom il-konjugi għandhom in-nazzjonalità, għandhom ġurisdizzjoni fi proċedimenti relatati max-xoljiment tar-rabtiet matrimonjali.
- Għaldaqstant, it-tweġiba għat-tieni u t-tielet mistoqsijiet imsemmija għandha tkun li, meta l-konjugi jkollhom in-nazzjonalità tal-istess żewġ Stati Membri, l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament jipprekludi l-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' wieħed minn dawk l-Istati Membri milli tiġi miċħuda fuq il-bażi li l-applikant ma jippreżentax rabtiet oħrajn ma' dak l-Istat. Għall-kuntrarju, il-qrati ta' dawk l-Istati Membri, li tagħhom il-konjugi għandhom in-nazzjonalità, għandhom ġurisdizzjoni skont dik id-dispożizzjoni u l-konjugi jistgħu jressqu proċedimenti quddiem il-qorti tal-Istat Membru tal-għażla tagħhom.

## 2.3.5. Eżaminazzjoni rigward il-ġurisdizzjoni – l-Artikolu 17

Meta qorti ta' Stat Membru tiġi invokata b'applikazzjoni fi kwistjoni matrimonjali li fir-rigward tagħha ma jkollha ebda ġurisdizzjoni skont ir-regoli stabbiliti fir-Regolament u, min-naħa l-oħra, ikun hemm qorti ta' Stat Membru ieħor li jkollha ġurisdizzjoni, mela allura hija għandha tiddikjara ex-officio li ma għandhiex ġurisdizzjoni. Fil-kawża ta' A[13], il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja pprovdiet il-gwida li ġejja dwar x'għandha tagħmel qorti f'ċirkostanzi bħal dawn:

> 'Meta qorti ta' Stat Membru ma jkollha ebda ġurisdizzjoni, hija għandha tiddikjara ex-officio li ma għandhiex ġurisdizzjoni, iżda mhijiex mitluba li tittrasferixxi l-kawża lil qorti oħra. Madankollu, safejn ikun meħtieġ għall-protezzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal, il-qorti nazzjonali li ddikjarat ex-officio li hija ma għandha ebda ġurisdizzjoni għandha tinforma b'dan, direttament jew permezz tal-awtorità ċentrali maħtura skont l-Artikolu 53 tar-Regolament Nru 2201/2003, lill-qorti ta' Stat Membru ieħor li jkollha ġurisdizzjoni.'

## 2.3.6. Eżempji tal-applikazzjoni tar-regoli dwar il-ġurisdizzjoni

*Eżempju 1: Iż-żewġ konjugi huma abitwalment residenti fl-istess Stat Membru.*

Raġel li huwa ċittadin tal-Istat Membru A huwa miżżewweġ lil mara li hija ċittadina tal-Istat Membru B. Il-koppja hija abitwalment residenti fl-Istat Membru Ċ. Wara ftit snin, iż-żwieġ tagħhom jiddeterjora u l-mara tkun trid tiddivorzja. Il-konjugi jistgħu japplikaw għal divorzju biss quddiem il-qrati tal-Istat Membru Ċ skont l-Artikolu 3 fuq il-bażi li huma għandhom ir-residenza abitwali tagħhom hemmhekk. Il-mara ma tistax tressaq proċedimenti quddiem il-qrati tal-Istat Membru B fuq il-bażi li hija ċittadina ta' dak l-Istat, minħabba li l-Artikolu 3.1(b) jirrikjedi n-nazzjonalità komuni taż-żewġ konjugi.

*Eżempju 2: Konjugi li huma abitwalment residenti fi Stati Membri differenti*

Il-konjugi, li preċedentement kienu abitwalment irrisjedew flimkien fl-Istat Membru A, infirdu. H, ċittadin ta' dak l-Istat, jibqa' hemmhekk, filwaqt li W tmur fl-Istat Membru B, li tiegħu hija ċittadina. L-għażliet għall-konjugi huma dawn li ġejjin:- Kemm H kif ukoll W jistgħu jressqu applikazzjoni fil-qrati tal-Istat Membru A fuq il-bażi li dak kien l-Istat tal-aħħar residenza abitwali taż-żewġ konjugi u H għadu jgħix hemmhekk; H jista' japplika wkoll fil-qrati tal-Istat Membru B ladarba W hija abitwalment residenti hemmhekk. W tista' tressaq ukoll applikazzjoni kemm fil-qrati tal-Istat Membru A fuq il-bażi li H huwa abitwalment residenti hemmhekk, kif ukoll fil-qrati tal-Istat Membru B, li tiegħu hija ċittadina u fejn hija abitwalment residenti, jekk tkun ilha tirrisjedi hemm għal mill-inqas sitt xhur immedjatament qabel tressqet l-applikazzjoni.

(13) Il-Kawża C-523/07 A [2009] Ġabra I-2805; sentenza mogħtija fit-2 ta' April 2009).

*Eżempju 3: Konjugi b'nazzjonalità konġunta ta' Stat Membru wieħed*

Il-konjugi H u W huma t-tnejn ċittadini tal-Istat Membru P, iżda kienu qegħdin jgħixu fl-Istat A; wara li nfirdu, it-tnejn telqu minn A. H imur fl-Istat Membru B u W tmur fl-Istat Membru Ċ. Il-konjugi jistgħu minnufih iressqu applikazzjoni quddiem il-qrati tal-Istat Membru P fuq il-bażi tan-nazzjonalità konġunta tagħhom; inkella, kull wieħed minnhom jista' jagħmel dan quddiem il-qrati tar-residenza abitwali ġdida rispettiva tagħhom ladarba jkun ilu residenti hemmhekk għal mill-inqas sena

*Eżempju 4: Il-konjugi huma ċittadini ta' Stati Membri differenti*

Il-konjugi W u H, li jgħixu fl-Istat Membru S, huma ċittadini tal-Istati Membri G u H, rispettivament. Wara li jisseparaw, W tirritorna fl-Istat Membru G, filwaqt li H imur fi Stat Membru ieħor N. F'dan il-każ, il-konjugi għandhom l-għażliet li ġejjin: W tista' tapplika għal divorzju quddiem il-qrati fl-Istat Membru N ladarba H ikun kiseb Residenza Abitwali hemmhekk; W tista' tapplika għal divorzju fl-Istat Membru G, jiġifieri l-Istat Membru tan-nazzjonalità tagħha, ladarba hija tkun kisbet residenza abitwali hemmhekk u tkun ilha tirrisjedi hemmhekk għal sitt xhur. H jista' japplika għal divorzju fl-Istat Membru G ukoll, ladarba W tkun kisbet residenza abitwali hemmhekk; H jista' japplika għal divorzju fl-Istat Membru N biss ladarba huwa jkun ilu sena jirrisjedi hemmhekk u jkun kiseb residenza abitwali f'dak l-Istat.

*Eżempju 5: Xi ħadd mill-konjugi mhuwiex ċittadin ta' Stat Membru tal-UE*

Qabel isseparaw, il-konjugi għexu flimkien u kellhom ir-residenza abitwali konġunta tagħhom fl-Istat Membru A. Filwaqt li W hija ċittadina tal-Istat Membru B, H huwa ċittadin tal-Istat Ċ li mhuwiex membru tal-UE. Wara li l-koppja nfirdet, W baqgħet tgħix fl-Istat Membru A u H irritorna fl-Istat Ċ. Kemm H kif ukoll W jistgħu jressqu applikazzjoni fil-qrati tal-Istat Membru A, fuq il-bażi li dak kien l-Istat tal-aħħar residenza abitwali taż-żewġ konjugi u W għadha tgħix hemmhekk. Li kieku W telqet mill-Istat Membru A u marret tgħix fl-Istat Membru B, li tiegħu hija ċittadina, hija kienet tkun tista' tressaq applikazzjoni meta tkun abitwalment residenti hemmhekk jekk tkun ilha tirrisjedi hemmhekk għal mill-inqas sitt xhur qabel titressaq l-applikazzjoni.

L-aspetti ta' din is-sitwazzjoni ġew indirizzati f'kawża quddiem il-QtĠ-UE[14], fejn il-mara sostniet li ma kien hemm ebda bażi ta' ġurisdizzjoni skont ir-Regolament minħabba li żewġha la kien abitwalment residenti fi, u lanqas ma kien ċittadin ta', Stat Membru tal-Unjoni Ewropea. Hija saħqet li skont il-liġi nazzjonali ta' B, il-qrati ta' dak l-Istat Membru, li tiegħu hija ċittadina, kienu kompetenti bis-saħħa tat-tħaddim tal-Artikoli 6 u 7.

Il-QtĠ-UE sostniet li sakemm qorti fi Stat Membru tkun kompetenti skont ir-Regolament, qorti oħra li jitressqu proċedimenti quddiemha għandha tiddikjara ex-officio skont l-Artikolu 17 li hija ma għandha

(14) Ara l-Kawża C-68/07 Sundelind Lopez vs Lopez Lizazo [2007] Ġabra I-10403, fejn is-sentenza ngħatat fid-29 ta' Novembru 2007.

ebda ġurisdizzjoni u, għalhekk, li l-Artikoli 6 u 7 ma jistgħux jintużaw sabiex jippermettu lir-regoli dwar il-ġurisdizzjoni skont il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru jistabbilixxu liema qorti hija kompetenti.

### 2.3.7. In-natura esklussiva tar-regoli dwar il-ġurisdizzjoni – l-Artikolu 6

Ir-raġunijiet huma esklussivi fis-sens li l-konjugi li huma abitwalment residenti fi Stat Membru jew li huma ċittadini ta' Stat Membru (jew li għandhom id-"domiċilju" tagħhom fir-Renju Unit jew fl-Irlanda) jistgħu jiġu mfittxa biss fi Stat Membru ieħor fuq il-bażi tar-regoli stipulati fl-Artikolu 3 sa 5 tar-Regolament.

### 2.3.8. Ir-raġunijiet residwi tal-ġurisdizzjoni – l-Artikolu 7

Meta r-regoli stipulati fl-Artikoli 3 sa 5 ma jservux biex jagħtu ġurisdizzjoni lil qorti ta' kwalunkwe Stat Membru, minflok jistgħu japplikaw ir-regoli nazzjonali dwar il-ġurisdizzjoni f'kull Stat Membru sabiex jiġi stabbilit jekk qorti ta' kwalunkwe Stat Membru għandhiex ġurisdizzjoni. Madankollu, minħabba n-natura esklussiva tar-regoli stipulati f'dawk l-Artikoli, kif inhu previst fl-Artikolu 6, din ir-regola fl-Artikolu 7(1) tapplika biss fir-rigward ta' konvenut li ma jkunx abitwalment residenti fi jew ċittadin ta' jew (fil-każ tar-Renju Unit u l-Irlanda) ma jkollux domiċilju fi Stat Membru. Fil-konfront ta' tali konvenut, ir-regoli ta' ġurisdizzjoni fi Stat Membru jistgħu jiġu appellati minn kwalunkwe ċittadin ta' dak l-Istat Membru, kif ukoll minn kwalunkwe ċittadin ta' Stat Membru ieħor li huwa abitwalment residenti f'dak l-Istat.[15]

(15) Ara l-Eżempju 5 fil-paragrafu 2.3.6 u n-nota f'qiegħ il-paġna preċedenti.

### 2.3.9. Il-prorogazzjoni tal-qorti tad-divorzju fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà ta' ġenituri

Fl-Artikolu 12 hemm regola ta' prorogazzjoni li tistipula li qorti li jitressqu quddiemha proċedimenti ta' divorzju skont ir-Regolament ikollha wkoll ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà ta' ġenituri marbuta mad-divorzju jekk jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet[16].

## 2.4. Lis Pendens – jew x'jiġri jekk il-proċedimenti jitressqu f'żewġ Stati Membri? – l-Artikolu 19 (1)

Ladarba jitressqu proċedimenti quddiem qorti skont l-Artikolu 3 tar-Regolament u hija tiddikjara lilha nnifisha bħala kompetenti, il-qrati tal-Istati Membri l-oħrajn ma jibqgħux kompetenti u għandhom jirrifjutaw kwalunkwe applikazzjoni sussegwenti. L-għan tar-regola "lis pendens" huwa li tiżgura ċ-ċertezza legali u li tevita azzjonijiet paralleli u l-possibbiltà ta' sentenzi irrikonċiljabbli.

L-Artikolu 19(1) ikopri żewġ sitwazzjonijiet:

a. Meta jitressqu proċedimenti relatati mal-istess suġġett u kawża ta' azzjoni quddiem qrati ta' Stati Membri differenti u.
b. Meta jitressqu proċedimenti li ma jkunux relatati mal-istess kawża ta' azzjoni, iżda li jkunu "azzjonijiet dipendenti" quddiem qrati ta' Stati Membri differenti

(16) Ara l-paragrafu 3.2.6 infra.

Id-differenza bejn (a) u (b) tista' tiġi spjegata kif ġej: jekk il-konjugi t-tnejn iressqu proċedimenti għal divorzju f'żewġ Stati Membri differenti, mela allura tapplika r-regola f'(a) minħabba li l-proċedimenti jkollhom l-istess kawża ta' azzjoni. Meta xi ħadd mill-konjugi jressaq proċedimenti għal divorzju fi Stat Membru wieħed u l-parti l-oħra tressaq proċedimenti għal annullament fi Stat Membru ieħor, mela allura tapplika r-regola f'(b) minħabba li għalkemm il-kawża ta' azzjoni mhijiex l-istess, l-azzjonijiet xorta waħda huma relatati ma' jew huma dipendenti fuq xulxin.

## 2.5. Ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali

### 2.5.1. Ma hija meħtieġa ebda proċedura speċjali għar-rikonoxximent ta' sentenza – l-Artikolu 21(2)

Bħala kwistjoni ta' prinċipju, ma huwa meħtieġ li tintuża ebda proċedura speċjali sabiex jinkiseb ir-rikonoxximent fi Stat Membru wieħed tal-UE ta' sentenza mogħtija fi Stat Membru ieħor. B'mod partikolari, jekk ma jitressaq ebda appell jew jekk ma jista' jsir ebda appell ieħor kontra s-sentenza fl-Istat Membru tal-oriġini tagħha, ma hija meħtieġa ebda proċedura speċjali sabiex jiġu aġġornati r-reġistri tal-istat ċivili ta' Stat Membru fuq il-bażi ta' sentenza. Dan huwa importanti billi, għal skopijiet prattiċi, dan ifisser li jekk persuna tkun tixtieq tiżżewweġ lil xi ħaddieħor wara li tiddivorzja, ikun meħtieġ biss li hija tippreżenta s-sentenza nnifisha lill-awtoritajiet fl-Istat Membru fejn ikun ser isir iż-żwieġ ġdid sabiex ikun jista' jiġi kkonfermat l-istat ċivili ta' dik il-persuna bħala waħda ddivorzjata u, b'hekk, libera li tiżżewweġ.

### 2.5.2. Il-proċedura għar-rikonoxximent u l-infurzar – l-Artikoli 21 u 23-39

Kwalunkwe parti interessata tista' titlob li sentenza dwar kwistjonijiet matrimonjali, maħruġa minn qorti ta' Stat Membru, għandha tiġi jew ma tiġix rikonoxxuta u ddikjarata bħala infurzabbli fi Stat Membru ieħor. Il-proċess għad-dikjarazzjoni ta' sentenza barranija bħala infurzabbli xi drabi ssir referenza għalih bħala 'exequatur'. It-talba għal dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà għandha ssir lill-qorti kompetenti fl-Istat Membru fejn jiġu mfittxija r-rikonoxximent u l-infurzar. Il-qrati maħtura mill-Istati Membri għal dan l-iskop jistgħu jinstabu fil-lista 1 [17] Din il-qorti għandha tiddikjara, mingħajr dewmien, li s-sentenza hija infurzabbli f'dak l-Istat Membru. La l-persuna li fil-konfront tagħha jintalab l-infurzar u lanqas il-persuna minorenni ma hija intitolata sabiex tissottometti osservazzjonijiet lill-qorti f'dan l-istadju.

Il-partijiet jistgħu jappellaw kontra d-deċiżjoni. L-appell għandu jiġi ppreżentat lill-qrati maħtura mill-Istati Membri għal dan l-iskop, li jistgħu jinstabu fil-lista 2. F'dan l-istadju, iż-żewġ partijiet jistgħu jissottomettu l-kummenti tagħhom lill-qorti.

(17) ĠU C 85, 23.3.2013, p. 6.

### 2.5.3. Ir-raġunijiet għar-rifjut tar-rikonoxximent ta' sentenza – l-Artikolu 22

Hemm raġunijiet limitati li abbażi tagħhom jista' jiġi rrifjutat ir-rikonoxximent. Dawn huma -

- li r-rikonoxximent ikun evidentement kontra l-politika pubblika tal-Istat Membru tal-infurzar[18]
- meta l-konvenut ma jitfaċċax jekk id-dokumenti inizjali ma jkunux ġew ipprovduti fil-ħin sabiex tali konvenut ikun jista' jagħmel l-arranġamenti għal difiża, sakemm huwa ma jkunx aċċetta b'mod ċar is-sentenza
- jekk is-sentenza tkun irrikonċiljabbli ma' sentenza bejn l-istess partijiet fl-Istat Membru fejn jiġi mfittex ir-rikonoxximent, jew
- jekk hija tkun irrikonċiljabbli ma' sentenza bejn l-istess partijiet fi Stat ieħor li tkun tista' tiġi rikonoxxuta fl-Istat Membru fejn jiġi mfittex ir-rikonoxximent.

(18) Iżda fuq dan il-punt ara l-Artikolu 25 tar-Regolament u l-paragrafu 2.5.4.

### 2.5.4. Restrizzjonijiet li jikkonċernaw ir-reviżjoni mill-qorti fejn jiġi mfittex ir-rikonoxximent

Il-qorti fejn jiġi mfittex ir-rikonoxximent ma tistax:

- tirrevedi l-bażi tal-ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Istat Membru tal-oriġini li tat is-sentenza – l-Artikolu 24
- tapplika t-test tal-politika pubblika għar-regoli ta' ġurisdizzjoni stabbiliti fl-Artikoli 3 sa 7 tar-Regolament – l-Artikolu 24
- tirrifjuta li tirrikonoxxi s-sentenza minħabba li l-liġi tal-Istat Membru tar-rikonoxximent ma tkunx ippermettiet li tingħata sentenza fi kwistjonijiet matrimonjali fuq l-istess fatti – l-Artikolu 25 jew
- i kwalunkwe każ, tirrevedi s-sentenza fir-rigward tas-sustanza tagħha – l-Artikolu 26

### 2.5.5. Strumenti awtentiċi – l-Artikolu 46

Dokument imħejji jew irreġistrat fi Stat Membru bħala strument awtentiku li huwa infurzabbli hemmhekk, jew ftehim li ġie konkluż jew li huwa infurzabbli fl-Istat Membru fejn ġie konkluż, għandu jiġi rikonoxxut u ddikjarat bħala infurzabbli fi Stat Membru ieħor bħal sentenza[19].

### 2.5.6. Il-legalizzazzjoni – l-Artikolu 52

Ma hija meħtieġa ebda formalità ta' legalizzazzjoni għad-dokumenti relatati mar-rikonoxximent jew mal-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali, inkluż sentenza jew ċertifikat.

(19) Għal indikazzjoni ġenerali tat-tifsira ta' 'strument awtentiku', li tiddeskrivi n-natura u l-effett tiegħu, ara l-kawża tal-QtĠ-UE Unibank A/S vs Flemming G. Christensen, il-Kawża C- 260/97 [1999] Ġabra I-3715 tas-17 ta' Ġunju 1999; hemm ukoll definizzjoni li issa tista' tinstab fl-Artikolu 2.3 tar-Regolament dwar il-Manteniment – referenza għan-nota 8 f'qiegħ il-paġna supra.



# 3. Ir-Responsabbiltà tal-Ġenituri

## 3.1. Kamp ta' Applikazzjoni Materjali

***Ir-Regolament jittratta l-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar***

### 3.1.1. Kwistjonijiet koperti mir-Regolament

Ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar il-ġurisdizzjoni (il-Kapitolu II), ir-rikonoxximent u l-infurzar (il-Kapitolu III) u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ċentrali (il-Kapitolu IV) fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri. Huwa jinkludi regoli speċifiċi dwar is-sekwestru tat-tfal u d-drittijiet ta' aċċess.

***Ir-Regolament japplika għall-kwistjonijiet ċivili kollha li jikkonċernaw "l-attribuzzjoni, l-eżerċizzju, id-delegazzjoni, ir-restrizzjoni jew it-terminazzjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri"***

#### 3.1.1.1. Liema tfal huma koperti mir-Regolament?

B'kuntrast mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-ħarsien tat-tfal (ara l-kapitolu 8 ta' hawn taħt), li tapplika għal tfal sal-età ta' 18-il sena, ir-Regolament ma jiddefinixxi ebda età massima għat-tfal li huma koperti mir-Regolament, iżda jħalli din il-kwistjoni għal-liġi nazzjonali. Ta' min jinnota li l-Konvenzjoni tal-Aja dwar is-Sekwestru tat-Tfal tapplika għal tfal sal-età ta' 16-il sena. Għalkemm id-deċiżjonijiet dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri fil-maġġoranza tal-każijiet jikkonċernaw minorenni ta' taħt it-18-il sena, persuni taħt it-18-il sena jistgħu jkunu soġġetti għal emanċipazzjoni skont il-liġi nazzjonali, b'mod partikolari jekk ikollhom ix-xewqa li jiżżewġu. Fil-prinċipju, id-deċiżjonijiet maħruġa fir-rigward ta' dawn il-persuni ma jikkwalifikawx bħala kwistjonijiet ta' "responsabbiltà tal-ġenituri" u konsegwentement jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament.

#### 3.1.1.2. It-tifsira ta' 'responsabbiltà tal-ġenituri' – l-Artikoli 1 (1) (b), 1 (2) u 2 (7)

It-terminu "responsabbiltà ta' ġenituri" huwa definit b'mod wiesa' fl-Artikolu 1(2) u jkopri d-drittijiet u d-dmirijiet kollha ta' detentur ta' responsabbiltà tal-ġenituri fir-rigward tal-persuna jew tal-proprjetà tal-minorenni. Dawn jistgħu jirriżultaw minn sentenza, operat tal-liġi jew ftehim. Il-lista ta' materji li jaqgħu fi ħdan it-tifsira ta' "responsabbiltà ta' ġenituri" skont ir-Regolament mhijiex eżawrjenti, iżda hija sempliċiment illustrattiva.

Huwa jinkludi –

- id-drittijiet ta' kustodja u d-drittijiet ta' aċċess
- il-kurazija u l-bqija
- in-nomina u l-funzjonijiet ta' persuna li terfa' r-responsabbiltà tal-persuna jew tal-proprjetà tal-minorenni jew li tirrappreżenta jew tassisti lill-minorenni
- il-miżuri għall-protezzjoni ta' persuna minorenni fir-rigward tal-amministrazzjoni, il-konservazzjoni jew id-disponiment tal-proprjetà ta' persuna minorenni
- it-tqegħid ta' persuna minorenni f'familja li tiffosterja t-tfal jew f'kura istituzzjonali.

Id-detentur tar-responsabbiltà tal-ġenituri jista' jkun persuna fiżika jew ġuridika.

## *Ir-Regolament japplika għal "kwistjonijiet ċivili"*

### 3.1.1.3. It-tifsira ta' kwistjoni ċivili – l-Artikolu 1(1) u (2) u l-Premessa 7

Ir-Regolament japplika għal "kwistjonijiet ċivili". Il-kunċett ta' "kwistjonijiet ċivili" huwa definit b'mod wiesa' għall-finijiet tar-Regolament u jkopri l-kwistjonijiet kollha elenkati fl-Artikolu 1(2). Meta kwistjoni speċifika ta' responsabbiltà tal-ġenituri tkun miżura ta' "liġi pubblika" skont il-liġi nazzjonali, bħat-tqegħid ta' persuna minorenni f'familja li tiffosterja t-tfal jew f'kura istituzzjonali, hawnhekk għandu japplika r-Regolament. Eżempju ta' din is-sitwazzjoni huwa mogħti fil-kaxxa kontigwa.

Il-mistoqsija dwar jekk it-tqegħid ta' persuna minorenni f'familja li tiffosterja t-tfal huwiex materja ċivili għall-finijiet tar-Regolament ġiet ikkunsidrata mill-QtĠ-UE fil-kawżi ta' C[20] u A[21] F'kull waħda minn dawn il-kawżi, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tiddeċiedi jekk tali tqegħid f'familja li tiffosterja t-tfal skont il-liġi pubblika jistax ikun fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament. Dawn iż-żewġ kawżi rriżultaw minn sitwazzjonijiet fejn it-tfal ittieħdu f'kura u tqiegħdu f'familji li jiffosterjaw it-tfal.

(20) Il-Kawża C-435/06 C [2007] Ġabra I-10141; sentenza mogħtija fis-27 ta' Novembru 2007

(21) Il-Kawża C-523/07 A [2009] Ġabra I-2805; sentenza mogħtija fit-2 ta' April 2009

Fil-kawża ta' C, żewġt itfal kienu s-suġġett ta' ordni maħruġa mill-awtoritajiet tal-indukrar tat-tfal fl-Isvezja. Ftit wara li nħarġet l-ordni, omm it-tfal ħadithom fil-Finlandja u pprovat tirreżisti l-infurzar tal-ordni milli appellat quddiem il-Qorti Suprema fil-Finlandja fuq għadd ta' raġunijiet, inkluż li l-ordni kienet taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament minħabba li ma kinitx materja ċivili iżda ttieħdet skont il-liġi pubblika. Il-QtĠ-UE sostniet li l-ordni kienet taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament bħala materja ċivili kemm fir-rigward ta' dik il-parti li tirrigwardja t-teħid tat-tfal f'kura kif ukoll fir-rigward tal-kollokament tat-tfal ma' familja li tiffosterja t-tfal.

Fil-kawża ta' A, tlitt itfal kienu jgħixu ma' ommhom u missierhom tar-rispett fl-Isvezja. Huma ċċaqilqu għas-sajf lejn il-Finlandja u aktar tard matul dik is-sena ġew ordnati mill-awtoritajiet Finlandiżi għall-protezzjoni tat-tfal sabiex jittieħdu f'kura u jitqiegħdu ma' familja li tiffosterja t-tfal fuq il-bażi li ommhom u missierhom tar-rispett kienu abbandunawhom. L-omm imbagħad appellat quddiem il-Qorti Suprema Finlandiża kontra l-ordni għar-raġuni, fost l-oħrajn, li hija kienet taqa' barra mid-definizzjoni tal-materji ċivili għall-finijiet tar-Regolament. Dik il-qorti rreferiet il-kwistjoni quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja għall-interpretazzjoni tar-Regolament u din tal-aħħar iddeċidiet li deċiżjoni unika li tordna t-teħid ta' persuna minorenni f'kura u t-tqegħid tagħha barra d-dar oriġinali tagħha f'familja li tiffosterja t-tfal hija koperta mit-terminu 'materji ċivili' għall-finijiet ta' dik id-dispożizzjoni, fejn dik id-deċiżjoni kienet adottata fil-kuntest tar-regoli dwar il-liġi pubblika relatati mal-protezzjoni tat-tfal.

## *Ir-Regolament japplika għal miżuri ta' protezzjoni li jikkonċernaw il-proprjetà tal-persuna minorenni*

#### 3.1.1.4. Miżuri relatati mal-proprjetà ta' persuna minorenni – l-Artikolu 1.2(ċ), (e) u l-Premessa 9

Meta persuna minorenni jkollha proprjetà, jista' jkun meħtieġ li jittieħdu ċerti miżuri, bħal li tinħatar persuna jew entità sabiex tassisti u tirrappreżenta lill-persuna minorenni fir-rigward tal-proprjetà. B'hekk, ir-Regolament japplika għal kwalunkwe miżura li tista' tkun meħtieġa għall-amministrazzjoni jew il-bejgħ tal-proprjetà jekk, pereżempju, il-ġenituri tal-persuna minorenni jkunu f'tilwima fir-rigward ta' tali kwistjoni jew jekk il-persuna minorenni tispiċċa orfni.

B'kuntrast, il-miżuri li jirrigwardjaw il-proprjetà tal-minorenni, iżda li ma jikkonċernawx ir-responsabbiltà tal-ġenituri, mhumiex koperti mir-Regolament, iżda mir-Regolament tal-Kunsill Nru. 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali ("ir-Regolament Brussell I"). [22]. Hija r-responsabbiltà tal-imħallef li jevalwa fil-każ individwali jekk miżura li tirrigwardja l-proprjetà ta' persuna minorenni tikkonċernax ukoll ir-responsabbiltà tal-ġenituri jew le.

### 3.1.2. Kwistjonijiet esklużi mir-Regolament

#### 3.1.2.1. Kwistjonijiet li għalihom ir-Regolament ma japplikax – l-Artikolu 1(3) u l-Premessa 10

L-Artikolu 1(3) jelenka dawk il-kwistjonijiet li huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri skont it-tifsira tar-Regolament, anki jekk dawn jistgħu jkunu marbuta mill-qrib miegħu (pereżempju; il-filjazzjoni, l-adozzjoni, l-emanċipazzjoni u l-ismijiet tal-persuna minorenni). Filwaqt li r-Regolament japplika għal miżuri ta' protezzjoni fir-rigward tat-tfal, huwa ma japplikax għal tali miżuri meħuda bħala riżultat ta' reati kriminali kommessi minn tfal, ara l-Art. 1(3)(g) u l-Premessa 10.

***Ir-Regolament ma japplikax għall-obbligi tal-manteniment***

#### 3.1.2.2. Obbligi ta' manteniment – il-Premessa 11

L-obbligi tal-manteniment u r-responsabbiltà tal-ġenituri sikwit jiġu ttrattati fl-istess negozjati jew proċedimenti tal-qorti bejn il-ġenituri. Madankollu, l-obbligi tal-manteniment mhumiex koperti mir-Regolament, minħabba li diġà huma rregolati mir-Regolament dwar il-Manteniment[23], Madankollu, qorti li tkun kompetenti skont ir-Regolament ġeneralment ikollha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi wkoll fuq kwistjonijiet relatati mal-manteniment permezz tal-applikazzjoni tal-Artikolu 3(d) tar-Regolament dwar il-Manteniment. Din id-dispożizzjoni tippermetti lil qorti li hija kompetenti biex tittratta kwistjoni ta' responsabbiltà tal-ġenituri sabiex tiddeċiedi wkoll fuq il-manteniment, jekk dik il-kwistjoni tkun anċillari għall-kwistjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri.

Għalkemm iż-żewġ kwistjonijiet jiġu indirizzati fl-istess proċediment, id-deċiżjoni li tirriżulta tiġi rikonoxxuta u infurzata skont regoli differenti. Il-parti tad-deċiżjoni li tirrigwardja l-manteniment tiġi rikonoxxuta u infurzata fi Stat Membru ieħor skont ir-regoli tar-Regolament dwar il-Manteniment, filwaqt li l-parti tad-deċiżjoni li tirrigwardja r-responsabbiltà tal-ġenituri tiġi rikonoxxuta u infurzata skont ir-regoli tar-Regolament Brussell IIa.

(22) Ta' min jinnota li ġiet adottata verżjoni riformulata tar-Regolament 'Brussell I', li mistennija tibda tapplika mill-10 ta' Jannar 2015; ara r-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012; ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1.

(23) Ara n-nota 8 supra f'qiegħ il-paġna.

***Ir-Regolament japplika għad-deċiżjonijiet kollha dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri***

## 3.1.3. Liema deċiżjonijiet huma koperti mir-Regolament? – l-Artikolu 1(1)(b) u l-Premessa 5

B'kuntrast mar-Regolament Brussell II preċedenti, ir-Regolament preżenti japplika għad-deċiżjonijiet kollha maħruġa minn qorti ta' Stat Membru fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, irrispettivament minn jekk il-ġenituri humiex jew kinux miżżewġin u jekk il-partijiet għall-proċedimenti humiex it-tnejn il-ġenituri bijoloġiċi tal-persuna minorenni inkwistjoni.

***Ir-Regolament mhuwiex ristrett għas-sentenzi tal-qrati***

### 3.1.3.1. It-tifsira ta' sentenza – l-Artikolu 2(1) u (4)

Ir-Regolament japplika għal sentenzi tal-qrati, irrispettivament minn kif tista' tissejjaħ is-sentenza (fosthom digriet, ordni u deċiżjoni). Madankollu, huwa mhuwiex limitat għad-deċiżjonijiet maħruġa mill-qrati, iżda japplika għal kwalunkwe deċiżjoni ppronunzjata minn awtorità li jkollha ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet li jaqgħu taħt ir-Regolament, bħal awtoritajiet tal-ħarsien soċjali u tal-ħarsien tat-tfal.

***Ir-Regolament japplika għal "strumenti awtentiċi"***

### 3.1.3.2. Strumenti awtentiċi – l-Artikolu 46

Barra minn hekk, ir-Regolament japplika għal dokumenti li tħejjew jew ġew irreġistrati b'mod formali bħala "strumenti awtentiċi" u li huma infurzabbli fl-Istat Membru fejn tħejjew jew ġew irreġistrati. Tali dokumenti, li għandhom jiġu rikonoxxuti u ddikjarati bħala infurzabbli fi Stati Membri oħrajn taħt l-istess kundizzjonijiet bħal sentenza, jinkludu, pereżempju, dokumenti mħejjija minn jew quddiem nutara, kif ukoll dokumenti rreġistrati f'reġistri pubbliċi[24].

***Ir-Regolament japplika għal ftehimiet bejn il-partijiet***

### 3.1.3.3. Ftehimiet – l-Artikoli 46 u 55(e)

Karatteristika importanti oħra tar-Regolament hija li dan ikopri wkoll il-ftehimiet konklużi bejn il-partijiet sakemm dawn ikunu infurzabbli fl-Istat Membru fejn ġew konklużi. L-għan ta' din id-dispożizzjoni huwa li tappoġġja l-politika li huwa preferibbli fl-interessi tat-tfal li l-partijiet jiġu mħeġġa sabiex jilħqu ftehim fuq kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri permezz ta' negozjati, preferibbilment barra l-qorti.

B'hekk, ftehim għandu jiġi rikonoxxut u jkun infurzabbli fi Stati Membri oħrajn taħt l-istess kundizzjonijiet bħal sentenza, diment li jkun infurzabbli fl-Istat Membru fejn jiġi konkluż, irrispettivament minn jekk huwiex ftehim privat bejn il-partijiet jew ftehim konkluż quddiem awtorità. Dan huwa konformi wkoll mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 55(e) li permezz tagħhom l-Awtoritajiet Ċentrali għandhom jiffaċilitaw il-ftehim bejn id-detenturi tar-responsabbiltà tal-ġenituri permezz ta' medjazzjoni jew mezzi oħrajn u jiffaċilitaw il-komunikazzjoni transkonfinali għal dan il-għan.

***Ir-Regolament ma jwaqqafx lill-qrati milli jieħdu miżuri provviżorji, inklużi ta' protezzjoni, f'każijiet urġenti***

(24) Ara wkoll in-nota 19 supra f'qiegħ il-paġna.

#### 3.1.3.4. Miżuri Provviżorji u ta' Protezzjoni – l-Artikolu 20

L-Artikolu 20 jagħmilha ċara li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament ma jwaqqfux lil qorti milli tieħu miżuri provviżorji, inklużi ta' protezzjoni, b'konformità mal-liġi nazzjonali tagħha fir-rigward ta' persuna minorenni li

tkun tinsab fit-territorju tagħha, anki jekk qorti ta' Stat Membru ieħor ikollha ġurisdizzjoni skont ir-Regolament fir-rigward tas-sustanza tal-kwistjoni.

Konsegwentement, huwa ssuġġerit li, bħala kwistjoni ta' prattika tajba u sabiex jiġu spjegati b'mod ċar ir-raġunijiet għall-ġurisdizzjoni, li abbażi tagħha qorti tieħu miżura skont l-Artikolu 20, kull meta tali qorti tagħmel dan, hija għandha tiddikjara, in limine tas-sentenza li permezz tagħha jittieħdu l-miżuri, jekk hija għandhiex kompetenza ġurisdizzjonali jew le skont ir-Regolament dwar is-sustanza tal-proċess.(25)
Tali miżura tista' tittieħed minn qorti jew minn awtorità li jkollha ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (l-Artikolu 2(1)). Pereżempju, awtorità tal-benesseri, awtorità għall-ħarsien tat-tfal jew awtorità taż-żgħażagħ tista' tkun kompetenti sabiex tieħu miżuri provviżorji skont il-liġi nazzjonali.

L-Artikolu 20 mhuwiex regola li tikkonferixxi l-ġurisdizzjoni. Konsegwentement, il-miżuri provviżorji jieqfu jkollhom effett meta l-qorti kompetenti tordna l-miżuri li tqis li huma xierqa.

(25) Għal kummenti dwar il-ħtieġa ta' ċarezza rigward il-bażi ġurisdizzjonali li fuqha qorti tieħu miżuri provviżorji u ta' protezzjoni, ara l-Kawża C-256/09, Bianca Purrucker vs Guillermo Valles Perez [2010] Ġabra I-7353, b'mod partikolari fil-paragrafi 70 sa 76.

*Eżempju:*
Familja qiegħda tivvjaġġa bil-karozza mill-Istat Membru A lejn l-Istat Membru B waqt il-btala tas-sajf tagħhom. Meta jaslu fl-Istat Membru B, huma jisfaw vittmi ta' inċident tat-traffiku, fejn kulħadd jispiċċa jweġġa'. Il-persuna minorenni tweġġa' ftit, iżda ż-żewġ ġenituri jaslu fl-isptar fi stat ta' koma. L-awtoritajiet tal-Istat Membru B għandhom bżonn jieħdu ċerti miżuri provviżorji urġenti sabiex jipproteġu lill-persuna minorenni, li ma għandha ebda qraba fl-Istat Membru B. Il-fatt li l-qrati tal-Istat Membru A għandhom ġurisdizzjoni skont ir-Regolament f'dan ir-rigward ma jwaqqafx lill-qrati jew lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru B milli jiddeċiedi, fuq bażi provviżorja, li jieħu miżuri sabiex jipproteġi lill-persuna minorenni. Dawn il-miżuri ma jibqgħux japplikaw ladarba l-qrati tal-Istat Membru A jkunu ħadu l-miżuri li jqisu li huma xierqa.

## 3.2. Il-Qrati ta' liema Stat Membru għandhom Ġurisdizzjoni fir-Responsabbiltà tal-Ġenituri

### 3.2.1. Sistema ta' regoli dwar il-Ġurisdizzjoni fir-Responsabbiltà tal-Ġenituri

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 8 sa 10 u 12 u 13 jistabbilixxu sistema ta' regoli dwar il-ġurisdizzjoni sabiex jiddeterminaw il-bażi li fuqha huma kompetenti l-qrati ta' Stat Membru fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri. Dawn ir-regoli ma jinnominawx il-qrati li huma kompetenti fl-Istati Membri, minħabba li dan huwa indirizzat taħt il-liġi nazzjonali rilevanti. Aktar informazzjoni dwar dan tista' tinstab fuq is-siti elettroniċi tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew(26).

(26) https://e-justice.europa.eu/home.do

### 3.2.2. Analiżi mill-Qorti tal-Ġurisdizzjoni fir-Responsabbiltà tal-Ġenituri

Meta qorti tieħu l-pussess ta' kawża li tikkonċerna kwistjoni ta' responsabbiltà tal-ġenituri, hija għandha tagħmel l-analiżi li ġejja:

Il-qorti invokata għandha ġurisdizzjoni skont ir-regola ġenerali fl-Art. 8?

▼ **IVA**

Il-qrati ta' Stat Membru ieħor għandhom ġurisdizzjoni prevalenti skont l-Art. 9, 10 jew 12?

▼ **IVA**

Il-qorti invokata għandha tirrifjuta l-ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 17.

▼ **LE**

Il-qorti għandha ġurisdizzjoni konformi mal-Art. 9-10, 12 jew 13?

▼ **LE**

Qorti ta' Stat Membru ieħor li tapplika l-Artikolu 17 għandha ġurisdizzjoni skont ir-Regolament?

▼ **IVA**

Permezz tal-applikazzjoni tal-Artikolu 17, il-qorti invokata għandha tiddikjara ex-officio li hija ma għandhiex ġurisdizzjoni.

▼ **LE**

Permezz tal-applikazzjoni tal-Artikolu 14, meta ma jkun hemm ebda qorti li tkun kompetenti skont l-Artikoli 8 sa 10 u 12 jew 13, il-qorti tista' teżerċita kwalunkwe ġurisdizzjoni mogħtija lilha skont il-liġi nazzjonali tagħha ("ġurisdizzjoni residwa").

Huwa ssuġġerit li bħala kwistjoni ta' prattika tajba, il-qrati għandhom dejjem jistabbilixxu b'mod ċar fis-sentenzi tagħhom il-bażi li fuqha ħadu ġurisdizzjoni f'responsabbiltà tal-ġenituri.[27]

## 3.2.3. Regola dwar il-ġurisdizzjoni ġenerali – l-Artikolu 8 u l-Premessa 12

### 3.2.3.1. L-Istat tar-residenza abitwali tal-minorenni

Il-prinċipju fundamentali tar-regoli dwar il-ġurisdizzjoni tar-Regolament fi kwistjonijiet ta' Responsabbiltà tal-Ġenituri huwa li l-aktar forum xieraq huwa l-qorti rilevanti tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-minorenni. Fis-snin riċenti, il-kunċett ta' "residenza abitwali" ntuża dejjem aktar bħala fattur ta' konnessjoni fi strumenti internazzjonali, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw il-liġi tal-familja.

Residenza abitwali mhijiex definita mir-Regolament. It-tifsira tat-terminu għandha tiġi interpretata skont l-objettivi u l-għanijiet tar-Regolament.

Għandu jiġi enfasizzat li l-interpretazzjoni ta' residenza abitwali ma tiġix stabbilita permezz ta' referenza għal kwalunkwe kunċett ta' residenza abitwali skont kwalunkwe liġi nazzjonali partikolari, iżda għandha tingħata tifsira "awtonoma" skont u għall-finijiet tal-liġi tal-Unjoni Ewropea. Fi kwalunkwe każ partikolari, jekk persuna minorenni għandhiex ir-residenza abitwali tagħha fi Stat Membru partikolari għandu dejjem jiġi stabbilit mill-qorti fuq il-bażi tal-fatti li japplikaw għas-sitwazzjoni ta' dik il-persuna minorenni partikolari.

(27) Ara l-kawża C-256/09, Bianca Purrucker vs Guillermo Valles Perez iċċitata aktar 'il fuq fin-nota 25 f'qiegħ il-paġna.

### 3.2.3.2. Każistika tal-QtĠ-UE dwar l-interpretazzjoni tat-tifsira ta' residenza abitwali

Xi drabi jista' jkun diffiċli li jiġi stabbilit fejn tinsab ir-residenza abitwali ta' persuna minorenni, speċjalment meta jkun hemm moviment frekwenti minn Stat Membru għal ieħor jew meta l-moviment tul fruntiera internazzjonali jkun relattivament riċenti. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea pprovdiet xi gwida rigward il-fatturi li għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni sabiex tiġi stabbilita r-residenza abitwali ta' persuna minorenni għall-finijiet tar-Regolament.

*A — Il-Kawża C-523/07*

Fis-sentenza tagħha mogħtija fit-2 ta' April 2009 fil-Kawża C-523/07, 'A'[28] , il-Qorti qalet li r-'residenza abitwali' ta' persuna minorenni, skont it-tifsira tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament, għandha tiġi stabbilita fuq il-bażi taċ-ċirkostanzi kollha speċifiċi għal kull każ individwali. F'dak il-każ, it-tfal ikkonċernati kienu ġew imċaqilqa mill-ġenituri tagħhom minn Stat Membru għal ieħor u ttieħdu f'kura ftit wara ċ-ċaqliqa. Il-mistoqsija li qamet kienet dwar jekk ir-residenza abitwali tagħhom inbidlitx ukoll anki jekk kien għadu għadda biss perjodu ta' żmien relattivament qasir – kwistjoni ta' ftit ġimgħat.

Il-Qorti analizzat iċ-ċirkostanzi u qalet li l-preżenza fiżika weħidha mhijiex biżżejjed biex tiġi stabbilita r-residenza abitwali għall-finijiet tal-Artikolu 8 tar-Regolament. Minbarra l-preżenza fiżika tal-minorenni

(28) Il-Kawża C-523/07 A [2009] Ġabra I-2805; sentenza mogħtija fit-2 ta' April 2009.

fi Stat Membru, għandhom jintgħażlu fatturi oħrajn li jkunu kapaċi juru li dik il-preżenza b'ebda mod ma hija temporanja jew intermittenti u li r-residenza tal-minorenni tirrifletti ċertu livell ta' integrazzjoni f'ambjent familjari u soċjali. Għal dak il-għan, għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni diversi fatturi, b'mod partikolari t-tul, ir-regolarità, il-kundizzjonijiet u r-raġunijiet għar-residenza fit-territorju ta' Stat Membru u ċ-ċaqliqa tal-familja lejn dak l-Istat, kif ukoll in-nazzjonalità tal-minorenni, il-post u l-kundizzjonijiet tal-attendenza fl-iskola, l-għarfien lingwistiku u r-relazzjonijiet familjari u soċjali tal-persuna minorenni f'dak l-Istat

L-intenzjoni tal-ġenituri li jissetiljaw b'mod permanenti mal-minorenni fi Stat Membru ieħor, manifestata minn ċerti passi tanġibbli bħax-xiri jew il-kiri ta' residenza fl-Istat Membru ospitanti, tista' tikkostitwixxi indikatur tat-trasferiment tar-residenza abitwali. Indikatur ieħor jista' jiġi kostitwit permezz tas-sottomissjoni ta' applikazzjoni għal akkomodazzjoni soċjali lis-servizzi rilevanti ta' dak l-Istat.

Il-Qorti kkonkludiet billi nnotat li hija l-qorti nazzjonali li għandha tistabbilixxi r-residenza abitwali tal-minorenni, wara li tikkunsidra ċ-ċirkostanzi kollha speċifiċi għal kull każ individwali.

*Mercredi – il-Kawża C-497/10*

Fis-sentenza tagħha mogħtija fit-22 ta' Diċembru 2010 fil-kawża ta' *Mercredi*[29], il-qorti riaffermat id-dikjarazzjoni tagħha f''A' billi qalet li l-kunċett ta' 'residenza abitwali', għall-finijiet tal-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament, għandu jiġi interpretat bħala li jfisser li tali residenza tikkorrespondi għall-post li jirrifletti ċertu livell ta' integrazzjoni mill-persuna minorenni f'ambjent familjari u soċjali.

Din il-kawża kienet tikkonċerna tarbija li kellha biss xahrejn meta ttieħdet minn ommha mill-Ingilterra lejn Franza. L-omm ressqet proċedimenti separati fi Franza madwar ġimgħatejn wara li bdew il-proċedimenti f'Londra. Il-Qorti Ingliża rreferiet il-kawża lill-QtĠ-UE li, fis-sentenza tagħha, bdiet billi qalet li t-test għad-determinazzjoni tal-ġurisdizzjoni ta' qorti ta' Stat Membru fi kwistjonijiet li jikkonċernaw ir-responsabbiltà tal-ġenituri fuq persuna minorenni li tiċċaqlaq b'mod leġittimu lejn Stat ieħor isir fejn tkun abitwalment residenti dik il-persuna minorenni fil-mument li tiġi invokata dik il-qorti.

Il-qorti kompliet tgħid li minħabba li l-artikoli tar-Regolament li jirreferu għal 'residenza abitwali' ma jagħmlu ebda referenza espliċita għal-liġi tal-Istat Membru għall-finijiet tad-determinazzjoni tat-tifsira u l-kamp ta' applikazzjoni ta' dak il-kunċett, it-tifsira u l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu għandhom jiġu ddeterminati fid-dawl tal-kuntest tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament u l-għan segwit minnu, b'mod partikolari l-għan iddikjarat fil-premessa 12, jiġifieri li r-raġunijiet għall-ġurisdizzjoni stabbiliti fir-Regolament huma msawrin fid-dawl tal-aħjar interessi tat-tfal, b'mod partikolari fuq il-kriterju tal-prossimità.

Hija żiedet li l-età tal-minorenni hija suxxettibbli li tkun ta' importanza partikolari. Il-qorti ssoktat tgħid li, bħala regola ġenerali, l-ambjent ta' tifel żgħir jew ta' tifla żgħira huwa essenzjalment ambjent familjari u soċjali, li jiġi ddeterminat mill-persuna/i ta' referenza li magħha jew magħhom tgħix il-persuna minorenni u li fil-fatt jindukrawha u jieħdu ħsiebha.

(29) Il-Kawża C-497/10 PPU, [2010] Ġabra I-0000; sentenza mogħtija fit-22 ta' Diċembru 2010

Dak l-ambjent huwa fundamentali sabiex jiġi ddeterminat il-post fejn hija abitwalment residenti l-persuna minorenni u jinkludi diversi fatturi li jvarjaw skont l-età tal-minorenni, għalhekk, il-fatturi li jridu jittieħdu f'kunsiderazzjoni fil-każ ta' persuna minorenni li tattendi l-iskola mhumiex l-istess bħal dawk li jridu jiġu kkunsidrati fil-każ ta' persuna minorenni iżgħar jew akbar.

Il-Qorti żiedet li meta s-sitwazzjoni tkun tikkonċerna tarbija li tkun ilha tgħix ma' ommha għal ftit jiem biss fi Stat Membru – differenti minn dak tar-residenza abitwali tagħha – li minnu tkun tneħħiet, il-fatturi li jridu jittieħdu f'kunsiderazzjoni jinkludu, l-ewwelnett, it-tul, ir-regolarità, il-kundizzjonijiet u r-raġunijiet għar-residenza fit-territorju ta' dak l-Istat Membru u għat-tluq tal-omm lejn dak l-Istat u, it-tieni, b'referenza partikolari għall-età tal-minorenni, l-oriġini familjari u ġeografiċi tal-omm u l-konnessjonijiet soċjali u familjari li jkollhom l-omm u l-wild tagħha ma' dak l-Istat Membru.

Bħal f''A', il-Qorti sostniet li hija l-qorti nazzjonali li għandha tistabbilixxi r-residenza abitwali tal-persuna minorenni, wara li kkunsidrat iċ-ċirkostanzi kollha tal-fatti speċifiċi għal kull każ individwali

### 3.2.3.3. Il-kisba ta' residenza abitwali ġdida

Jekk persuna minorenni tiċċaqlaq minn Stat Membru għal ieħor, għajr meta dan iseħħ bħala riżultat ta' tneħħija jew żamma inġusta[30], fil-prinċipju, l-akkwist ta' residenza abitwali fl-Istat Membru 'ġdid' għandu jikkoinċidi mat-'telf' ta' residenza abitwali fl-Istat Membru preċedenti. Il-kunsiderazzjoni mill-qorti tal-elementi fattwali ta' kull każ individwali twassal għal determinazzjoni ta' jekk il-persuna minorenni inkwistjoni saritx abitwalment residenti fl-Istat Membru 'ġdid' u, jekk iva, f'liema perjodu ta' żmien seta' seħħ dan.

Għalkemm l-użu tal-aġġettiv 'abitwali' għandu t-tendenza li jindika li għandu jiġi stabbilit ċertu tul ta' residenza qabel din tkun tista' tiġi kkaratterizzata bħala 'abitwali', ma jistax jiġi eskluż li persuna minorenni tista' tikseb residenza abitwali fi Stat Membru minn dakinhar stess tal-wasla tagħha hemmhekk jew ftit wara.

Il-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni tiġi ddeterminata fil-mument li l-qorti tingħata pussess tal-proċedimenti. Ladarba qorti kompetenti tieħu pussess, fil-prinċipju, hija żżomm il-ġurisdizzjoni anki jekk il-persuna minorenni tikseb residenza abitwali fi Stat Membru ieħor matul il-proċedimenti (taħt il-prinċipju ta' "perpetuatio fori"). Għalhekk, bidla tar-residenza abitwali tal-persuna minorenni waqt li l-proċedimenti jkunu għadhom għaddejjin minnha nnifisha ma tinvolvi ebda bidla ta' ġurisdizzjoni f'kawża pendenti.

Madankollu, jekk ikun fl-aħjar interessi tal-minorenni, l-Artikolu 15 jipprovdi għat-trasferiment possibbli tal-kawża, jew ta' parti minnha, soġġetta għal ċerti kundizzjonijiet, mill-qorti b'ġurisdizzjoni fuq is-sustanza għal qorti ta' Stat Membru fejn tkun ittieħdet tgħix il-persuna minorenni[31].

(30) Ara l-kapitolu 4.

(31) Ara l-paragrafu 3.3.

## 3.2.4. Eċċezzjonijiet għar-regola ġenerali

L-Artikoli 9, 10, 12 u 13 jistabbilixxu l-eċċezzjonijiet għar-regola ġenerali, li jindikaw meta l-ġurisdizzjoni tista' tkun f'idejn il-qrati ta' Stat Membru għajr dak fejn il-persuna minorenni tkun abitwalment residenti.

### 3.2.4.1. L-issoktar tal-ġurisdizzjoni tar-residenza abitwali preċedenti tal-persuna minorenni – l-Artikolu 9

Meta persuna minorenni tiċċaqlaq minn Stat Membru għal ieħor, sikwit ikun meħtieġ li jiġu riveduti d-drittijiet tal-aċċess jew arranġamenti ta' kuntatt oħrajn sabiex dawn jiġu adattati għaċ-ċirkostanzi l-ġodda. L-Artikolu 9 jinkludi regola li l-isfond politiku għaliha huwa li d-detenturi tar-responsabbiltà tal-ġenituri jiġu mħeġġa sabiex jaqblu fuq l-aġġustamenti meħtieġa tad-drittijiet tal-aċċess ordnati preċedentement u l-arranġamenti li jkunu jridu jsiru qabel iseħħ il-moviment u, jekk jirriżulta li dan ikun impossibbli, huma għandhom iressqu applikazzjoni quddiem il-qorti tal-pajjiż tar-residenza abitwali preċedenti tal-persuna minorenni sabiex tirrisolvi t-tilwima.

Dan b'ebda mod ma jwaqqaf persuna milli tiċċaqlaq fi ħdan l-Unjoni Ewropea, iżda jipprovdi garanzija li l-persuna, li ma tkunx tista' tkompli teżerċita d-drittijiet tal-aċċess bħal qabel, ma jkollhiex bżonn tressaq proċedimenti quddiem il-qrati tal-Istat Membru ġdid, iżda tkun tista' tapplika għal aġġustament xieraq tad-drittijiet tal-aċċess quddiem il-qorti li tkun tathom tali drittijiet matul perjodu ta' tliet xhur wara l-moviment. Il-qrati tal-Istat Membru ġdid ma għandhomx ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet li jikkonċernaw id-drittijiet tal-aċċess matul dan il-perjodu.

### 3.2.4.2. L-Artikolu 9 huwa soġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

#### *3.2.4.2.1. Id-drittijiet tal-aċċess li jridu jiġu mmodifikati għandhom ikunu ngħataw f'sentenza.*

L-Artikolu 9 japplika biss għas-sitwazzjoni fejn ikun mixtieq li tiġi mmodifikata sentenza preċedenti dwar id-drittijiet tal-aċċess maħruġa mill-qrati fi Stat Membru qabel it-tluq tal-persuna minorenni. Jekk id-drittijiet tal-aċċess ma jkunux ingħataw f'sentenza, l-Artikolu 9 ma jidħolx fis-seħħ, iżda minflok japplikaw ir-regoli l-oħrajn dwar il-ġurisdizzjoni. B'hekk, il-qrati tal-Istat Membru 'ġdid' ikollhom ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 8 sabiex jiddeċiedu dwar kwistjonijiet ta' drittijiet tal-aċċess ladarba l-persuna minorenni tkun kisbet ir-residenza abitwali f'dak l-Istat.

#### *3.2.4.2.2. Huwa japplika biss għall-moviment "leġittimu" ta' persuna minorenni minn Stat Membru għal ieħor*

Dak li huwa moviment 'leġittimu' għandu jiġi stabbilit skont kwalunkwe deċiżjoni ġudizzjarja jew il-liġi applikata fl-Istat Membru tal-oriġini (inklużi r-regoli dwar id-dritt internazzjonali privat). Tali moviment jista' jseħħ meta d-detentur ta' responsabbiltà tal-ġenituri jitħalla jitlaq flimkien mal-persuna minorenni lejn Stat Membru ieħor mingħajr il-kunsens ta' detentur ieħor tar-responsabbiltà tal-ġenituri jew inkella meta jingħata tali kunsens. Jekk il-persuna minorenni tiċċaqlaq b'riżultat ta' tneħħija illeġittima, forsi permezz ta' deċiżjoni unilaterali meħuda minn detentur tar-responsabbiltà tal-ġenituri, l-Artikolu 9 ma japplikax u minflok jidħol fis-seħħ l-Artikolu 10[(32)]. Min-naħa l-oħra, jekk bidla fir-residenza abitwali tal-persuna minorenni tirriżulta minn moviment leġittimu tal-istess minorenni lejn Stat Membru ieħor, l-Artikolu 9 japplika jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet ulterjuri stipulati hawn taħt.

(32) Ara l-paragrafu 4.2.

*3.2.4.2.3. Huwa japplika biss matul il-perjodu ta' tliet xhur wara l-moviment tal-persuna minorennió*

Il-perjodu ta' tliet xhur għandu jiġi kkalkolat mid-data li fiha l-persuna minorenni tkun iċċaqilqet fiżikament mill-Istat Membru tal-oriġini għall-Istat Membru l-'ġdid'. Id-data tal-moviment ma għandhiex tiġi konfuża mad-data li fiha l-persuna minorenni tikseb residenza abitwali fl-Istat Membru 'ġdid'. Jekk qorti fl-Istat Membru tal-oriġini tiġi invokata wara li jiskadi l-perjodu ta' tliet xhur mid-data tal-moviment, hija ma jkollhiex ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 9.

*3.2.4.2.4. Il-persuna minorenni trid tkun kisbet residenza abitwali fl-Istat Membru 'ġdid' matul il-perjodu ta' tliet xhur.*

L-Artikolu 9 japplika biss jekk il-persuna minorenni tkun kisbet residenza abitwali fl-Istat Membru 'ġdid' matul il-perjodu ta' tliet xhur. Jekk il-persuna minorenni ma tkunx kisbet residenza abitwali hemmhekk f'dak il-perjodu, il-qrati tal-Istat Membru tal-oriġini għandhom, fil-prinċipju, iżommu l-ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 8. Ta' min jinnota li jekk il-persuna minorenni, wara li tkun telqet mill-Istat Membru l-'antik' u allura waqfet milli jkollha r-residenza abitwali tagħha hemmhekk, ma tkunx kisbet residenza abitwali fl-Istat Membru 'ġdid', mhux biss ma japplikax l-Artikolu 9, iżda lanqas tkun tista' tiġi bbażata l-ġurisdizzjoni fuq l-Artikolu 8. F'xenarju bħal dan, jistgħu jiġu invokati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13 sabiex tingħata ġurisdizzjoni lill-qrati tal-Istat Membru fejn tkun preżenti l-persuna minorenni.

*3.2.4.2.5. Id-detentur tad-drittijiet tal-aċċess xorta waħda għandu jkun abitwalment residenti fl-Istat Membru tal-oriġini.*

Jekk id-detentur tad-drittijiet tal-aċċess ma jkunx għadu abitwalment residenti fl-Istat Membru tal-oriġini, l-Artikolu 9 ma japplikax, iżda l-qrati tal-Istat Membru ġdid isiru kompetenti ladarba l-persuna minorenni tkun kisbet residenza abitwali hemmhekk.

*3.2.4.2.6. Id-detentur tad-drittijiet tal-aċċess ma għandux ikun aċċetta l-bidla tal-ġurisdizzjoni.*

Billi l-għan ta' din id-dispożizzjoni huwa li tiggarantixxi li d-detentur tad-drittijiet tal-aċċess ikun jista' jkompli jressaq proċedimenti quddiem il-qrati tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tiegħu għal tliet xhur wara l-moviment tal-persuna minorenni lejn l-Istat Membru 'ġdid', l-Artikolu 9 ma japplikax jekk huwa jkun lest li jaċċetta l-ġurisdizzjoni miksuba mill-qrati tal-Istat Membru 'ġdid'.

B'hekk, jekk id-detentur tad-drittijiet ta' aċċess jieħu sehem fi proċedimenti quddiem qorti fl-Istat Membru 'ġdid' mingħajr ma jikkontesta l-ġurisdizzjoni ta' dik il-qorti, l-Artikolu 9 ma japplikax u l-qorti tal-Istat Membru ġdid teżerċita l-ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 8. Jirriżulta li l-Artikolu 9 ma jwaqqafx lid-detentur tad-drittijiet ta' aċċess milli jressaq proċedimenti quddiem il-qrati tal-Istat Membru 'ġdid' għal reviżjoni tal-kwistjoni li tikkonċerna d-drittijiet ta' aċċess.

### *3.2.4.2.7. Huwa ma jwaqqafx lill-qrati tal-Istat Membru ġdid milli jiddeċiedu fuq kwistjonijiet oħrajn għajr id-drittijiet tal-aċċess.*

L-Artikolu 9 jittratta biss il-ġurisdizzjoni għar-regola dwar id-drittijiet tal-aċċess, iżda ma japplikax għal kwistjonijiet oħrajn ta' responsabbiltà tal-ġenituri, bħal drittijiet ta' kustodja. Għalhekk, l-Artikolu 9 ma jwaqqafx lil detentur ta' responsabbiltà tal-ġenituri li jkun wasal flimkien mal-persuna minorenni fl-Istat Membru 'ġdid' milli jressaq proċedimenti quddiem il-qrati ta' dak l-Istat Membru fuq kwalunkwe kwistjoni oħra ta' responsabbiltà tal-ġenituri matul il-perjodu ta' tliet xhur wara l-moviment.

### *3.2.4.2.8. L-issoktar tal-ġurisdizzjoni tal-qrati rigward ir-residenza abitwali preċedenti tal-persuna minorenni (l-ART. 9)*

| | | |
|---|---|---|
| Inħarġet deċiżjoni fuq id-drittijiet tal-aċċess mill-qrati fl-Istat Membru minn fejn telqet il-persuna minorenni ("l-Istat Membru tal-oriġini")? | LE | L-Artikolu 9 ma japplikax, iżda l-qrati tal-Istat Membru l-ieħor isiru kompetenti ladarba l-persuna minorenni tikseb residenza abitwali hemmhekk skont l-Artikolu 8 |
| IVA | | |
| Il-persuna minorenni ċċaqilqet b'mod leġittimu mill-Istat Membru tal-oriġini lejn Stat Membru ieħor ("l-Istat Membru ġdid")? | LE | Jekk it-tneħħija tkun illeġittima, l-Artikolu 9 ma japplikax. Minflok japplikaw ir-regoli dwar is-sekwestru tat-tfal. |
| IVA | | |
| Il-persuna minorenni kisbet residenza abitwali fl-Istat Membru ġdid matul il-perjodu ta' 3 xhur? | LE | L-Artikolu 9 ma japplikax. Jekk il-persuna minorenni jkollha residenza abitwali fl-Istat Membru tal-oriġini wara 3 xhur, il-qrati ta' dak l-Istat Membru jibqgħu kompetenti skont l-Artikolu 8 |
| IVA | | |
| Id-detentur tad-drittijiet tal-aċċess għad għandu residenza abitwali fl-Istat Membru tal-oriġini? | LE | L-Artikolu 9 ma japplikax. |
| IVA | | |
| Id-detentur tad-drittijiet tal-aċċess ħa sehem fi proċedimenti quddiem il-qrati tal-Istat Membru ġdid mingħajr ma kkontesta l-kompetenza tagħhom? | LE | L-Artikolu 9 japplika. |
| IVA | | |
| L-Artikolu 9 ma japplikax. | | |

## 3.2.5. Ġurisdizzjoni f'każijiet ta' sekwestru tat-tfal – l-Artikolu 10

Il-ġurisdizzjoni f'każijiet ta' sekwestru tat-tfal hija rregolata minn regola speċjali[33].

## 3.2.6. Prorogazzjoni tal-ġurisdizzjoni – l-Artikolu 12

### 3.2.6.1. Possibbiltà limitata għall-għażla ta' qorti

Ir-Regolament jintroduċi possibbiltà limitata, soġġetta għal ċerti kundizzjonijiet speċifiċi, għall-għażla ta' qorti ta' Stat Membru ieħor għajr dak fejn il-persuna minorenni hija abitwalment residenti sabiex tiġi invokata fi kwalunkwe kwistjoni ta' responsabbiltà tal-ġenituri fejn il-kwistjoni jew tkun konnessa ma' proċediment ta' divorzju pendenti f'dak l-Istat Membru jew inkella l-persuna minorenni jkollha konnessjoni sostanzjali ma' dak l-Istat Membru. Ta' min jinnota li l-Artikolu 12 ma joperax sabiex tinħoloq bażi għal ġurisdizzjoni fin-nuqqas ta' applikazzjoni bħal kif imsemmi fil-paragrafu (1) jew (3).

(33) Ara l-paragrafu 4.2.

### 3.2.6.2. L-Artikolu 12 ikopri żewġ sitwazzjonijiet differenti:

*Sitwazzjoni 1:*

*3.2.6.2.1. Il-ġurisdizzjoni ta' qorti tad-divorzju fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri*

*L-ARTIKOLU 12 (1) U (2)*

Meta jkun hemm proċedimenti ta' divorzju pendenti f'qorti fi Stat Membru, dik il-qorti jkollha wkoll ġurisdizzjoni fi kwalunkwe kwistjoni ta' responsabbiltà tal-ġenituri konnessa mad-divorzju, anki jekk il-persuna minorenni kkonċernata ma tkunx abitwalment residenti f'dak l-Istat Membru. Dan japplika irrispettivament minn jekk il-persuna minorenni tkunx il-wild taż-żewġ konjugi jew le. L-istess japplika meta tali qorti tkun ingħatat pussess ta' applikazzjoni għal separazzjoni jew annullament ta' żwieġ.

Il-qorti tad-divorzju jkollha ġurisdizzjoni diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- Mill-inqas wieħed/waħda mill-konjugi jkollu/jkollha responsabbiltà ta' ġenitur fir-rigward tal-persuna minorenni, u
- Il-konjugi u d-detenturi kollha tar-responsabbiltà ta' ġenituri jaċċettaw il-ġurisdizzjoni tal-qorti tad-divorzju, kemm jekk b'aċċettazzjoni espressa jew inkella b'kondotta inekwivoka; dan għandu jiġi stabbilit mill-qorti fil-mument li hija tieħu pussess tal-proċediment, u
- Il-ġurisdizzjoni ta' dik il-qorti tkun fl-interessi superjuri tal-minorenni.

Il-ġurisdizzjoni tal-qorti tad-divorzju tiġi fi tmiemha ladarba:

- s-sentenza li tippermetti jew tirrifjuta divorzju tkun saret finali, jew
- tinħareġ sentenza finali fi proċedimenti dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri li kienu għadhom għaddejjin meta s-sentenza tad-divorzju saret finali, jew
- il-proċedimenti dwar id-divorzju u r-responsabbiltà tal-ġenituri jaslu fi tmiemhom għal raġuni oħra (bħal meta l-applikazzjonijiet għal divorzju u għar-responsabbiltà tal-ġenituri jiġu rtirati).

NB. Ma kienet intiża ebda distinzjoni minn dawk li fasslu l-leġiżlazzjoni bejn it-termini “superior interests of the child” (l-Artikolu 12(1)(b)) u “best interests of the child” (l-Artikolu 12(3)(b)) fil-verżjoni bil-lingwa Ingliża. Il-verżjonijiet tar-Regolament b’lingwi oħrajn jużaw frażijiet identiċi fiż-żewġ paragrafi.

*Sitwazzjoni 2:*

*3.2.6.2.2. Il-ġurisdizzjoni ta’ qorti fi Stat Membru li magħha l-persuna minorenni għandha konnessjoni sostanzjali*[34]

*L-ARTIKOLU 12 (3)*

Il-qrati ta’ Stat Membru, li quddiemhom inbdew proċedimenti għajr għal divorzju, separazzjoni legali jew annullament ta’ żwieġ fuq bażi ta’ ġurisdizzjoni stabbilita fl-Artikolu 3, għandu jkollhom ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta’ responsabbiltà tal-ġenituri, anki jekk il-persuna minorenni ma tkunx abitwalment residenti f’dak l-Istat Membru, diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- l-persuna minorenni jkollha konnessjoni sostanzjali mal-Istat Membru inkwistjoni, b’mod partikolari minħabba l-fatt li wieħed

(34) Ta’ min jinnota li, fil-ħin li qiegħed jinkiteb dan id-dokument, saret referenza preliminari għall-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, li hija rilevanti għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 12(3); ara l-Kawża C – 656/13 (2014/C 85/19); din hija talba minn Nejvyšší soud České republiky (ir-Repubblika Ċeka) sottomessa fit-12 ta’ Diċembru 2013 — fil-kawża L v M, R u K ; ir-referenza tqajjem il-mistoqsija dwar jekk l-Artikolu 12(3) għandux jiġi interpretat bħala li jistabbilixxi ġurisdizzjoni fuq il-proċedimenti li jikkonċernaw ir-responsabbiltà tal-ġenituri, anki fejn ma jkunx hemm proċedimenti relatati oħrajn (jiġifieri, ‘proċedimenti għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 1’) li jkunu għadhom pendenti.
Barra minn hekk, saret referenza preliminari oħra dwar l-Artikolu 12.3, din id-darba mill-Qorti tal-Appell (L-Ingilterra u Wales) (Diviżjoni Ċivili) (Ir-Renju Unit), li ġiet sottomessa fit-2 ta’ Awwissu 2013 fil-kawża C- 463/13, E vs B; f’din il-kawża, l-ewwel mistoqsija li saret kienet dwar jekk, fejn kien hemm prorogazzjoni tal-ġurisdizzjoni ta’ qorti ta’ Stat Membru fir-rigward ta’ kwistjonijiet ta’ responsabbiltà tal-ġenituri skont l-Artikolu 12(3), dik il-prorogazzjoni tal-ġurisdizzjoni tissoktax biss sakemm tingħata sentenza finali f’dawk il-proċedimenti jew tissoktax ukoll wara li tingħata sentenza finali?

mid-detenturi ta' responsabbiltà tal-ġenituri jkun abitwalment residenti hemmhekk jew minħabba li l-persuna minorenni tkun ċittadin ta' dak l-Istat. Dawn iċ-ċirkostanzi mhumiex esklussivi, tant li huwa possibbli li l-konnessjoni tiġi bbażata fuq ċirkostanzi oħrajn, u

- Il-partijiet kollha għall-proċedimenti jaċċettaw il-ġurisdizzjoni ta' dawk il-qrati espressivament jew inkella b'mod inekwivokabbli fil-mument li l-qorti tieħu pussess tal-proċediment (fi kliem ieħor ekwivalenti għar-rekwiżit imsemmi fis-sitwazzjoni 1).
- Il-ġurisdizzjoni tkun fl-aħjar interessi tal-minorenni (ekwivalenti wkoll għall-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 12.1(b) – ara wkoll in-NB hawn fuq fl-aħħar tal-paragrafu 3.2.6.2.1).

*3.2.6.2.3. Ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 12 fejn persuna minorenni tkun abitwalment residenti fi Stat terz li mhuwiex parti għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 – l-Artikolu 12(4)*

L-Artikolu 12(4) jispeċifika li ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 12 għandha titqies bħala li hija fl-"aħjar interess tal-minorenni" meta l-persuna minorenni inkwistjoni tkun abitwalment residenti fi Stat terz li mhuwiex Stat kontraenti għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Protezzjoni tat-Tfal[35], b'mod partikolari jekk jinstab li huwa impossibbli li l-proċedimenti jinżammu fl-Istat terz inkwistjoni.

Għalhekk, pereżempju, l-għażla ta' prorogazzjoni limitata għal parti sabiex tagħżel li tressaq proċedimenti quddiem qorti fi Stat Membru fejn il-persuna minorenni mhijiex abitwalment residenti, iżda li madankollu għandha konnessjoni sostanzjali miegħu, hija estiża għal sitwazzjonijiet fejn il-persuna minorenni tkun abitwalment residenti fit-territorju ta' tali Stat terz. Diment li l-ġurisdizzjoni tal-qorti tkun ġiet aċċettata b'mod ekwivokabbli mill-partijiet kollha fil-mument li jitressqu l-proċedimenti quddiem il-qorti u diment li dan ikun fl-aħjar interessi tal-minorenni, il-qrati ta' dak l-Istat Membru għandu jkollhom ġurisdizzjoni.

## 3.2.7. Il-preżenza tal-persuna minorenni – l-Artikolu 13

Jekk jinstab li huwa impossibbli li tiġi stabbilita r-residenza abitwali tal-persuna minorenni u l-Artikolu 12 ma japplikax, l-Artikolu 13 jippermetti lil imħallef ta' Stat Membru sabiex jiddeċiedi dwar materji ta' responsabbiltà tal-ġenituri fir-rigward tat-tfal li huma preżenti f'dak l-Istat Membru.

## 3.2.8. Ġurisdizzjoni residwa – l-Artikolu 14

Jekk ma jkun hemm ebda qorti li jkollha ġurisdizzjoni skont l-Artikoli 8 sa 13, il-qorti tista' ssib il-ġurisdizzjoni tagħha fuq il-bażi tar-regoli nazzjonali tagħha stess dwar id-dritt internazzjonali privat. Tali deċiżjonijiet għandhom jiġu rikonoxxuti u ddikjarati infurzabbli fi Stati Membri oħrajn skont ir-regoli tar-Regolament.

(35) Ara l-kapitolu 8.

## 3.3. It-trasferiment lil qorti li tinsab f'pożizzjoni aħjar sabiex tisma' l-kawża – l-Artikolu 15 (36)

### 3.3.1. Taħt liema ċirkostanzi huwa possibbli li kawża tiġi ttrasferita skont l-Artikolu 15?

Ir-Regolament jinkludi regola innovattiva li tippermetti, permezz ta' eċċezzjoni, illi qorti li tieħu pussess ta' kawża u li jkollha ġurisdizzjoni fuq is-sustanza, tkun tista' tittrasferixxi din il-kawża lil qorti ta' Stat Membru ieħor, jekk din tal-aħħar tkun f'pożizzjoni aħjar sabiex tisma' l-kawża. Il-qorti tista' tittrasferixxi l-kawża kollha jew inkella parti speċifika minnha.

Skont ir-regola ġenerali, il-ġurisdizzjoni ssib ruħha f'idejn il-qrati tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-persuna minorenni fil-mument li jitressqu l-proċedimenti quddiem il-qorti (l-Artikolu 8). Għalhekk, il-ġurisdizzjoni ma tinbidilx awtomatikament f'każ fejn il-persuna minorenni tikseb residenza abitwali fi Stat Membru ieħor matul il-proċedimenti tal-qorti.

Madankollu, jista' jkun hemm ċirkostanzi eċċezzjonali fejn il-qorti li jkunu tressqu proċedimenti quddiemha ("il-qorti tal-oriġini") ma tkunx tinsab fl-aħjar pożizzjoni sabiex tisma' l-kawża. F'ċirkostanzi bħal dawn, l-Artikolu 15 jippermetti li l-qorti tal-oriġini tkun tista' tittrasferixxi l-kawża lil qorti ta' Stat Membru ieħor, diment li dan ikun fl-aħjar interessi tal-minorenni.

(36) Ara n-nota 34 supra f'qiegħ il-paġna; fil-kawża ċċitata hemmhekk ta' E vs B, il-QtĠ-UE ntalbet twieġeb it-tieni mistoqsija, din id-darba dwar l-effett tal-Artikolu 15; il-mistoqsija hija – 'L-Artikolu 15. jippermetti lill-qrati ta' Stat Membru jittrasferixxu ġurisdizzjoni f'ċirkostanzi fejn ma jkun hemm ebda proċediment attwali li jikkonċerna lill-persuna minorenni?'. Fil-mument li qiegħed jinkiteb dan id-dokument, il-QtĠ-UE għadha trid tagħti d-deċiżjoni tagħha.

Ladarba kawża tkun ġiet ittrasferita lill-qorti ta' Stat Membru ieħor, hija ma tistax terġa' tiġi ttrasferita lit-tielet qorti (il-Premessa 13).

It-trasferiment huwa soġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

Il-persuna minorenni għandu jkollha "konnessjoni partikolari" mal-Istat Membru l-ieħor. L-Artikolu 15.3 jelenka l-ħames sitwazzjonijiet fejn teżisti tali konnessjoni skont ir-Regolament:

- il-persuna minorenni tkun kisbet residenza abitwali hemmhekk wara li jitressqu proċedimenti quddiem il-qorti tal-oriġini; jew
- l-Istat Membru l-ieħor ikun ir-residenza abitwali preċedenti tal-persuna minorenni; jew
- ikun il-post tan-nazzjonalità tal-persuna minorenni; jew
- ikun il-post tar-residenza abitwali ta' detentur ta' responsabbiltà tal-ġenituri; jew
- il-persuna minorenni jkollha proprjetà fl-Istat Membru l-ieħor u l-kawża tkun tikkonċerna miżuri għall-protezzjoni tal-persuna minorenni fir-rigward tal-amministrazzjoni, il-konservazzjoni jew id-disponiment ta' din il-proprjetà.

Barra minn hekk, iż-żewġ qrati għandhom ikunu konvinti li trasferiment ikun fl-aħjar interessi tal-minorenni. L-imħallfin għandhom jikkooperaw sabiex jevalwaw dan fuq il-bażi taċ-"ċirkostanzi speċifiċi tal-każ". Huma għandhom jagħmlu dan direttament jew permezz tal-awtoritajiet ċentrali rispettivi.

### 3.3.2. Min jibda t-trasferiment?

It-trasferiment jista' jseħħ:

- wara applikazzjoni minn parti, jew
- fuq inizjattiva ex-officio tal-qorti, jekk ikun hemm mill-inqas waħda mill-partijiet li taqbel ma' dan, jew
- wara applikazzjoni minn qorti ta' Stat Membru ieħor, jekk ikun hemm mill-inqas waħda mill-partijiet li taqbel ma' dan.

### 3.3.3. Liema proċedura tapplika?

Qorti li tiġi ffaċċjata b'talba għal trasferiment jew li tkun trid tittrasferixxi l-kawża ex-officio hija stess għandha żewġ għażliet:

- **Hija tista' żżomm il-kawża u tistieden lill-partijiet sabiex jintroduċu talba quddiem il-qorti tal-Istat Membru l-ieħor, jew**
- **Hija tista' titlob direttament lill-qorti tal-Istat Membru l-ieħor sabiex tieħu l-kawża f'idejha.**

Fl-ewwel każ, il-qorti tal-oriġini għandha tistabbilixxi limitu ta' żmien sa meta l-partijiet għandhom iressqu proċedimenti quddiem il-qrati tal-Istat Membru l-ieħor. Jekk il-partijiet ma jressqux proċedimenti quddiem tali qorti oħra sal-limitu ta' żmien stabbilit, il-kawża ma tiġix ittrasferita u l-qorti tal-oriġini għandha tkompli teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha. Ir-Regolament ma jippreskrivi ebda limitu ta' żmien speċifiku, iżda dan għandu jkun qasir biżżejjed sabiex jiġi żgurat li t-trasferiment ma jirriżultax f'dewmien bla bżonn għad-detriment tal-minorenni u tal-partijiet. Il-qorti li tkun irċeviet it-talba għal trasferiment għandha tiddeċiedi, fi żmien sitt ġimgħat minn meta jitressqu l-proċedimenti quddiemha, jekk għandhiex taċċetta t-trasferiment jew le. Jekk hija ma taċċettax il-ġurisdizzjoni, il-qorti tal-oriġini żżomm il-ġurisdizzjoni għall-kawża kollha u għandha teżerċitaha.

Il-mistoqsija rilevanti għandha tkun jekk, fil-kawża speċifika, trasferiment ikunx fl-aħjar interessi tal-minorenni. Il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka u fuq is-suppożizzjoni li l-qrati tal-Istati Membri kollha huma fil-prinċipju kompetenti sabiex jittrattaw kawża. L-awtoritajiet ċentrali jista' jkollhom rwol importanti billi jipprovdu informazzjoni lill-imħallfin dwar is-sitwazzjoni fl-Istat Membru l-ieħor.

### 3.3.4. Ċerti aspetti prattiċi

#### 3.3.4.1. Kif jista' mħallef, li jkun jixtieq jittrasferixxi kawża, isir jaf liema hija l-qorti kompetenti tal-Istat Membru l-ieħor?

L-Atlas Ġudizzjarju Ewropew dwar Kwistjonijiet Ċivili jista' jintuża biex tinstab il-qorti kompetenti tal-Istat Membru l-ieħor. L-Atlas Ġudizzjarju jidentifika l-qorti territorjalment kompetenti fid-diversi Stati Membri bid-dettalji ta' kuntatt tal-qrati differenti (bħal ismijiet, numri tat-telefon, indirizzi tal-posta elettronika u l-bqija) (ara l-Atlas Ġudizzjarju[37]). L-awtoritajiet ċentrali maħtura skont ir-Regolament jistgħu jassistu wkoll lill-imħallfin sabiex isibu l-qorti kompetenti fl-Istat Membru l-ieħor kif inhuma mitluba li jagħmlu taħt it-termini tal-Artikolu 55(ċ)[38].

(37) http://ec.europa.eu/justice_home/judicialatlascivil/.

(38) Ara l-kapitolu 7.

### 3.3.4.2. Kif għandhom jikkomunikaw l-imħallfin?

L-Artikolu 15 jgħid li l-qrati għandhom jikkooperaw, direttament jew permezz tal-awtoritajiet ċentrali, għall-finijiet tat-trasferiment. Jista' jkun partikolarment utli għall-imħallfin ikkonċernati li jikkomunikaw sabiex jivvalutaw jekk, fil-każ speċifiku, ir-rekwiżiti għal trasferiment humiex issodisfati, b'mod partikolari jekk dan ikun fl-aħjar interessi tal-minorenni. Jekk iż-żewġ imħallfin jitkellmu u/jew jifhmu lingwa komuni għat-tnejn, huma ma għandhomx joqogħdu lura milli jikkuntattjaw lil xulxin direttament bit-telefon jew permezz tal-posta elettronika.[39] Jistgħu jkunu utli wkoll forom oħrajn tat-teknoloġija moderna, bħal telefonati konferenza. Jekk ikun hemm problemi lingwistiċi, l-imħallfin jistgħu jirrikorru, safejn jippermettu r-riżorsi, għas-servizzi tal-interpreti. L-awtoritajiet ċentrali ser ikunu jistgħu jassistu wkoll lill-imħallfin.

L-imħallfin jistgħu jesprimu x-xewqa li jżommu lill-partijiet u lill-konsulenti legali tagħhom informati, iżda huma l-imħallfin infushom li jridu jiddeċiedu liema proċeduri u salvagwardji huma xierqa fil-kuntest tal-kawża partikolari.

### 3.3.4.3. Min huwa responsabbli għat-traduzzjoni tad-dokumenti?

Il-mekkaniżmi tat-traduzzjoni mhumiex koperti mill-Artikolu 15. L-imħallfin għandhom jipprovaw isibu soluzzjoni prammatika li tkun tikkorrespondi għall-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi ta' kull kawża. Soġġetta għal-liġi proċedurali tal-Istat indirizzat, it-traduzzjoni tista' ma tkunx meħtieġa jekk il-kawża tiġi ttrasferita lil imħallef li jifhem il-lingwa tal-kawża. Min-naħa l-oħra, jekk tkun meħtieġa traduzzjoni, din tista' tkun limitata għall-aktar dokumenti importanti. L-awtoritajiet ċentrali jistgħu jassistu wkoll fil-provvista ta' traduzzjonijiet informali[40].

(39) Il-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat wasslet għall-ħolqien tan-Netwerk Ġudizzjarju Internazzjonali tal-Aja, li wieħed mill-għanijiet tiegħu huwa li jiffaċilita l-komunikazzjoni diretta bejn il-membri tal-ġudikatura fil-kuntest tal-Liġi Internazzjonali dwar il-Familja.
Il-Konferenza tal-Aja żviluppat gwida ġenerali għall-komunikazzjoni ġudizzjarja. Fir-rigward ta' dawn tista' ssir referenza għas-sit elettroniku tal-Konferenza tal-Aja. Ara:
http://www.hcch.net/upload/haguenetwork.pdf u
http://www.hcch.net/upload/brochure_djc_en.pdf
Jeżisti wkoll netwerk ta' Mħallfin tal-Familja fl-UE, li huwa attiv fi ħdan l-istruttura tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew f'Materji Ċivili.
.

(40) Ara l-paragrafu 3.3.4.1 u n-nota 38 f'qiegħ il-paġna.

### 3.3.4.4. Trasferiment lil qorti li tinsab f'pożizzjoni aħjar – l-Artikolu 15

Meta qorti fi Stat Membru ("Stat Membru A") tieħu pussess ta' kawża li fir-rigward tagħha jkollha ġurisdizzjoni skont l-Artikoli 8 sa 14 tar-Regolament, hija tista', bħala eċċezzjoni, tittrasferixxi l-kawża, jew parti speċifika minnha, lil qorti ta' Stat Membru ieħor ("Stat Membru B"), jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

Il-persuna minorenni għandha waħda mill-"konnessjonijiet partikolari" elenkati fl-Artikolu 15.3 mal-Istat Membru B? → LE → Il-kawża ma tistax tiġi ttrasferita.

▼ IVA

Il-qorti tal-Istat Membru A rċeviet xi talba mingħand parti jew qorti tal-Istat Membru B jew tixtieq tittrasferixxi l-kawża fuq inizjattiva ex-officio tagħha? → LE → Il-kawża ma tistax tiġi ttrasferita.

▼ IVA

Il-qorti tal-Istat Membru A tqis li trasferiment huwa fl-aħjar interessi tal-persuna minorenni? → LE → Il-kawża ma tistax tiġi ttrasferita.

▼ IVA

Hemm mill-inqas parti waħda li taċċetta t-trasferiment? → LE → Il-kawża ma tistax tiġi ttrasferita.

▼ IVA

Il-qorti tal-Istat Membru A għandha żewġ għażliet:

**JEW** ▼

(a) Titlob lil qorti fl-Istat Membru B sabiex tieħu l-kawża f'idejha.

▼

Il-qorti fl-Istat Membru B għandha tikkunsidra jekk trasferiment huwiex fl-aħjar interessi tal-persuna minorenni?

- ▼ IVA: Il-qorti tal-Istat Membru B għandha taċċetta l-ġurisdizzjoni fi żmien 6 ġimgħat.
- ▼ LE: Il-qorti tal-Istat Membru B għandha tirrifjuta l-ġurisdizzjoni. Il-qorti tal-Istat Membru A għandha tkompli teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha.

▼ **JEW INKELLA**

(b) Tissospendi l-kawża u tistieden lill-partijiet sabiex jinvokaw qorti fl-Istat Membru B f'ċertu limitu ta' żmien.

- ▼ Il-qorti fl-Istat Membru B tiġi invokata fil-limitu ta' żmien speċifikat

**JEW**

- ▼ jekk (b) u l-qorti fl-Istat Membru B ma tiġix invokata fil-limitu ta' żmien speċifikat

  ▼ Il-qorti fl-Istat Membru A għandha tkompli teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha.

## 3.4. X'jiġri jekk il-proċedimenti jitressqu f'żewġ Stati Membri?

### 3.4.1. Proċedimenti simili mressqa f'żewġ Stati differenti li jikkonċernaw l-istess persuna minorenni – l-Artikolu 19(2)

Jista' jagħti l-każ li l-partijiet jibdew proċedimenti fil-qrati dwar ir-responsabbiltà ta' ġenituri fir-rigward tal-istess persuna minorenni u l-istess kawża ta' azzjoni fi Stati Membri differenti. Dan jista' jwassal għal azzjonijiet paralleli u konsegwentement għall-possibbiltà ta' sentenzi irrikonċiljabbli fuq l-istess kwistjoni.

L-Artikolu 19(2) jirregola s-sitwazzjoni fejn jitressqu proċedimenti relatati mar-responsabbiltà tal-ġenituri fi Stati Membri differenti rigward:

- l-istess persuna minorenni u
- l-istess kawża ta' azzjoni.

F'dik is-sitwazzjoni, l-Artikolu 19(2) jistipula li, fil-prinċipju, l-ewwel qorti invokata għandha tieħu l-kawża f'idejha. It-tieni qorti invokata għandha tissospendi l-proċedimenti u tistenna lill-qorti l-oħra sabiex tiddeċiedi jekk għandhiex ġurisdizzjoni. Jekk l-ewwel qorti tikkunsidra lilha nnifisha bħala kompetenti, il-qorti l-oħra għandha tirrifjuta l-ġurisdizzjoni. It-tieni qorti tista' tissokta bil-proċedimenti tagħha biss jekk l-ewwel qorti tasal għall-konklużjoni li hija ma għandhiex ġurisdizzjoni jew jekk l-ewwel qorti tiddeċiedi li tittrasferixxi l-kawża skont l-Artikolu 15 u t-tieni qorti taċċetta t-trasferiment.

### 3.4.2. Tipi differenti ta' proċedimenti f'żewġ Stati differenti rigward l-istess persuna minorenni – l-Artikoli 19(2) u 20

Sabiex il-mekkaniżmu msemmi fl-Artikolu 19(2) ikollu effett, il-proċedimenti fiż-żewġ Stati Membri għandhom it-tnejn ikunu proċedimenti fuq is-sustanza fir-rigward tal-kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri mqajma. Madankollu, jekk il-proċedimenti fl-ewwel Stat Membru jkunu għal miżuri provviżorji u ta' protezzjoni skont l-Artikolu 20, mela allura kwalunkwe proċedimenti fi Stat Membru ieħor imressqa sussegwentement, li jkunu jittrattaw is-sustanza tar-responsabbiltà tal-ġenituri fir-rigward tal-istess persuna minorenni, ma jkunux soġġetti għar-regola stabbilita fl-Artikolu 19(2). Ir-raġunament wara dan huwa li, billi l-miżuri provviżorji mhumiex infurzabbli fl-Istat Membru l-ieħor, ma hemm ebda possibbiltà li s-sentenzi jkunu konfliġġenti.

Eżempju: is-sitwazzjoni li ġejja tagħti lok għal żewġ kawżi mressqa quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja:

Żewġt itfal twieldu fl-Istat Membru A; il-missier kien ġej minn dak l-Istat Membru, filwaqt li l-omm kienet mill-Istat Membru B. Ftit wara t-twelid tat-tfal, ir-relazzjoni bejn il-ġenituri ddeterjorat u l-omm indikat illi riedet tirritorna fl-Istat Membru B flimkien mat-tfal. Huma daħlu fi ftehim li permezz tiegħu l-omm setgħet tieħu liż-żewġt itfal fl-Istat Membru B; meta wasal iż-żmien li jitilqu, it-tifel seta' jivvjaġġa, filwaqt li t-tifla kellha tinżamm l-isptar minħabba li kienet marida serjament; l-omm telqet lejn l-Istat Membru B flimkien ma' binha.

Madankollu, il-missier issa kien tal-fehma li huwa ma kienx għadu marbut bil-ftehim minħabba li dan ma kienx approvat mill-awtoritajiet xierqa u b'hekk ressaq proċedimenti f'qorti fl-Istat Membru A bil-għan li jitlob li tingħata ordni għal miżuri provviżorji, jiġifieri kustodja interim, fir-rigward taż-żewġt itfal; it-talba tiegħu ġiet milqugħa u l-ordni ngħatat. Aktar tard, l-omm ressqet proċedimenti sostantivi, separatament f'qorti fl-Istat Membru B, għall-kustodja tat-tifel.

Fi żmien xieraq, il-missier talab sabiex l-ordni għal kustodja interim favurih mogħtija mill-qorti fl-Istat Membru A tiġi infurzata fl-Istat Membru B skont ir-Regolament. Il-qorti fl-Istat Membru B rreferiet il-kwistjoni lill-QtĠ-UE bil-mistoqsija dwar jekk id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 21 et seq., li jittrattaw ir-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenzi, japplikawx ukoll għall-infurzar ta' miżuri provviżorji, skont it-tifsira tal-Artikolu 20, rigward id-dritt għall-kustodja tat-tfal? F'din il-kawża, il-QtĠ-UE sostniet li s-sentenza favur il-missier, safejn din tat miżuri provviżorji relatati mad-drittijiet ta' kustodja li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 20 tar-Regolament, ma setgħetx tiġi infurzata skont l-Artikolu 21 tar-Regolament(41).

Fl-azzjoni separata mressqa mill-omm fl-Istat Membru B għal ordni għall-kustodja tat-tifel, il-qorti ta' hemmhekk fittxet li tagħmel kuntatt mal-qorti fl-Istat Membru A sabiex tistabbilixxi n-natura preċiża tal-proċedimenti li saru quddiemha u, b'mod partikolari, tal-ordni li ngħatat minn dik il-qorti. Għal diversi raġunijiet, ma kienx possibbli għall-qrati li jikkomunikaw ma' xulxin, minkejja l-intervent tal-maġistrat ta' kollegament fl-Istat Membru A u, fin-nuqqas ta' qbil mill-ġenituri, il-qorti fl-Istat Membru B kienet għalhekk tal-fehma li hija ma setgħetx tipproċedi mingħajr ma qabel tirreferi l-kawża lill-QtĠ-UE(42). Il-mistoqsijiet li saru f'din it-tieni kawża ġew indirizzati mill-QtĠ-UE fl-isfond u fid-dawl tad-deċiżjoni tagħha fl-ewwel kawża, li saret referenza għaliha aktar 'il fuq.

L-ewwel mistoqsija li saret kienet dwar jekk kinux japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19(2) li jittrattaw il-lis pendens u azzjonijiet relatati, fejn, kif kien apparentement il-każ, il-qorti - f'dan il-każ fl-Istat Membru A - kienet invokata biss b'azzjoni sabiex tikseb ordni għal miżuri provviżorji skont it-tifsira tal-Artikolu 20 tar-Regolament u fejn qorti ta' Stat Membru ieħor li għandha ġurisdizzjoni fir-rigward tas-sustanza tal-kwistjoni skont it-tifsira tar-Regolament – f'dan il-każ fl-Istat Membru B – kienet it-tieni waħda invokata mill-parti l-oħra b'azzjoni bl-istess għan li tagħti sentenza fir-rigward tas-sustanza tal-kwistjoni tar-responsabbiltà ta' ġenituri, kemm jekk fuq bażi provviżorja jew inkella fuq bażi finali. Il-QtĠ-UE wieġbet din il-mistoqsija billi qalet li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19(2) mhumiex applikabbli f'ċirkostanzi bħal dawn.

Il-QtĠ-UE ntalbet twieġeb ukoll kemm għandha ddum tistenna t-tieni qorti invokata qabel tieħu deċiżjoni fir-rigward tal-mistoqsija dwar jekk l-ewwel qorti invokata għandhiex ġurisdizzjoni fuq is-sustanza tal-kwistjonijiet imqajma. Il-Qorti indikat li fejn, kif ġara f'dan il-każ, il-qorti fl-Istat Membru B, li kienet it-tieni waħda li ġiet invokata fis-sustanza, minkejja l-isforzi li saru minnha sabiex tikseb informazzjoni permezz ta' inkjesta tal-parti li ssostni l-lis pendens, l-ewwel qorti invokata u l-awtorità ċentrali, ma kellhiex biżżejjed evidenza li tagħtiha ċ-ċans tiddetermina l-kawża

(41) Ara l-Kawża tal-QtĠ-UE C-256/09, Bianca Purrucker vs Guillermo Valles Perez [2010] Ġabra I-7353, sentenza mogħtija fil-15 ta' Lulju 2010 ('Purrucker I').

(42) Ara l-Kawża tal-QtĠ-UE C-296/10, Bianca Purrucker vs Guillermo Valles Perez [2010] Ġabra I-11163, sentenza mogħtija fid-9 ta' Novembru 2010 ('Purrucker II').

tal-azzjoni tal-proċedimenti mressqa quddiem il-qorti fl-Istat Membru A, b'mod partikolari, sabiex turi l-ġurisdizzjoni ta' dik il-qorti b'konformità mar-Regolament, u fejn, minħabba ċirkostanzi speċifiċi, l-interessi tal-persuna minorenni kienu jirrikjedu li l-qorti fl-Istat Membru B tagħti sentenza li tkun tista' tiġi rikonoxxuta fi Stati Membri oħrajn għajr dak tat-tieni qorti invokata, kien id-dmir ta' dik il-qorti, wara l-iskadenza ta' perjodu raġonevoli li matulu setgħu jintbagħtu tweġibiet għall-inkjesti li saru, illi tipproċedi wara li tikkunsidra l-azzjoni mressqa quddiemha. It-tul ta' dak il-perjodu raġonevoli kellu jieħu f'kunsiderazzjoni l-aħjar interessi tal-minorenni fiċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-proċedimenti kkonċernati.

*Kif tista' deċiżjoni tiġi rikonoxxuta u infurzata fi Stat Membru ieħor??*

## 3.5. Rikonoxximent u Infurzar - Ġenerali

### 3.5.1. Il-proċedura għar-rikonoxximent u l-infurzar – l-Artikoli 21 u 23-39

Kwalunkwe parti interessata tista' titlob li sentenza dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri, maħruġa minn qorti ta' Stat Membru, tiġi jew ma tiġix rikonoxxuta u ddikjarata bħala infurzabbli fi Stat Membru ieħor (il-"proċedura exequatur"). Sentenza li tagħti miżuri provviżorji taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 20 titqies bħala li mhijiex infurzabbli skont ir-Regolament barra l-Istat Membru fejn tkun ingħatat[43].

It-talba għandha ssir lill-qorti kompetenti fl-Istat Membru fejn qegħdin jiġu mfittxija r-rikonoxximent u l-infurzar. Il-qrati maħtura mill-Istati Membri għal dan il-għan jistgħu jinstabu fil-lista 1[44]. Il-qorti kompetenti għandha tiddikjara, mingħajr dewmien, li s-sentenza hija infurzabbli f'dak l-Istat Membru.

La l-persuna li kontriha qiegħed jiġi mfittex l-infurzar u lanqas il-persuna minorenni ma huma intitolati li jissottomettu osservazzjonijiet lill-qorti f'dan l-istadju. Ġie kkonfermat fil-każistika tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja li l-persuna li fil-konfront tagħha ngħatat is-sentenza ma tistax tapplika skont l-Artikolu 31 għal dikjarazzjoni li s-sentenza ma għandhiex tiġi rikonoxxuta jew infurzata.[45]

F'dan l-istadju, iż-żewġ partijiet jistgħu jappellaw kontra d-deċiżjoni u jissottomettu l-kummenti tagħhom. Jekk l-appell jitressaq mill-applikant, il-parti li fil-konfront tagħha qiegħed jiġi mfittex l-infurzar għandha tiġi mħarrka sabiex tidher quddiem il-qorti tal-appell.

### 3.5.2. Ir-raġunijiet għal ċaħda ta' rikonoxximent jew infurzar ta' sentenza relatata mar-responsabbiltà tal-ġenituri – l-Artikolu 23

Il-qorti għandha tirrifjuta li tiddikjara s-sentenza bħala infurzabbli biss jekk:

- dan imur evidentement kontra l-politika pubblika fl-Istat Membru indirizzat;

(43) Ara l-paragrafu 3.4.2 supra u l-kawża Purrucker I iċċitata fin-nota 41 f'qiegħ il-paġna.

(44) ĠU C 85, 23.3.2013, p. 6.

(45) Ara l-Kawża C-195/08 PPU Inga Rinau [2008] Ġabra I-5271, sentenza mogħtija fil-11 ta' Lulju 2008.

- għajr f'każ ta' urġenza, il-persuna minorenni ma tkunx ingħatat l-opportunità li tinstema' fil-proċedimenti li jwasslu għas-sentenza;
- is-sentenza tkun ingħatat fin-nuqqas ta' persuna li ma ġietx innotifikata bid-dokumenti li jistitwixxu l-proċedimenti fi żmien suffiċjenti u b'tali mod li jippermettulha tagħmel l-arranġamenti meħtieġa għad-difiża tagħha, sakemm ma jiġix stabbilit li hija aċċettat is-sentenza b'mod inekwivokabbli;
- il-persuna li ssostni li s-sentenza qiegħda tikser ir-responsabbiltà tagħha bħala ġenitur ma tkunx ingħatat opportunità li tinstema';
- is-sentenza tkun irrikonċiljabbli ma' sentenza oħra taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 23(e)(f);
- il-każ ikun jikkonċerna l-kollokament ta' persuna minorenni fi Stat Membru ieħor u l-proċedura preskritta fl-Artikolu 56 ma tkunx ġiet osservata.

### 3.5.3. Appell kontra deċiżjoni dwar dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà ta' sentenza – l-Artikolu 33

Il-partijiet jistgħu jappellaw kontra d-deċiżjoni. L-appell għandu jiġi sottomess lill-qrati maħtura mill-Istati Membri għal dan il-għan, li jistgħu jinstabu fil-lista 2 [46]. F'dan l-istadju, iż-żewġ partijiet jistgħu jissottomettu l-kummenti tagħhom lill-qorti.

(46) ĠU C 85, 23.3.2013, p. 6.

### 3.5.4. Għajnuna legali u assistenza oħra – l-Artikoli 50 u 55(b)tja

Meta tapplika għal exequatur, persuna tkun intitolata għal għajnuna legali jekk hija kienet intitolata għaliha fl-Istat Membru tal-oriġini tagħha. Tali persuna tista' tiġi assistita wkoll mill-awtoritajiet ċentrali, li għandu jkollhom ir-rwol li jinformaw u jassistu lid-detenturi tar-responsabbiltà ta' ġenituri li jfittxu r-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà ta' ġenituri fi Stat Membru ieħor.

### 3.5.5. Ir-rikonoxximent u d-dikjarazzjonijiet tal-infurzabbiltà ta' strumenti u ftehimiet awtentiċi – l-Artikolu 46

Kif ġie spjegat fil-paragrafi 3.1.3.2 u 3.1.3.3, il-proċedura għar-rikonoxximent u l-infurzar tapplika wkoll għall-istrumenti u l-ftehimiet awtentiċi li huma infurzabbli fl-Istat Membru tal-oriġini tagħhom. B'hekk, dawn huma rikonoxxuti u ddikjarati bħala infurzabbli fi Stati Membri oħrajn taħt l-istess kundizzjonijiet bħas-sentenzi.

### 3.5.6. Ebda rekwiżit għal-legalizzazzjoni tad-dokumenti – l-Artikolu 52

Meta jintalbu rikonoxximent, dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà jew l-infurzar ta' ordni fir-rigward tar-responsabbiltà tal-ġenituri skont ir-Regolament, ma hemm ebda rekwiżit għal-legalizzazzjoni ta' kwalunkwe wieħed mid-dokumenti meħtieġa għal dawn l-għanijiet. Għalhekk, pereżempju, sentenza dwar kustodja, jew ċertifikat li jirrigwardja l-infurzabbiltà ta' tali

sentenza, ma hemmx bżonn li jgħaddu minn xi formalità ta' legalizzazzjoni b'rabta mar-rikonoxximent jew mal-infurzar fi Stat Membru ieħor.

## 3.5.7. Eċċezzjonijiet għall-proċedura ġenerali għar-rikonoxximent u l-infurzar – l-Artikolu 40

### 3.5.7.1. Ordnijiet għal aċċess (kuntatt) u r-ritorn tat-tfal skont l-Artikolu 11(6-8) – l-Artikoli 41 u 42

Il-proċedura deskritta hawn fuq tapplika b'mod ġenerali għad-deċiżjonijiet dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri, bħal fi kwistjonijiet li jikkonċernaw il-kustodja. Madankollu, hemm żewġ eċċezzjonijiet fejn ir-Regolament jiddispensa ma' din il-proċedura u fejn deċiżjoni għandha tiġi rikonoxxuta u tkun infurzabbli fi Stati Membri oħrajn mingħajr ebda proċedura. L-eċċezzjonijiet jikkonċernaw id-drittijiet tal-aċċess (ara l-paragrafu 3.6.3) u r-ritorn tal-persuna minorenni wara t-tneħħija jew iż-żamma illegali tagħha (ara l-paragrafu 4.4.7). F'kull waħda minn dawn is-sitwazzjonijiet, ir-Regolament jistabbilixxi li ma hemm ebda ħtieġa għal dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà u d-dispożizzjonijiet għall-oppożizzjoni għar-rikonoxximent u r-raġunijiet stabbiliti fl-Artikolu 23 ma japplikawx. Minflok ġiet stabbilita proċedura li permezz tagħha jinħareġ ċertifikat mill-qorti tal-oriġini li, flimkien ma' kopja tas-sentenza li għaliha jirreferi ċ-ċertifikat, huma biżżejjed sabiex jippermettu l-infurzar dirett tal-ordni. Għal aktar informazzjoni dwar dawn iċ-ċertifikati, ara l-paragrafi 3.6.3 et seq rigward l-aċċess (il-kuntatt) u 4.4.7 et seq rigward ir-ritorn tal-persuna minorenni.

### 3.5.7.2. Ċertifikat għall-infurzar ta' ordni għar-ritorn ta' persuna minorenni – l-Artikolu 42 u l-Anness IV

Iċ-ċertifikat li għandu jinħareġ għall-infurzar ta' ordni għar-ritorn ta' persuna minorenni wara tneħħija illegali, kif mitlub minn sentenza mogħtija skont l-Artikolu 11(8), għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-persuna minorenni ngħatat l-opportunità li tinstema', sakemm, wara li ġiet ikkunsidrata l-età jew il-maturità tagħha, dan ma jkunx meqjus bħala inadegwat;

NB. Din id-dispożizzjoni tfisser li hija l-qorti li toħroġ iċ-ċertifikat u li tat is-sentenza li hija obbligata li tisma' lill-persuna minorenni, għajr meta tqis li dan huwa inadegwat, fejn tali deċiżjoni għandha teħodha wara li tkun ħadet f'kunsiderazzjoni l-informazzjoni dwar l-età u l-maturità tal-persuna minorenni; hija ma għandhiex toħroġ ċertifikat qabel ma tiġi ssodisfata din il-kundizzjoni;

(b) il-partijiet kollha ngħataw opportunità li jinstemgħu; u

(ċ) qabel ma tat is-sentenza tagħha, il-qorti kkunsidrat ir-raġunijiet għal u l-evidenza li fuqha ġiet ibbażata l-ordni, filwaqt li l-qorti fl-Istat Membru l-ieħor irrifjutat skont l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 li tirritorna l-persuna minorenni.

Barra minn hekk, jekk il-qorti tordna miżuri ta' protezzjoni tal-persuna minorenni wara r-ritorn lejn l-Istat tar-residenza abitwali tagħha, dawn il-miżuri għandhom jiġu inklużi fiċ-ċertifikat; fil-paragrafu 14 taċ-ċertifikat huwa disponibbli spazju għal dan.

L-imħallef għandu joħroġ iċ-ċertifikat fuq inizjattiva ex-officio tiegħu stess.

#### 3.5.7.3. Dokumenti għall-infurzar – l-Artikolu 45

Il-parti li tfittex l-infurzar għandha tipproduċi kopja tas-sentenza u taċ-ċertifikat maħruġ skont l-Artikolu 41 jew 42 bil-lingwa tas-sentenza. Meta l-infurzar jiġi mfittex fl-Istat Membru l-ieħor, tkun trid tiġi pprovduta traduzzjoni tal-parti rilevanti taċ-ċertifikat f'lingwa uffiċjali ta' dak l-Istat Membru. Fir-rigward tal-aċċess, jeħtieġ li ssir traduzzjoni tal-arranġamenti speċifiċi tal-aċċess, li għandhom jiġu spjegati fid-dettall fil-paragrafu 12 taċ-ċertifikat. Fir-rigward tar-ritorn tal-persuna minorenni, jeħtieġ li ssir traduzzjoni tal-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-miżuri ordnati għall-iżgurar tar-ritorn tal-persuna minorenni, li għandhom jiġu spjegati fid-dettall fil-paragrafu 14 taċ-ċertifikat.

## 3.6. Ir-Regoli dwar id-Drittijiet tal-Aċċess (il-Kuntatt) – Rikonoxximent u Infurzar – l-Artikoli 40 u 41

### 3.6.1. Ir-rikonoxximent u l-infurzar diretti tad-drittijiet tal-aċċess (kuntatt) skont ir-Regolament – l-Artikoli 40 u 41

Wieħed mill-għanijiet politiċi ewlenin tar-Regolament huwa li jiżgura li persuna minorenni tkun tista' żżomm kuntatt matul tfulitha mad-detenturi kollha tar-responsabbiltà ta' ġenituri, anki wara separazzjoni u meta jkunu jgħixu fi Stati Membri differenti [47]. Ir-Regolament jiffaċilita l-eżerċizzju tad-drittijiet ta' aċċess transkonfinali billi jiżgura li sentenza dwar id-drittijiet ta' aċċess mogħtija fi Stat Membru wieħed tkun direttament rikonoxxuta u infurzabbli fi Stat Membru ieħor, diment li hija tkun akkumpanjata minn ċertifikat maħruġ mill-qorti li tkun tat is-sentenza [48]. Dan ma jwaqqafx lid-detenturi ta' responsabbiltà ta' ġenituri milli jfittxu r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenza dwar l-aċċess billi japplikaw għal exequatur skont il-partijiet rilevanti tar-Regolament, jekk ikunu jixtiequ jagħmlu dan (ara l-Artikolu 40(2) u t-taqsima 3.5).

(47) B'dan il-mod, ir-Regolament jesprimi l-prinċipju fl-Artikoli 9 u 10 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal. Il-Konvenzjoni tapplika għal tfal ta' taħt it-18-il sena; ara wkoll l-Artikolu 24(3) tal-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (2010/C 83/02) MT 30.3.2010 ĠU C 83/389 .

(48) Ara l-paragrafu 3.6.7.

### 3.6.2. Liema drittijiet ta' aċċess huma kkonċernati? – l-Artikolu 2(10)

Id-"drittijiet ta' aċċess" jinkludu, b'mod partikolari, id-dritt li persuna minorenni tittieħed f'post ieħor għajr dak tar-residenza abitwali tagħha għal perjodu ta' żmien limitat.

Ir-regoli dwar id-drittijiet ta' aċċess japplikaw għal kwalunkwe drittijiet ta' aċċess, irrispettivament minn min huwa l-benefiċjarju tagħhom. Skont il-liġi nazzjonali, id-drittijiet ta' aċċess jistgħu jiġu attribwiti lill-ġenitur li miegħu ma tkunx tgħix il-persuna minorenni, jew lil membri familjari oħrajn, bħal nanniet jew persuni terzi.

Id-"drittijiet ta' aċċess" jistgħu jinkludu kwalunkwe forma ta' kuntatt bejn il-persuna minorenni u l-persuna l-oħra, inkluż pereżempju, kuntatt bit-telefon, bi skype, bl-internet jew bil-posta elettronika.

Dawn ir-regoli dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar japplikaw biss għal sentenzi li jagħtu drittijiet ta' aċċess. Għall-kuntrarju, ir-rikonoxximent ta' sentenza li permezz tagħha tiġi rrifjutata talba għad-drittijiet ta' aċċess huwa rregolat mir-regoli ġenerali dwar ir-rikonoxximent.

### 3.6.3. X'inhuma l-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' ċertifikat? – l-Artikoli 40 u 41 u l-Anness III

Sentenza dwar id-drittijiet tal-aċċess hija direttament rikonoxxuta u infurzabbli fi Stat Membru ieħor, diment li tkun akkumpanjata minn ċertifikat, li għandu jinħareġ mill-imħallef tal-oriġini li jkun ta s-sentenza. Iċ-ċertifikat għandu l-għan li jiggarantixxi li ċerti salvagwardji proċedurali jkunu ġew irrispettati matul il-proċedura fl-Istat Membru tal-oriġini.

L-imħallef tal-oriġini għandu joħroġ iċ-ċertifikat ladarba huwa jkun ivverifika li ġew irrispettati s-salvagwardji proċedurali li ġejjin:

- il-partijiet kollha ngħataw l-opportunità li jinstemgħu;
- il-persuna minorenni tkun ingħatat opportunità li tinstema', sakemm tali seduta ta' smigħ ma kinitx meqjusa bħala inadegwata minħabba l-età u l-maturità tal-persuna minorenni;
- meta s-sentenza tkun ingħatat f'kontumaċja, il-kontumaċi jkun ġie nnotifikat bid-dokument li jistitwixxi l-proċedimenti fi żmien suffiċjenti u b'mod li jippermetti lil dik il-persuna tħejji d-difiża tagħha, jew jekk il-persuna kienet innotifikata bid-dokument iżda mhux b'konformità ma' dawn il-kundizzjonijiet, ikun għaldaqstant stabbilit li l-persuna aċċettat is-sentenza b'mod inekwivokabbli.

Għalkemm dan mhuwiex irregolat fir-Regolament, l-imħallfin iqisu li hija prattika tajba li meta tittieħed deċiżjoni li l-persuna minorenni ma tinstemax minħabba li ma għandhiex età jew maturità suffiċjenti, mela allura huma għandhom jinkludu fis-sentenza tagħhom deskrizzjoni

tal-passi meħuda sabiex jiġu stabbiliti l-età u l-maturità tal-persuna minorenni, flimkien mar-raġunijiet għaliex tali persuna minorenni ma ngħatatx l-opportunità li tinstema'.

Jekk is-salvagwardji proċedurali ma jkunux ġew irrispettati, id-deċiżjoni ma tkunx direttament rikonoxxuta u ddikjarata bħala infurzabbli fi Stati Membri oħrajn, iżda l-partijiet ikollhom japplikaw għal exequatur għal dan il-għan (ara t-Taqsima 3.5).

## 3.6.4. Iċ-Ċertifikat – l-Artikolu 41(2)

L-imħallef tal-oriġini għandu joħroġ iċ-ċertifikat bil-lingwa tas-sentenza billi juża l-formola standard li tinsab fl-Anness III. Iċ-ċertifikat mhux biss jindika jekk is-salvagwardji proċedurali msemmija fuq ġewx irrispettati, iżda huwa jinkludi wkoll informazzjoni ta' natura prattika, intiża biex tiffaċilita l-infurzar tas-sentenza. Din tista' tinkludi, pereżempju, l-ismijiet u l-indirizzi tad-detenturi tar-responsabbiltà ta' ġenituri u t-tfal ikkonċernati, kwalunkwe arranġamenti prattiċi għall-eżerċizzju tad-drittijiet tal-aċċess, kwalunkwe obbligi speċifiċi fuq id-detentur tad-drittijiet ta' aċċess jew fuq il-ġenitur l-ieħor u kwalunkwe restrizzjoni li tista' tkun marbuta mal-eżerċizzju tad-drittijiet ta' aċċess. Fil-prinċipju, l-obbligi kollha msemmija fiċ-ċertifikat fir-rigward tad-drittijiet tal-aċċess huma direttament infurzabbli skont ir-regoli.

## 3.6.5. Meta għandu jinħareġ iċ-ċertifikat mill-imħallef tal-oriġini? – l-Artikolu 41(1) u (3)

Dan jiddependi fuq jekk, fil-mument li tingħata s-sentenza, ikunx probabbli li d-drittijiet tal-aċċess li jridu jiġu eżerċitati jinvolvu sitwazzjoni transkonfinali

### 3.6.5.1. Id-drittijiet ta' aċċess jinvolvu sitwazzjoni transkonfinali

Jekk, fil-mument li tingħata s-sentenza, id-drittijiet ta' aċċess jinvolvu sitwazzjoni transkonfinali, pereżempju jekk wieħed mill-ġenituri tal-persuna minorenni kkonċernata jkun residenti fi Stat Membru ieħor jew jippjana li jitlaq jgħix fi Stat Membru ieħor, l-imħallef għandu joħroġ iċ-ċertifikat fuq inizjattiva tiegħu ("ex officio") meta s-sentenza ssir infurzabbli, anki jekk dan ikun biss b'mod provviżorju.

Il-liġijiet nazzjonali ta' ħafna Stati Membri jistabbilixxu li s-sentenzi dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri huma "infurzabbli" minkejja l-appell. Jekk il-liġi nazzjonali ma tippermettix li sentenza tkun infurzabbli waqt li jkun hemm appell pendenti kontriha, ir-Regolament jikkonferixxi dan id-dritt fuq l-imħallef tal-oriġini. L-għan huwa li jiġi evitat li l-appelli dilatorji jikkawżaw dewmien bla bżonn fl-infurzar ta' deċiżjoni.

#### 3.6.5.2. Id-drittijiet ta' aċċess ma jinvolvu ebda sitwazzjoni transkonfinali

Jekk, fil-mument li tingħata s-sentenza, ma jkun hemm ebda indikazzjoni li d-drittijiet ta' aċċess sejrin jiġu eżerċitati tul il-fruntieri nazzjonali, l-imħallef ma jkunx obbligat li joħroġ ċertifikat. Madankollu, jekk iċ-ċirkostanzi tal-każ jindikaw li hemm ċans effettiv jew potenzjali li d-drittijiet ta' aċċess jinvolvu sitwazzjoni transkonfinali, l-imħallfin jistgħu jqisuha bħala prattika tajba li joħorġu ċ-ċertifikat fl-istess ħin li tingħata s-sentenza. Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, meta l-qorti inkwistjoni tkun tinsab qrib il-fruntiera ta' Stat Membru ieħor jew meta d-detenturi tar-responsabbiltà ta' ġenituri jkunu ta' nazzjonalitajiet differenti.

Jekk is-sitwazzjoni sussegwentement tikseb karattru transkonfinali, ngħidu aħna minħabba li wieħed mid-detenturi tar-responsabbiltà ta' ġenituri jmur fi Stat Membru ieħor, waħda mill-partijiet tista' f'dak iż-żmien titlob lill-qorti tal-oriġini li tkun tat is-sentenza sabiex toħroġ ċertifikat.

### 3.6.6. Huwa possibbli li tappella kontra ċ-ċertifikat? – l-Artikolu 43 u l-Premessa 24

Le, mhuwiex possibbli li tappella kontra l-ħruġ ta' ċertifikat. Jekk l-imħallef tal-oriġini kkommetta żball fl-ikkompletar taċ-ċertifikat u, għalhekk, dan ma jkunx jirrifletti s-sentenza b'mod korrett, huwa possibbli li tressaq talba għal rettifikazzjoni quddiem il-qorti tal-oriġini. F'dak il-każ, għandha tapplika l-liġi nazzjonali tal-Istat Membru tal-oriġini.

### 3.6.7. X'inhuma l-effetti taċ-ċertifikat? – l-Artikoli 41(1) u 45

*Sentenza dwar id-drittijiet tal-aċċess, li tkun akkumpanjata minn ċertifikat, hija direttament rikonoxxuta u infurzabbli fi Stati Membri oħrajn mingħajr il-ħtieġa li l-proċedura tikseb dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà.*

Il-fatt li s-sentenza dwar id-drittijiet ta' aċċess hija akkumpanjata minn ċertifikat ifisser li d-detentur tad-drittijiet ta' aċċess jista' jitlob li d-deċiżjoni tiġi rikonoxxuta u infurzata fi Stat Membru ieħor mingħajr ebda proċedura intermedja ("exequatur"). Barra minn hekk, il-parti l-oħra ma tistax topponi r-rikonoxximent tas-sentenza. Konsegwentement, mhuwiex meħtieġ li tapplika għal dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà fir-rigward ta' sentenza dwar id-drittijiet ta' aċċess u lanqas ma huwa possibbli li topponi r-rikonoxximent tas-sentenza, fuq il-bażi tar-raġunijiet tan-non-rikonoxximent elenkati fl-Artikolu 23. Ċertifikat għas-sentenza għandu jintuża mill-qorti fl-Istat Membru tal-oriġini diment li jkunu ġew irrispettati ċerti salvagwardji proċedurali. Parti li tkun tixtieq titlob l-infurzar tad-drittijiet ta' aċċess fi Stat Membru ieħor għandha tipproduċi kopja tas-sentenza u ċ-ċertifikat.

Mhuwiex neċessarju li ċ-ċertifikat jiġi tradott, bl-eċċezzjoni tal-punt 12 li jikkonċerna l-arranġamenti prattiċi għall-eżerċizzju tad-drittijiet ta' aċċess.

### 3.6.8. Is-sentenza għandha tiġi ttrattata bħala ekwivalenti għal sentenza mogħtija mill-Istat Membru tal-infurzar – l-Artikoli 44 u 47

*Iċ-ċertifikat jiżgura li, għall-finijiet tar-rikonoxximent u l-infurzar fl-Istat Membru l-ieħor, is-sentenza tiġi ttrattata bħala ekwivalenti għal sentenza mogħtija hemmhekk.*

Il-fatt li sentenza hija direttament rikonoxxuta u infurzabbli fi Stat Membru ieħor ifisser li hija għandha tiġi ttrattata bħallikieku kienet sentenza "nazzjonali" u tiġi rikonoxxuta u infurzata taħt l-istess kundizzjonijiet bħal sentenza mogħtija f'dak l-Istat Membru. Jekk waħda mill-partijiet ma tkunx volontarjament konformi ma' sentenza dwar id-drittijiet ta' aċċess, il-parti l-oħra tista' titlob direttament lill-awtoritajiet fl-Istat Membru tal-infurzar sabiex jinfurzawha. Il-proċedura tal-infurzar mhijiex irregolata mir-Regolament, iżda mil-liġi nazzjonali (ara l-kapitolu 5).

### 3.6.9. Is-setgħa tal-qrati fl-Istat Membru tal-infurzar li jagħmlu arranġamenti prattiċi għall-eżerċizzju tad-drittijiet tal-aċċess – l-Artikolu 48

L-infurzar jista' jrendi f'wieħed diffiċli jew saħansitra impossibbli jekk is-sentenza ma jkollha ebda informazzjoni jew ma jkollhiex biżżejjed informazzjoni dwar l-arranġamenti għall-organizzazzjoni tal-eżerċizzju tad-drittijiet ta' aċċess. Madankollu, bil-għan li jiġi żgurat li d-drittijiet tal-aċċess ikunu jistgħu jiġu infurzati f'sitwazzjonijiet bħal dawn, ir-Regolament jagħti lill-qrati tal-Istat Membru tal-infurzar is-setgħa li jagħmlu l-arranġamenti prattiċi meħtieġa għall-organizzazzjoni tal-eżerċizzju tad-drittijiet ta' aċċess, filwaqt li jirrispettaw l-elementi essenzjali tas-sentenza.

L-Artikolu 48 ma jikkonferixxi ebda ġurisdizzjoni fir-rigward tas-sustanza fuq il-qorti tal-infurzar. Għalhekk, kwalunkwe arranġamenti prattiċi ordnati skont din id-dispożizzjoni jieqfu japplikaw ladarba qorti tal-Istat Membru b'ġurisdizzjoni rigward is-sustanza tal-materja tkun sussegwentement tat is-sentenza tagħha.



# 4. Ir-Regoli dwar is-Sekwestru tat-Tfal Internazzjonali fl-UE

## 4.1. Introduzzjoni ġenerali – l-Artikoli 10, 11, 40, 42, 55 u 62

### 4.1.1. Ir-relazzjonijiet mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 – l-Artikoli 60 u 62 u l-Premessa 17

Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-aspetti ċivili tas-sekwestru tat-tfal Internazzjonali ("il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980") ġiet irratifikata mill-Istati Membri kollha tal-UE u qiegħda tkompli tapplika fir-rigward ta' każijiet ta' sekwestru tat-tfal bejn l-Istati Membri. Madankollu, il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 hija ssupplimentata minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament, illi jidħlu fis-seħħ f'każijiet bħal dawn. B'hekk, fir-rigward tal-operat tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri, ir-regoli tar-Regolament jipprevalu fuq ir-regoli tal-Konvenzjoni safejn ikunu kkonċernati l-materji rregolati mir-Regolament.

### 4.1.2. Id-deterrenza tas-sekwestru tat-tfal mill-ġenituri

Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 u r-Regolament għandhom l-għan komuni li jiskoraġixxu s-sekwestru tat-tfal mill-ġenituri bejn l-Istati Membri. Madankollu, jekk dan iseħħ xorta waħda, kemm il-Konvenzjoni kif ukoll ir-Regolament ifittxu li jiżguraw ir-ritorn f'waqtu tal-persuna minorenni lejn l-Istat Membru tal-oriġini tagħha[49]. Għall-finijiet tal-Konvenzjoni u tar-Regolament, is-sekwestru tat-tfal ikopri kemm it-tneħħija abbużiva kif ukoll iż-żamma abbużiva[50]. Dan li ġej japplika għal każijiet li jinvolvu ż-żewġ sitwazzjonijiet

### 4.1.3. Deskrizzjoni ġenerali tal-funzjonament tar-Regolament fir-rigward tas-sekwestru tat-tfal

Meta persuna minorenni tinħataf minn Stat Membru wieħed ("l-Istat Membru tal-oriġini") u tittieħed fi Stat Membru ieħor ("l-Istat Membru rikjest"), ir-Regolament jiżgura li l-qrati tal-Istat Membru tal-oriġini jżommu l-ġurisdizzjoni sabiex jiddeċiedu dwar il-kwistjoni tal-kustodja minkejja s-sekwestru. Ladarba tiġi ppreżentata applikazzjoni għar-ritorn tal-persuna minorenni quddiem qorti fl-Istat Membru rikjest, din il-qorti tapplika l-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 kif ikkumplimentata mir-Regolament. Jekk il-qorti tal-Istat Membru rikjest tiddeċiedi li ma tordnax ir-ritorn tal-persuna minorenni għar-raġunijiet stabbiliti fl-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni, hija għandha tibgħat minnufih kopja tad-deċiżjoni tagħha lill-qorti kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini ("il-qorti tal-oriġini"), li min-naħa tagħha mbagħad tkun tista' teżamina kwistjoni ta' kustodja fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, jekk ma tkunx diġà ġiet invokata bil-kwistjoni. Jekk il-qorti tal-oriġini tieħu deċiżjoni li tinvolvi r-ritorn tal-persuna minorenni, din id-deċiżjoni tkun direttament rikonoxxuta u infurzabbli fl-Istat Membru rikjest mingħajr il-ħtieġa għal exequatur (ara l-paragrafu 4.4.7 u ċ-ċart fil-paragrafu 4.4.9).

(49) Ara l-Premessa 17 tar-Regolament u l-Artikoli 1(a) u 12, inter alia, tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980.

(50) Ara l-Artikolu 2(9) u (11) tar-Regolament u l-Artikoli 3, 4 u 5 tal-Konvenzjoni.

### 4.1.4. Il-prinċipji ewlenin tar-regoli dwar is-sekwestru tat-tfal

1. Wara t-tneħħija jew iż-żamma abbużiva ta' persuna minorenni, fil-prinċipju, il-ġurisdizzjoni tibqa' f'idejn il-qrati tal-Istat Membru tal-oriġini (ara ċ-ċart fil-paragrafu 4.2.2).
2. Il-qrati tal-Istat Membru rikjest għandhom jiżguraw ir-ritorn fil-pront tal-persuna minorenni (ara ċ-ċart fil-paragrafu 4.3.6).
3. Jekk il-qorti tal-Istat Membru rikjest tiddeċiedi li ma tirritornax il-persuna minorenni fuq kwalunkwe bażi stabbilita fl-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni, hija għandha tibgħat kopja tad-deċiżjoni tagħha lill-qorti kompetenti fl-Istat Membru tal-oriġini, li min-naħa tagħha għandha tinnotifika lill-partijiet. Iż-żewġ qrati għandhom jikkooperaw (ara ċ-ċart fil-paragrafu 4.4.9).
4. Jekk il-qorti tal-Istat Membru tal-oriġini tiddeċiedi li l-persuna minorenni għandha tirritorna lura, l-exequatur tiġi abolita għal din id-deċiżjoni u hija tkun direttament infurzabbli fl-Istat Membru rikjest (ara ċ-ċart fil-paragrafu 4.4.9).[51]
5. L-awtoritajiet ċentrali tal-Istat Membru tal-oriġini u tal-Istat Membru rikjest għandhom jikkooperaw ma' xulxin u jassistu lill-qrati fil-kompiti tagħhom[52].

(51) Fil-kawża C-211/10 PPU Povse vs Alpago [2010] Ġabra I - 0000, sentenza mogħtija fl-1 ta' Lulju 2010, il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja għamlitha ċara, fost l-oħrajn, li sabiex ordni rigward ir-ritorn ta' persuna minorenni tkun infurzabbli skont l-Artikolu 11.8, din mhux bilfors tirrikjedi li l-proċedimenti fil-qorti tal-oriġini jwasslu għall-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar il-kustodja tal-persuna minorenni; ara l-paragrafu 5 et seq.

(52) Ara l-Artikolu 55 tar-Regolament u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni.

### 4.1.5. L-importanza tar-rwol tal-ġudikatura

Bħala rimarka ġenerali, huwa xieraq li jiġi mfakkar li l-kumplessità u n-natura tal-kwistjonijiet indirizzati fid-diversi strumenti internazzjonali fil-qasam tas-sekwestru tat-tfal jirrikjedu mħallfin speċjalizzati u b'taħriġ adegwat. Għalkemm l-organizzazzjoni tal-qrati taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, l-esperjenzi tal-Istati Membri li kkonċentraw il-ġurisdizzjoni sabiex jisimgħu l-kawżi skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 f'numru limitat ta' qrati jew imħallfin huma pożittivi u juru żieda fil-kwalità u l-effiċjenza.

Il-kooperazzjoni internazzjonali bejn l-imħallfin tal-familja kompliet tiżviluppa dejjem aktar matul dawn l-aħħar snin. Illum il-ġurnata hemm netwerk dejjem jikber ta' mħallfin li jistgħu jassistu fl-ottimizzazzjoni tal-funzjonament tal-Konvenzjoni u tar-Regolament fir-rigward tas-sekwestru tat-tfal u ta' kwistjonijiet oħrajn li jinvolvu lit-tfal. F'ħafna pajjiżi nħatru mħallfin ta' kollegament li jistgħu jassistu fil-komunikazzjoni ġudizzjarja u jipprovdu pariri u appoġġ lill-kollegi tagħhom f'pajjiżhom u fi Stati oħrajn fir-rigward ta' kwistjonijiet li jirriżultaw f'kawżi bħal dawn[53].

(53) Ara http://www.hcch.net/index_en.php?act=text.display&tid=21 għal dettalji dwar in-Netwerk Ġudizzjarju Internazzjonali tal-Aja; ara wkoll in-nota 39 supra f'qiegħ il-paġna; in-Netwerk Ewropew tal-Imħallfin tal-Familja jiffunzjona bħala parti min-Netwerk Ġudizzjarju Ċivili Ewropew.

## 4.2. Kwistjonijiet ta' ġurisdizzjoni fir-rigward ta' każijiet ta' sekwestru tat-tfal

### 4.2.1. Il-prevenzjoni tat-tibdil tal-ġurisdizzjoni wara s-sekwestru – l-Artikolu 10

#### 4.2.1.1. Il-qrati tal-Istat Membru tal-oriġini għandhom iżommu l-ġurisdizzjoni

Bl-iskop ta' deterrent għas-sekwestru tat-tfal mill-ġenituri bejn l-Istati Membri, l-Artikolu 10 jiżgura li l-qrati tal-Istat Membru fejn kienet abitwalment residenti l-persuna minorenni qabel it-tneħħija jew iż-żamma abbużiva tagħha ("l-Istat Membru tal-oriġini") jibqgħu kompetenti sabiex jiddeċiedu dwar is-sustanza tal-kawża anki minn hemm 'il quddiem. Il-ġurisdizzjoni tista' tiġi attribwita lill-qrati tal-Istat Membru ġdid ("l-Istat Membru rikjest") biss taħt kundizzjonijiet stretti ħafna (ara ċ-ċart fil-paragrafu 4.2.2).

#### 4.2.1.2. Sitwazzjonijiet ristretti fejn il-qrati fl-Istat Membru rikjest jiksbu ġurisdizzjoni

Ir-Regolament jippermetti l-attribuzzjoni tal-ġurisdizzjoni lill-Istat Membru rikjest f'żewġ sitwazzjonijiet bissé:

*Sitwazzjoni 1:*

- Il-persuna minorenni kisbet residenza abitwali fl-Istat Membru rikjest, u
- Dawk kollha bi drittijiet ta' kustodja taw il-kunsens tagħhom għas-sekwestru.

*Sitwazzjoni 2:*

- Il-persuna minorenni kisbet residenza abitwali fl-Istat Membru rikjest u għexet f'dak l-Istat Membru għal mill-inqas sena wara li dawk bi drittijiet ta' kustodja saru jafu jew suppost li kellhom isiru jafu dwar fejn kienet tinsab il-persuna minorenni, u
- il-persuna minorenni issetiljat fl-ambjent ġdid **u, barra minn hekk, ġiet issodisfata mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin**:
  - ma ġiet sottomessa ebda talba għar-ritorn tal-persuna minorenni matul is-sena wara li l-ġenitur li baqa' f'dak l-Istat kien jaf jew suppost li kellu jsir jaf dwar fejn kienet tinsab il-persuna minorenni;
  - saret talba għar-ritorn iżda ġiet irtirata u ma ġiet sottomessa ebda talba ġdida matul dik is-sena;
  - inħarġet deċiżjoni dwar in-non-ritorn fl-Istat rikjest u l-qrati taż-żewġ Stati Membri ħadu l-passi meħtieġa skont l-Artikolu 11(6), iżda l-kawża ngħalqet skont l-Artikolu 11(7) minħabba li l-partijiet ma għamlu ebda sottomissjoni fi żmien 3 xhur min-notifika;
  - il-qorti tal-oriġini kompetenti tat sentenza dwar il-kustodja li ma tinvolvix ir-ritorn tal-persuna minorenni. B'rabta ma' dan, ta' min jinnota li l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja għamlitha ċara li l-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 10(b)(iv) għandha tiġi osservata strettament u li s-sentenza msemmija għandha tkun sentenza finali. B'hekk, sentenza li tagħti miżura provviżorja u ta' protezzjoni ma tissodisfax din il-kundizzjoni u lanqas ma tista' teffettwa trasferiment tal-ġurisdizzjoni lejn il-qrati tal-Istat Membru fejn intbagħtet il-persuna minorenni.[54]

(54) Ara l-Kawża C-211/10, Povse vs Alpago, iċċitata aktar 'il fuq fin-nota 51 f'qiegħ il-paġna fil-paragrafi 39 sa 49.

## 4.2.2. Il-ġurisdizzjoni f'każijiet ta' sekwestru tat-tfal – l-effett tal-Artikolu 10

***Eżempju***: Persuna minorenni tittieħed b'sekwestru mill-Istat Membru A lejn l-Istat Membru B u tibqa' hemmhekk. Liema qorti għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar is-sustanza tal-każ?

*SITWAZZJONI 1:*

Il-persuna minorenni kisbet residenza abitwali fl-Istat Membru B u dawk kollha bi drittijiet ta' kustodja taw il-kunsens tagħhom għas-sekwestru.

**LE** ◄ Il-qrati tal-Istat Membru A għandhom ġurisdizzjoni

► **IVA** Il-qrati tal-Istat Membru B għandhom ġurisdizzjoni

*SITWAZZJONI 2:*

Il-persuna minorenni kisbet residenza abitwali fl-Istat Membru B u għexet hemmhekk għal mill-inqas sena wara li dawk bi drittijiet ta' kustodja saru jafu jew suppost li kellhom isiru jafu dwar fejn kienet tinsab il-persuna minorenni l

**u** l-persuna minorenni ssetiljat fl-ambjent ġdid tagħha.

**u tiġi ssodisfata mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:**

- Id-detentur rilevanti tad-drittijiet ta' kustodja ma għamel ebda talba għar-ritorn tal-persuna minorenni fi żmien sena wara li sar jaf jew suppost li kellu jsir jaf dwar fejn kienet tinsab il-persuna minorenni **jew**
- id-detentur tal-kustodja rtira talba għar-ritorn fi żmien sena u ma ġiet sottomessa ebda talba ġdida matul dak iż-żmien **jew**
- qorti tal-Istat Membru B iddeċidiet li l-persuna minorenni ma għandhiex tirritorna u bagħtet kopja tad-deċiżjoni tagħha lill-qorti kompetenti fl-Istat Membru A, iżda ebda waħda mill-partijiet ma talbet lill-qorti msemmija l-aħħar sabiex teżamina l-każ matul il-perjodu ta' żmien stabbilit mill-Artikolu 11(7) **jew**
- fuq talba ta' waħda mill-partijiet, il-qorti tal-Istat Membru A tat sentenza dwar il-kustodja li ma tinvolvix ir-ritorn tal-persuna minorenni.

**LE** ◄ ► **IVA**

## 4.3. Regoli maħsuba biex jiżguraw ir-ritorn fil-pront tal-persuna minorenni – l-Artikolu 11(1) sa (5)

### 4.3.1. Il-qorti tapplika l-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 kif ikkumplimentata mill-Artikolu 11(1) sa (5)

Meta qorti ta' Stat Membru tirċievi talba għar-ritorn ta' persuna minorenni skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980, hija għandha tapplika r-regoli tal-Konvenzjoni kif ikkumplimentata mill-Artikolu 11(1) sa (5) tar-Regolament (ara ċ-ċart fil-paragrafu 4.3.6). Għal dan il-għan, l-imħallef jista' jsibha utli li jikkonsulta l-każistika rilevanti taħt din il-Konvenzjoni, li hija disponibbli fid-database ta' INCADAT stabbilita mill-Konferenza tal-Aja dwar il-Liġi Internazzjonali Privata[55]. Barra minn hekk, jistgħu jintużaw ukoll ir-Rapport ta' Spjegazzjoni u l-Gwidi ta' Prattika li jikkonċernaw din il-Konvenzjoni (ara s-sit elettroniku tal-Konferenza tal-Aja dwar il-Liġi Internazzjonali Privata)[56]. Sadanittant, in-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew f'Materji Ċivili ħejja gwida prattika li tagħti informazzjoni dwar il-metodi għall-ipproċessar u s-smigħ tal-kawżi dwar ir-ritorn.[57]

(55) http://www.incadat.com/; id-database ta' INCADAT issa tinkludi wkoll kawżi li jaqgħu taħt ir-Regolament, kif ukoll fil-QtĠ-UE u fil-QEDB.

(56) http://www.hcch.net/index_en.php; http://www.hcch.net/index_en.php?act=text.display&tid=21; http://www.hcch.net/index_en.php?act=publications.details&pid=2779; .

(57) Ara https://e-justice.europa.eu/content_parental_child_abduction-309-en.do?clang=mt.

### 4.3.2. Il-qorti tivvaluta jekk kienx hemm sekwestru – l-Artikolu 2(11)(a) u (b)

L-imħallef għandu l-ewwel jistabbilixxi jekk kienx hemm "tneħħija jew żamma abbużiva". Id-definizzjoni mogħtija fl-Artikolu 2(11) tar-Regolament hija simili ħafna għal dik mogħtija fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 u tkopri t-tneħħija jew iż-żamma ta' persuna minorenni fi ksur tad-drittijiet ta' kustodja skont il-liġi tal-Istat Membru fejn il-persuna minorenni kienet abitwalment residenti immedjatament qabel is-sekwestru.

#### 4.3.2.1. It-tifsira ta' kustodja – l-Artikolu 2(9) u (11)

Huwa ovvju li t-tifsira ta' kustodja hija ċentrali għall-mistoqsija dwar jekk kienx hemm tneħħija jew żamma abbużiva. Din l-espressjoni għandha tingħata tifsira li mhijiex iddeterminata biss mil-liġi tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-persuna minorenni kkonċernata. Hija għandha tingħata tifsira li tkun awtonoma u għandha tirrifletti t-termini tar-Regolament u tal-Konvenzjoni. Jista' jkun meħtieġ ukoll li l-eżistenza u l-eżerċizzju tad-drittijiet ta' kustodja jkunu jridu jiġu kkunsidrati f'termini tad-dispożizzjonijiet tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, billi l-Artikolu 7 tal-Karta jagħmel dispożizzjoni, li tikkorrespondi għal dik fl-Artikolu 8 tal-KEDB, li kulħadd għandu jkollu d-dritt għar-rispett għall-ħajja familjari tiegħu jew tagħha. Permezz tal-Artikolu 51 tal-Karta fl-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri għandhom jirrispettaw id-drittijiet, josservaw il-prinċipji u jippromwovu l-applikazzjoni tagħhom[58].

(58) Ara l-Kawża C-400/10 PPU, McB vs L.E. [2010] Ġabra I-8965; sentenza mogħtija fil-5 ta' Ottubru 2010.

Eżempju: Dan qam f'kawża li tressqet quddiem il-QtĠ-UE, fejn il-missier u l-omm ta' tlitt itfal ma kinux miżżewġin u, skont il-liġi tar-residenza abitwali tat-tfal, il-missier ma kellux drittijiet ta' kustodja mingħajr ordni mill-qorti jew mingħajr ftehim. It-tfal ittieħdu fi Stat Membru ieħor minn ommhom u l-missier talab sabiex dawn jirritornaw lura skont il-Konvenzjoni tal-Aja kif ikkumplimentata mir-Regolament. Il-missier sostna li għandu jiġi applikat l-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali bil-għan li r-Regolament jiġi interpretat bħala li jfisser li tali drittijiet (ta' kustodja) jinkisbu minn missier naturali billi titħaddem il-liġi f'sitwazzjoni fejn huwa u t-tfal tiegħu jkollhom ħajja familjari li tkun l-istess bħal dik ta' familja bbażata fuq iż-żwieġ. Fuq dik il-bażi, it-teħħija tat-tfal tkun illegali skont it-tifsira tar-Regolament u tal-Konvenzjoni tal-1980.

F'din il-kawża partikolari, il-QtĠ-UE sostniet li l-Karta ma kellhiex tiġi interpretata b'tali mod li tiġi vvalutata l-liġi nazzjonali, iżda biss l-interpretazzjoni tar-Regolament[59]. Abbażi ta' dan, u b'kunsiderazzjoni tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ("QEDB"), ma setax jingħad li l-missier ġie mċaħħad mill-opportunità li jikseb id-drittijiet ta' kustodja. Huwa seta' jmur il-qorti biex jagħmel dan u l-qorti tkun tista' tivvaluta jekk dawk id-drittijiet għandhomx jingħataw wara li tieħu f'kunsiderazzjoni l-aħjar interessi tat-tfal. Il-QtĠ-UE sostniet li Stat Membru mhuwiex prekluż, fuq il-bażi tal-Artikolu 7 tal-Karta, milli jitlob, skont il-liġi nazzjonali, illi missier mhux miżżewweġ, sabiex jikseb id-drittijiet ta' kustodja, li jfissru li t-teħħija ta' persuna minorenni mill-Istat tar-residenza abitwali tagħha hija illegali għall-finijiet tal-Artikolu 2(11) tar-Regolament, għandu jkun kiseb preċedentement ordni minn qorti li tagħtih il-kustodja tal-persuna minorenni inkwistjoni.

(59) Ibid.

#### 4.3.2.2. L-eżerċizzju effettiv ta' kustodja u ta' kustodja konġunta – l-Artikolu 2(11)(b)

It-teħħija jew iż-żamma titqies bħala abbużiva, diment li, id-drittijiet ta' kustodja, kemm jekk tkun kustodja waħdanija jew kustodja konġunta, ikunu ġew effettivament eżerċitati fil-mument tat-teħħija jew taż-żamma abbużiva, u jkunu ġew eżerċitati iżda mhux għat-teħħija jew għaż-żamma l-Artikolu 2(11)(b) tar-Regolament.

Dik id-dispożizzjoni tar-Regolament iżżid li l-kustodja għandha titqies bħala li ġiet eżerċitata b'mod konġunt meta wieħed mid-detenturi tar-responsabbiltà ta' ġenituri ma jkunx jista' jiddeċiedi dwar il-post tar-residenza tal-persuna minorenni mingħajr il-kunsens tad-detentur l-ieħor tar-responsabbiltà ta' ġenituri. B'riżultat ta' dan, skont ir-Regolament, it-teħħija ta' persuna minorenni minn Stat Membru għal ieħor mingħajr il-kunsens tal-persuna rilevanti tikkostitwixxi sekwestru tat-tfal. Jekk it-teħħija tkun leġittima skont il-liġi nazzjonali, mela allura jista' japplika l-Artikolu 9 tar-Regolament[60].

### 4.3.3. Il-qorti għandha dejjem tordna r-ritorn tal-persuna minorenni jekk din tkun tista' tiġi protetta fl-Istat Membru tal-oriġini – l-Artikolu 11(4)

Ir-Regolament jirrinforza l-prinċipju li l-qorti għandha tordna r-ritorn immedjat tal-persuna minorenni billi tirrestrinġi l-eċċezzjonijiet tal-Artikolu 13(1)(b) tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 għal minimu strett. Il-prinċipju

(60) Ara l-paragrafu 3.2.4.

huwa li l-persuna minorenni għandha dejjem tittieħed lura fl-Istat Membru tal-oriġini tagħha jekk hija tkun tista' tiġi protetta hemmhekk.

Skont l-Artikolu 13(1)(b) tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980, il-qorti mhijiex obbligata li tordna r-ritorn jekk permezz ta' hekk hija tkun qiegħda tesponi lill-persuna minorenni għal periklu fiżiku jew psikoloġiku jew jekk dan ipoġġiha f'sitwazzjoni intollerabbli. Ir-Regolament imur pass 'lil hinn billi jestendi l-obbligu tal-ordni tar-ritorn tal-persuna minorenni għal dawk il-każijiet fejn ritorn jista' jesponi lill-persuna minorenni għal tali periklu, iżda fejn madankollu jkun ġie stabbilit li saru arranġamenti adegwati bil-għan li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-persuna minorenni wara r-ritorn.

Il-qorti għandha teżamina dan fuq il-bażi tal-fatti tal-kawża. Mhuwiex biżżejjed li jkun hemm fis-seħħ proċeduri fl-Istat Membru tal-oriġini għall-protezzjoni tal-persuna minorenni, iżda għandu jiġi stabbilit li l-awtoritajiet fl-Istat Membru tal-oriġini ħadu miżuri konkreti sabiex jipproteġu lill-persuna minorenni inkwistjoni.

Ġeneralment ikun diffiċli għall-imħallef sabiex jivvaluta ċ-ċirkostanzi fattwali fl-Istat Membru tal-oriġini. L-assistenza tal-awtoritajiet ċentrali tal-Istat Membru tal-oriġini sejra tkun vitali sabiex jiġi vvalutat jekk itteħdux jew le miżuri protettivi f'dak il-pajjiż u jekk dawn humiex mistennija jiżguraw b'mod adegwat il-protezzjoni tal-persuna minorenni mar-ritorn tagħha.

## 4.3.4. Is-smigħ tal-persuna minorenni – l-Artikolu 11(2) u (5)[61]

### 4.3.4.1. Il-persuna minorenni u l-parti rikjedenti għandu jkollhom l-opportunità li jinstemgħu

Ir-Regolament isaħħaħ id-dritt tal-persuna minorenni li tinstema' matul il-proċediment. B'hekk, il-qorti għandha tagħti l-opportunità lill-persuna minorenni li tinstema', sakemm l-imħallef ma jkunx tal-fehma li tali smigħ ma jkunx xieraq minħabba l-età u l-livell ta' maturità tal-istess persuna minorenni[62] (ara l-paragrafu 6.2 fil-kapitolu 6). Ir-Regolament ma jistabbilixxi ebda kriterji għad-determinazzjoni tal-età jew tal-livell ta' maturità meħtieġa u lanqas ma jistabbilixxi l-proċedura għas-smigħ tal-persuna minorenni. Barra minn hekk, il-qorti ma tistax tirrifjuta li tirritorna lill-persuna minorenni mingħajr l-ewwel ma tagħti lill-persuna li talbet ir-ritorn l-opportunità li tinstema'. Meta wieħed iqis il-limitu ta' żmien strett, is-smigħ għandu jsir kemm jista' jkun malajr u bl-aktar mod effikaċi disponibbli.

### 4.3.4.2. L-użu tar-Regolament fil-Kumpilazzjoni tax-Xhieda

Possibbiltà waħda hija li jintużaw l-arranġamenti stipulati fir-Regolament (KE) Nru. 1206/2001 dwar il-kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni tax-xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali ("ir-Regolament dwar ix-Xhieda"). Ir-Regolament dwar ix-Xhieda jiffaċilita

(61) Ara wkoll il-kapitolu 6 ta' hawn taħt.

(62) L-Artikolu 12(2) tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal jinkludi dispożizzjoni simili; ara wkoll l-Artikolu 24(1) tal-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali.

l-kooperazzjoni bejn il-qrati ta' Stati Membri differenti fil-kumpilazzjoni tax-xhieda f'materji ċivili u kummerċjali, inklużi kawżi li jirrigwardjaw il-liġi tal-familja. Qorti tista' jew titlob lill-qorti kompetenti ta' Stat Membru ieħor biex tikkumpila x-xhieda jew inkella tikkumpila x-xhieda direttament x-xhieda direttament fl-Istat Membru l-ieħor. Meta wieħed iqis li l-qorti għandha tiddeċiedi fi żmien 6 ġimgħat dwar ir-ritorn tal-persuna minorenni, it-talba għandha neċessarjament tiġi esegwita mingħajr dewmien, u konsiderevolment fil-limitu ta' żmien ġenerali ta' 90 jum, kif preskritt mill-Artikolu 10(1) tar-Regolament dwar ix-Xhieda. L-użu tal-konferenza bil-vidjo u tat-telekonferenza, li huwa propost fl-Artikolu 10(4) tar-Regolament dwar ix-Xhieda, jista' jkun partikolarment utli għall-kumpilazzjoni tax-xhieda f'kawżi li jinvolvu lit-tfal.

### 4.3.5. Il-qorti għandha toħroġ deċiżjoni fi żmien skadenza ta' sitt ġimgħat – l-Artikolu 11(3)

Il-qorti għandha tapplika l-aktar proċeduri effettivi disponibbli skont il-liġi nazzjonali u toħroġ deċiżjoni fi żmien sitt ġimgħat minn meta titressaq quddiemha l-applikazzjoni għar-ritorn tal-persuna minorenni. Dan il-limitu ta' żmien jista' jinqabeż biss jekk ikun hemm ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluha impossibbli li tali limitu ta' żmien jintlaħaq.

Fir-rigward tad-deċiżjonijiet li jordnaw ir-ritorn tal-persuna minorenni, l-Artikolu 11(3) ma jispeċifikax li tali deċiżjonijiet, li jridu jingħataw fi żmien sitt ġimgħat, għandhom ikunu infurzabbli matul l-istess perjodu.

Madankollu, din hija l-unika interpretazzjoni li effettivament tiggarantixxi l-objettiv li jiġi żgurat ir-ritorn fil-pront tal-persuna minorenni fil-limitu ta' żmien strett. Dan l-objettiv jista' jiġi mminat jekk il-liġi nazzjonali tippermetti l-possibbiltà għal appell fil-konfront ta' ordni ta' ritorn u sadanittant tissospendi l-infurzabbiltà ta' dik id-deċiżjoni, mingħajr ma timponi ebda limitu ta' żmien fuq il-proċedura tal-appell.

Għal dawn ir-raġunijiet, l-Istati Membri għandhom ifittxu li jiżguraw li ordni ta' ritorn maħruġa matul il-limitu ta' żmien preskritt ta' sitt ġimgħat tkun "infurzabbli". Il-mod kif tintlaħaq din il-mira huwa materja tal-liġi nazzjonali.

Jistgħu jiġu previsti proċeduri differenti għal dan il-għan, pereżempju:

a. Il-liġi nazzjonali tista' tipprekludi l-possibbiltà ta' appell kontra deċiżjoni li tinvolvi r-ritorn tal-persuna minorenni, jew
b. Il-liġi nazzjonali tista' tippermetti l-possibbiltà għal appell, iżda tistabbilixxi li deċiżjoni li tinvolvi r-ritorn tal-persuna minorenni tkun infurzabbli sakemm jiġi deċiż kwalunkwe appell.
c. F'każ li l-liġi nazzjonali tippermetti l-possibbiltà ta' appell u tissospendi l-infurzabbiltà tad-deċiżjoni, l-Istati Membri għandhom jimplimentaw proċeduri:
    - sabiex jiddikjaraw id-deċiżjoni bħala infurzabbli, jekk dan ikun mitlub miċ-ċirkostanzi tal-każijiet individwali u
    - sabiex jiżguraw smigħ imħaffef tal-appell bil-għan li jiżguraw ir-rispett għall-iskadenza ta' sitt ġimgħat.

Ir-rekwiżit għal proċedura mħaffa deskritta hawn fuq għandu japplika mutatis mutandis ukoll għall-ordnijiet għal non-ritorn, bil-għan li s-sitwazzjoni tal-persuna minorenni tiġi ċċarata malajr.

## 4.3.6. Ir-ritorn tal-persuna minorenni – Ir-regoli tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 u tar-Regolament imqabbla flimkien

NB: Ir-regoli tar-Regolament (l-Artikolu 11(2) sa (5)) jipprevalu fuq ir-regoli rilevanti tal-Konvenzjoni.

| | Ir-regoli rilevanti tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 | Ir-regoli rilevanti tar-Regolament |
|---|---|---|
| L-obbligu li jiġi ordnat ir-ritorn tal-persuna minorenni | Artikolu 12: Fil-prinċipju, il-qorti tal-Istat Membru fejn ittieħdet il-persuna minorenni ssekwestrata ("il-qorti") għandha tordna r-ritorn immedjat tal-persuna minorenni jekk ikunu għadhom għaddew inqas minn sena mis-sekwestru. | Artikolu 11(2) sa (5):<br>Ir-Regolament jikkonferma u jsaħħaħ dan il-prinċipju. |
| L-eċċezzjoni għal dan l-obbligu | Artikolu 13(1)(b): Il-qorti mhijiex obbligata li tordna r-ritorn jekk ikun hemm riskju gravi li r-ritorn jesponi lill-persuna minorenni għal periklu fiżiku jew psikoloġiku jew iqiegħed b'xi mod ieħor lill-istess persuna minorenni f'sitwazzjoni intollerabbli. | Artikolu 11(4): Il-qorti ma tistax tirrifjuta li tordna r-ritorn tal-persuna minorenni fuq il-bażi li dan iqiegħed lill-persuna minorenni f'riskju, jekk jiġi stabbilit li l-awtoritajiet fl-Istat Membru tal-oriġini għamlu arranġamenti adegwati sabiex jiżguraw il-protezzjoni tal-persuna minorenni mar-ritorn tagħha. |
| Is-smigħ tal-persuna minorenni | Artikolu 13(2): Il-qorti tista' tirrifjuta li tordna r-ritorn tal-persuna minorenni jekk hija toġġezzjona għar-ritorn tagħha u tkun laħqet tali età u maturità fejn ikun xieraq li jittieħed kont tal-opinjonijiet tagħha. | Artikolu 11(2): Il-qorti għandha tiżgura li l-persuna minorenni tingħata opportunità li tinstema' matul il-proċedimenti, sakemm dan ma jkunx inadegwat minħabba l-età u l-maturità tal-istess persuna minorenni. |
| Is-smigħ tad-detentur tal-kustodja li ma jagħmilx is-sekwestru | (ebda dispożizzjoni) | Artikolu 11(5): Il-qorti ma tistax tirrifjuta li tirritorna lill-persuna minorenni, sakemm il-persuna li tkun talbet ir-ritorn ma tkunx ingħatat opportunità li tinstema'. |
| Il-limitu ta' żmien għall-indirizzar tat-talbiet għar-ritorn | Artikoli 2/11: Art 2: L-Istati kontraenti għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa sabiex jiżguraw l-implimentazzjoni tal-oġġetti tal-Konvenzjoni. Għal dan il-għan, huma għandhom jużaw l-aktar proċeduri effettivi disponibbli. Art 11: Il-qorti għandha taġixxi malajr u b'mod effettiv fil-proċedimenti għar-ritorn tal-persuna minorenni. Jekk il-qorti ma tasalx għal deċiżjoni fi żmien 6 ġimgħat, hija tista' tintalab tagħti r-raġunijiet għal dan id-dewmien. | Artikolu 11(3):Il-qorti għandha tuża l-aktar proċeduri effettivi disponibbli fil-liġi nazzjonali. Il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha sa mhux aktar tard minn 6 ġimgħat mis-sottomissjoni tal-applikazzjoni, sakemm dan ma jkunx impossibbli minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali. |

## 4.4. X'jiġri jekk il-qorti tiddeċiedi li l-persuna minorenni ma għandhiex tirritorna? – l-Artikolu 11(6) u (7)

### 4.4.1. Il-qorti kompetenti għandha tibgħat kopja tad-deċiżjoni dwar in-non-ritorn lill-qorti kompetenti fl-Istat Membru tal-oriġini.

Wara li jikkunsidraw il-kundizzjonijiet stretti stabbiliti fl-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 u fl-Artikolu 11(2) sa (5) tar-Regolament, il-qrati x'aktarx li jiddeċiedu li jordnaw ir-ritorn tal-persuna minorenni fil-maġġoranza kbira tal-każijiet.

Madankollu, f'dawk il-każijiet eċċezzjonali fejn qorti xorta waħda tiddeċiedi li ma tordnax ir-ritorn ta' persuna minorenni skont l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980, l-Artikolu 11(6) u (7) tar-Regolament jipprovdi proċedura speċjali. Dan jirrikjedi li qorti li tkun ħarġet deċiżjoni dwar in-non-ritorn, kemm jekk tkun finali jew inkella jekk tkun għadha soġġetta għal appell, tittrasmetti kopja tad-deċiżjoni tagħha, flimkien mad-dokumenti rilevanti, lill-qorti kompetenti fl-Istat Membru tal-oriġini [63]. Din it-trasmissjoni tista' sseħħ jew direttament minn qorti għal oħra, jew inkella permezz tal-awtoritajiet ċentrali fiż-żewġ Stati Membri. Il-qorti fl-Istat Membru tal-oriġini għandha tirċievi d-dokumenti fi żmien xahar mit-teħid tad-deċiżjoni dwar in-non-ritorn.

Sakemm ma tkunx diġà ġiet invokata minn waħda mill-partijiet, il-qorti tal-oriġini għandha tinnotifika l-informazzjoni lill-partijiet u tistedinhom jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom, b'konformità mal-liġi nazzjonali, fi żmien tliet xhur mid-data tan-notifika, sabiex jindikaw jekk jixtiqux li l-qorti tal-oriġini teżamina l-kwistjoni tal-kustodja tal-minorenni.

Jekk il-partijiet ma jissottomettux il-kummenti tagħhom fil-limitu ta' żmien ta' tliet xhur, il-qorti tal-oriġini għandha tagħlaq il-kawża.

Il-qorti tal-oriġini għandha teżamina l-kawża jekk ikun hemm mill-inqas waħda mill-partijiet li tissottometti kummenti għal dak il-għan. Għalkemm ir-Regolament ma jimponi ebda limitu fuq dan, l-objettiv għandu jkun li jiġi żgurat li tittieħed deċiżjoni mill-aktar fis possibbli.

### 4.4.2. Lil liema qorti għandha tintbagħat id-deċiżjoni dwar in-non-ritorn? – l-Artikolu 11(6)

Id-deċiżjoni dwar in-non-ritorn u d-dokumenti rilevanti għandhom jiġu ttrasferiti lill-qorti li hija kompetenti sabiex tiddeċiedi dwar is-sustanza tal-kawża.

Jekk qorti fl-Istat Membru tal-oriġini tkun preċedentement tat sentenza li tikkonċerna lill-persuna minorenni inkwistjoni, fil-prinċipju, id-dokumenti għandhom jiġu trasmessi lil dik il-qorti. Fin-nuqqas ta' sentenza, l-informazzjoni għandha tintbagħat lill-qorti li hija kompetenti skont il-liġi ta' dak l-Istat Membru, li fil-maġġoranza tal-każijiet tkun il-qorti għall-post fejn il-persuna minorenni kienet abitwalment residenti qabel is-sekwestru. L-Atlas Ġudizzjarju Ewropew f'Materji Ċivili jista' jkun għodda utli sabiex tinstab il-qorti kompetenti fl-Istat Membru l-ieħor [64]. L-awtoritajiet ċentrali

(63) Ara l-Kawża C-195/08 PPU Inga Rinau [2008] Ġabra I-5271.

(64) https://e-justice.europa.eu/content_european_judicial_atlas_in_civil_matters-88-mt.do.

maħtura skont ir-Regolament jistgħu jassistu wkoll lill-imħallfin sabiex isibu l-qorti kompetenti fl-Istat Membru l-ieħor (ara l-kapitolu 7).

### 4.4.3. Liema dokumenti għandhom jiġu trasmessi u b'liema lingwa? – l-Artikolu 11(6)

L-Artikolu 11(6) jistabbilixxi li l-qorti li tat id-deċiżjoni dwar in-non-ritorn għandha tittrasmetti kopja tad-deċiżjoni u tad-"dokumenti rilevanti, b'mod partikolari traskrizzjoni tas-seduti ta' smigħ quddiem il-qorti". Hija r-responsabbiltà tal-imħallef li ħa d-deċiżjoni li jiddeċiedi liema dokumenti huma rilevanti. Għal dan il-għan, l-imħallef għandu jagħti rappreżentazzjoni ġusta tal-aktar elementi importanti, billi jenfasizza l-fatturi li jinfluwenzaw id-deċiżjoni. B'mod ġenerali, din tinkludi d-dokumenti li fuqhom l-imħallef ibbaża d-deċiżjoni tiegħu, inklużi, pereżempju, kwalunkwe rapporti mħejjija mill-awtoritajiet tal-benesseri soċjali rigward is-sitwazzjoni tal-persuna minorenni. Il-qorti l-oħra għandha tirċievi d-dokumenti fi żmien xahar mit-teħid tad-deċiżjoni.

Il-mekkaniżmi tat-traduzzjoni mhumiex irregolati mill-Artikolu 11(6). L-imħallfin għandhom jipprovaw isibu soluzzjoni prammatika li tkun tikkorrespondi għall-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi ta' kull kawża. Soġġetta għal-liġi proċedurali tal-Istat indirizzat, it-traduzzjoni tista' ma tkunx meħtieġa jekk il-kawża tiġi ttrasferita lil imħallef li jifhem il-lingwa użata fil-kawża. Jekk, min-naħa l-oħra, jinstab li traduzzjoni hija meħtieġa, din tista' tiġi ristretta għall-aktar dokumenti importanti. L-awtoritajiet ċentrali jistgħu wkoll joffru l-assistenza tagħhom fl-għoti ta' traduzzjonijiet informali. Jekk ma jkunx possibbli li titwettaq it-traduzzjoni fi żmien limitu ta' xahar, mela allura din għandha ssir fl-Istat Membru tal-oriġini.

### 4.4.4. Il-qorti tal-oriġini hija kompetenti sabiex tittratta s-sustanza tal-kawża fl-intier tagħha – l-Artikoli 10(b)(iii) u (iv), 11(7) u 42

Il-qorti tal-oriġini li tieħu deċiżjoni fil-kuntest tal-Artikolu 11(7) hija kompetenti sabiex tittratta s-sustanza tal-kawża fl-intier tagħha minħabba li kienet il-qorti tar-residenza abitwali tal-persuna minorenni immedjatament qabel it-tneħħija jew iż-żamma abbużiva. Għalhekk, il-ġurisdizzjoni tagħha mhijiex limitata għat-teħid ta' deċiżjoni fuq il-kustodja tal-persuna minorenni, iżda hija tista' tiddeċiedi wkoll fuq aspetti oħrajn tar-responsabbiltà tal-ġenituri, inklużi, pereżempju, id-drittijiet ta' aċċess. Fil-prinċipju, l-imħallef għandu jkun fil-pożizzjoni li kien ikun fiha li kieku l-ġenitur li għamel is-sekwestru ma ssekwestrax il-persuna minorenni, iżda minflok ressaq proċedimenti quddiem il-qorti sabiex timmodifika deċiżjoni preċedenti dwar il-kustodja jew biex titlob għal awtorizzazzjoni sabiex tinbidel ir-residenza abitwali tal-persuna minorenni. Jista' jkun li l-persuna li titlob ir-ritorn tal-persuna minorenni ma kellhiex ir-residenza tal-persuna minorenni qabel is-sekwestru, jew saħansitra li dik il-persuna lesta taċċetta bidla tar-residenza abitwali tal-persuna minorenni fl-Istat Membru l-ieħor, diment li d-drittijiet li jirrigwardjaw il-kuntatt tagħha mal-persuna minorenni jiġu mmodifikati kif xieraq.

### 4.4.5. Il-proċediment quddiem il-qorti tal-oriġini – l-Artikoli 11(7) u 42

Il-qorti tal-oriġini għandha tapplika ċerti regoli proċedurali meta teżamina l-kawża. Il-konformità ma' dawn ir-regoli aktar tard tippermetti lill-qorti tal-oriġini tikkunsinja ċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 42(2).

**L-imħallef tal-oriġini għandu jiżgura li:**

- **il-partijiet kollha jingħataw l-opportunità li jinstemgħu;**
- **il-persuna minorenni tingħata opportunità li tinstema', sakemm il-qorti ma tqisx li ma jkunx xieraq li tisma' lill-persuna minorenni wara li tikkunsidra l-età u l-maturità tagħha;**

  **NB. Din id-dispożizzjoni tfisser li hija r-responsabbiltà tal-qorti tal-oriġini li tieħu d-deċiżjoni dwar jekk għandhiex tisma' lill-persuna minorenni jew le wara li tivvaluta l-età u l-maturità tagħha; hija ma għandhiex toħroġ ċertifikat sakemm ma tiġix issodisfata din il-kundizzjoni;**

- **qabel jagħti s-sentenza tiegħu, jikkunsidra r-raġunijiet u x-xhieda li fuqhom tissejjes id-deċiżjoni dwar in-non-ritorn.**

## 4.4.6. Ir-ritorn tal-persuna minorenni wara s-sekwestru - ċerti aspetti prattiċi

### 4.4.6.1. Kif jista' l-imħallef tal-oriġini jikkunsidra r-raġunijiet li fuqhom tissejjes id-deċiżjoni dwar in-non-ritorn? [65]

Jeħtieġ li tiġi stabbilita kooperazzjoni bejn iż-żewġ imħallfin sabiex l-imħallef tal-oriġini jkun jista' jikkunsidra kif xieraq ir-raġunijiet u x-xhieda li fuqhom tissejjes id-deċiżjoni dwar in-non-ritorn. Jekk iż-żewġ imħallfin jitkellmu u/jew jifhmu lingwa komuni għat-tnejn, huma ma għandhomx joqogħdu lura milli jikkuntattjaw lil xulxin direttament bit-telefon jew permezz tal-posta elettronika għal dan il-għan[66]. Jekk ikun hemm problemi lingwistiċi, l-awtoritajiet ċentrali jkunu jistgħu joffru l-assistenza tagħhom (ara l-kapitolu 7).

### 4.4.6.2. Kif jista' jkun possibbli għall-qorti fl-Istat Membru tal-oriġini li tisma' lill-ġenitur u lill-persuna minorenni li ma jkunux jinsabu f'dak l-Istat?

Il-fatt li l-persuna li neħħiet jew żammet lill-persuna minorenni b'mod illegali u l-persuna minorenni ssekwestrata nnifisha x'aktarx ma jkunux jistgħu jivvjaġġaw lejn l-Istat Membru tal-oriġini sabiex jattendu għall-proċediment jirrikjedi li x-xhieda tagħhom tkun tista' tingħata mill-Istat Membru fejn ikunu jinsabu. Possibbiltà waħda hija

(65) Ara wkoll il-paragrafu 3.3.4 supra

(66) Ara https://e-justice.europa.eu/content_european_judicial_atlas_in_civil_matters-88-mt.do.

li jintużaw l-arranġamenti stipulati fir-Regolament dwar ix-Xhieda (ara l-paragrafu 4.3.4.2).

#### 4.4.6.3. Il-mitigazzjoni tal-effetti tas-sanzjonijiet kriminali fl-Istat Membru tal-oriġini

Il-fatt li s-sekwestru tat-tfal jikkostitwixxi reat kriminali f'ċerti Stati Membri għandu jiġi kkunsidrat ukoll. Dawk l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa sabiex jiżguraw li l-persuna li neħħiet jew żammet lill-persuna minorenni illegalment tkun tista' tipparteċipa fil-proċedimenti tal-qorti fl-Istat Membru tal-oriġini mingħajr ma tirriskja li jiġu imposti sanzjonijiet kriminali fuqha. Soluzzjoni oħra tista' tkun li jiġu pprovduti arranġamenti speċjali sabiex jiġi żgurat passaġġ b'xejn għal dik il-persuna lejn u mill-Istat Membru tal-oriġini bil-għan li tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċediment quddiem il-qorti ta' dak l-Istat.

#### 4.4.6.4. L-eżitu tal-proċedimenti skont l-Artikolu 11(6) u (7)

Jekk il-qorti tal-oriġini tieħu deċiżjoni li ma tinvolvix ir-ritorn tal-persuna minorenni, il-kawża għandha tingħalaq. Il-ġurisdizzjoni sabiex tittieħed deċiżjoni dwar il-kwistjoni tas-sustanza mbagħad tiġi attribwita lill-qrati tal-Istat Membru fejn tittieħed il-persuna minorenni ssekwestrata, jekk din il-persuna minorenni tkun abitwalment residenti f'dak l-Istat (ara ċ-ċarts fil-paragrafi 4.3.6 u 4.4.9).

Jekk, min-naħa l-oħra, il-qorti tal-oriġini tieħu deċiżjoni li tinvolvi lill-persuna minorenni, dik id-deċiżjoni tkun direttament rikonoxxuta u infurzabbli fl-Istat Membru l-ieħor, diment li tkun akkumpanjata minn ċertifikat (ara l-paragrafu 4.4.7 u ċ-ċart fil-paragrafu 4.4.9). Tali deċiżjoni tieħu wkoll preċedenza fuq kwalunkwe deċiżjoni fil-qrati tal-Istat Membru rikjest, li permezz tagħha r-ritorn ta' persuna minorenni jiġi rrifjutat għal raġuni stipulata fl-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980.[67]

*Eżempju:*

*Fatti:*

Tifla, bint ġenituri miżżewġin li kienu separati u jgħixu fl-Istat Membru A u bdew proċedimenti ta' divorzju f'qorti fl-Istat Membru A, ittieħdet minn ommha fl-Istat Membru B bil-kunsens ta' missierha fuq il-bażi li hija u ommha kienu ser jerġgħu lura fl-Istat Membru A wara btala ta' ġimgħatejn. Madankollu, dawn it-tnejn baqgħu qatt ma rritornaw.

*Proċedimenti legali varji segwiti f'kull Stat:*

Ftit wara t-tluq tat-tifla u ta' ommha lejn l-Istat Membru B, il-missier ingħata l-kustodja tat-tifla fuq bażi provviżorja mill-qorti fl-Istat Membru A. Aktar tard, dik id-deċiżjoni ġiet affirmata fuq appell mill-omm. Il-missier ressaq ukoll applikazzjoni skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 fil-qrati tal-Istat Membru B għar-ritorn tat-tifla lejn l-Istat Membru A. Din l-applikazzjoni ġiet miċħuda fl-ewwel istanza, iżda l-qorti tal-appell ordnat ir-ritorn tagħha. Din id-deċiżjoni ma ġietx infurzata minħabba li l-qorti tal-ewwel istanza fl-Istat Membru B, wara l-applikazzjoni tal-omm, ordnat għal bosta drabi s-sospensjoni tal-infurzar.

(67) Ara l-Artikolu 11(8) tar-Regolament; ara wkoll il-Kawża C-195/08 PPU Inga Rinau fejn iċ-ċirkostanzi kienu li ordni li tirrifjuta r-ritorn tal-persuna minorenni ġiet annullata wara li l-ġenitur li baqa' fejn kien kiseb ordni ta' kustodja fil-qorti tal-oriġini li titlob ir-ritorn tal-persuna minorenni.

L-omm imbagħad fittxet li terġa' tiftaħ il-proċedimenti li jikkonċernaw ir-ritorn. Għalkemm din it-talba ġiet miċħuda fl-ewwel istanza u wara l-appell, il-qorti tat-tielet istanza eventwalment issospendiet l-infurzar tal-ordni ta' ritorn sakemm hija tieħu d-deċiżjoni tagħha fuq il-merti. Sa dan l-istadju kienu għaddew madwar tmintax-il xahar minn mindu t-tifla kienet ittieħdet lejn l-Istat Membru B.

L-avukat tal-missier bagħat kopja tal-ordni ta' non-ritorn mill-Istat Membru B bil-lingwa oriġinali lill-Awtorità Ċentrali tal-Istat Membru A, li min-naħa tagħha għaddietha lill-qorti tal-kustodja fl-Istat Membru A. Traduzzjoni tal-ordni, flimkien mad-dokumenti tal-kawża, kienu sussegwentement trasmessi lill-qorti fl-Istat Membru A permezz tal-awtoritajiet ċentrali. Sussegwentement, il-qorti fl-Istat Membru A ħarġet ċertifikat skont l-Artikolu 42 wara li tat divorzju u l-kustodja tat-tifla b'mod permanenti lill-missier u ordnat ir-ritorn tal-persuna minorenni lejn l-Istat Membru A. Intant, ma ġie kkonfermat ebda appell sussegwenti mill-omm.

L-omm fittxet li tirreżisti l-infurzar tal-ordni ta' ritorn mill-Istat Membru A biċ-ċertifikat tagħha fil-qrati fl-Istat Membru B. Il-qorti tal-appell irrifjutat l-applikazzjoni tal-omm għal dak il-għan fuq il-bażi li hija ma kellha ebda dritt li tfittex non-rikonoxximent tas-sentenza ċċertifikata li kellha tiġi infurzata direttament u mingħajr ebda proċedura intermedja. Eventwalment, il-qorti tat-tielet istanza fl-Istat Membru B rreferiet il-kwistjoni lill-QtĠ-UE.

*Id-deċiżjoni tal-QtĠ-UE:*

Il-QtĠ-UE ntalbet tikkunsidra, fost kwistjonijiet oħrajn, jekk l-adozzjoni minn qorti tal-Istat Membru tal-oriġini, f'dan il-każ il-qorti fl-Istat Membru A, ta' deċiżjoni li l-persuna minorenni tinġieb lura u l-ħruġ taċ-ċertifikat skont l-Artikolu 42 tar-Regolament, kinux konformi mal-objettivi ta' u l-proċeduri skont ir-Regolament, fejn qorti tal-Istat Membru fejn il-persuna minorenni nżammet b'mod abbużiv, f'dan il-każ il-qorti tal-appell fl-Istat Membru B, kienet ħadet deċiżjoni li l-persuna minorenni tittieħed lura lejn l-Istat Membru tal-oriġini.

Il-QtĠ-UE wieġbet f'dan is-sens: minħabba li ttieħdet deċiżjoni ta' non-ritorn mill-qorti fl-Istat Membru B u nġiebet għall-attenzjoni tal-qorti fl-Istat Membru A, kien irrilevanti, għall-finijiet tal-ħruġ taċ-ċertifikat previst fl-Artikolu 42 tar-Regolament, li dik id-deċiżjoni kienet ġiet sospiża, mibdula, imwarrba jew, fi kwalunkwe każ, ma kinitx saret res judicata jew ġiet sostitwita minn deċiżjoni li tordna r-ritorn, ġaladarba r-ritorn tal-persuna minorenni effettivament baqa' qatt ma seħħ.

Il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 40 sa 42 tistabbilixxi li s-sentenzi li għalihom japplikaw dawk l-artikoli jistgħu jiġu ddikjarati bħala infurzabbli mill-qorti tal-oriġini, irrispettivament minn kwalunkwe possibbiltà ta' appell, kemm jekk fl-Istat Membru tal-oriġini jew inkella f'dak tal-infurzar. Barra minn hekk, billi ma ġie espress ebda dubju fir-rigward tal-awtentiċità ta' dak iċ-ċertifikat u ladarba dan kien tħejja skont il-formola standard stabbilita fl-Anness IV għar-Regolament, l-oppożizzjoni għar-rikonoxximent tad-deċiżjoni li tordna r-ritorn ma kinitx permessa u kienet ir-responsabbiltà tal-qorti rikjesta biss illi tiżgura li d-deċiżjoni ċċertifikata tkun infurzata direttament u minnufih sabiex jiġi żgurat ir-ritorn immedjat tal-persuna minorenni.

*Kumment:*

Din is-sentenza turi b'mod ċar li l-proċedura skont l-Artikolu 11(6) sa (8) għandha titqies bħala li hija indipendenti minn kwalunkwe proċedura oħra għar-rikonoxximent u l-infurzar skont ir-Regolament. Ladarba tinħareġ ordni li l-persuna minorenni ma tinġiebx lura fuq il-bażi tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980, irrispettivament minn jekk l-ordni tkunx soġġetta għal appell, jeħtieġ li tiġi infurzata taħt l-Artikolu 42 ordni ta' ritorn sussegwenti skont l-Artikolu 11(6) sa (8) tar-Regolament. Abbażi ta' dan, ikun jista' jintlaħaq l-għan tar-Regolament li jiġi żgurat li r-ritorn ta' persuna minorenni lejn l-Istat Membru tar-residenza abitwali tagħha jseħħ bl-inqas dewmien possibbli.

#### 4.4.6.5. L-effett ta' sentenza għar-ritorn – l-Artikolu 11(8

Għandu jiġi mfakkar li l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ċċarat li sentenza tal-qorti tar-Residenza Abitwali tal-persuna minorenni li tordna jew li titlob ir-ritorn tal-persuna minorenni taqa' fl-ambitu tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11(8), anki jekk is-sentenza ma tkunx ippreċeduta minn deċiżjoni finali fuq il-merti tal-kustodja tal-persuna minorenni. Dan jirriżulta mill-ħtieġa li jiġi żgurat li l-persuna minorenni, li tkun tneħħiet jew inżammet b'mod abbużiv, tittieħed lura mill-aktar fis possibbli lejn l-Istat tar-Residenza Abitwali tagħha.[68] Madankollu, dan ma jkunx il-każ meta ċ-ċertifikat skont l-Artikolu 42 jinħareġ "b'mod prematur" fir-rigward ta' deċiżjoni mogħtija fl-Istat tal-oriġini qabel tinħareġ ordni ta' non-ritorn fl-Istat rikjest. F'każ bħal dan, minkejja ċ-ċertifikat, għandha tiġi segwita l-proċedura għad-dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà f'każ li jkun hemm ħtieġa għal infurzar.[69]

#### 4.4.6.6. Proċedimenti paralleli fl-Istat rikjest u fl-Istat tar-Residenza Abitwali tal-persuna minorenni – l-Artikolu 11 (6) sa (8)

Jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11 (6) sa (8) li fejn ikun hemm proċedimenti paralleli, għal ritorn, fl-Istat rikjest, kif ukoll, fis-sustanza, fl-Istat tar-Residenza Abitwali tal-persuna minorenni u l-qrati f'tal-ewwel jirrifjutaw ir-ritorn fuq bażi stipulata fl-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980, il-kawża xorta waħda tkun trid tiġi trasmessa skont l-Artikolu 11(6), minkejja l-possibbiltà ta' appell kontra l-ordni ta' non-ritorn f'tal-ewwel. Fil-prinċipju, din mhijiex problema minħabba t-termini tal-Artikolu 11(8), billi jekk il-qrati fl-Istat tar-Residenza Abitwali joħorġu ordni li titlob ir-ritorn tal-persuna minorenni, din xorta waħda tkun trid tiġi infurzata.

Il-possibbiltà ta' kunflitt fl-infurzar ta' żewġ sentenzi tiġi evitata minħabba li jew iż-żewġ qrati jordnaw ir-ritorn, li f'dak il-każ l-applikant ikun jista' jagħżel liema waħda jrid jinforza, jew inkella jkun hemm sentenza tal-qorti tar-Residenza Abitwali li tkun infurzabbli skont l-Artikolu 11(8). Jekk qorti fl-Istat tar-Residenza Abitwali tagħti l-kustodja lill-ġenitur li jagħmel is-sekwestru qabel jiġu konklużi l-proċedimenti ta' ritorn fl-Istat rikjest, dan x'aktarx li jiġi ttrattat bħala ekwivalenti għal kunsens għall-finijiet tal-proċedimenti ta' ritorn. F'dak il-każ, l-ordni ta' ritorn tiġi miċħuda u l-qorti fl-Istat tar-Residenza Abitwali ma toħroġ ebda ordni li titlob ir-ritorn tal-persuna minorenni lejn dak l-Istat.

Fl-aħħarnett, fejn, bħal fil-kawża ta' Inga Rinau,[70] il-proċedimenti ta' ritorn fl-aħħar mill-aħħar iwasslu għal ordni ta' ritorn wara li l-qorti fl-Istat tar-Residenza Abitwali tkun ħarġet ordni li titlob ir-ritorn tal-persuna minorenni, ma għandu jkun hemm ebda kunflitt minħabba li ż-żewġ sentenzi jkunu infurzabbli, tal-aħħar skont ir-Regolament u tal-ewwel skont il-liġi nazzjonali tal-Istat rikjest; dan l-aspett mhuwiex indirizzat fir-Regolament

.

(68) Ara l-Kawża C-210/10 PPU Povse vs Alpago fil-paragrafi 51 et seq.

(69) Ara l-Kawża C-195/08 PPU Inga Rinau fil-paragrafi 68 u 69.

(70) Ara n-noti 45 u 69 f'qiegħ il-paġni.

### 4.4.7. L-abolizzjoni tal-exequatur għal deċiżjoni tal-qorti tal-oriġini li tinvolvi r-ritorn tal-persuna minorenni – l-Artikoli 40 u 42

#### 4.4.7.1. Il-qorti tal-oriġini tordna r-ritorn tal-persuna minorenni wara ordni għal non-ritorn

Kif ġie deskritt hawn fuq (fil-paragrafu 4.3), qorti li titressaq quddiemha talba għar-ritorn ta' persuna minorenni skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 għandha tapplika r-regoli tal-Konvenzjoni kif ikkumplimentati mill-Artikolu 11 tar-Regolament. Jekk il-qorti rikjesta tiddeċiedi skont l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni li ma tordnax ir-ritorn tal-persuna minorenni, il-qorti tal-oriġini jkollha l-aħħar kelma sabiex tiddetermina jekk il-persuna minorenni għandhiex tirritorna jew le.

Jekk il-qorti tal-oriġini tieħu deċiżjoni li tinvolvi r-ritorn tal-persuna minorenni, huwa importanti li jiġi żgurat li din id-deċiżjoni tkun tista' tiġi infurzata malajr fl-Istat Membru l-ieħor. Għal din ir-raġuni, ir-Regolament jistabbilixxi li tali sentenzi huma direttament rikonoxxuti u infurzabbli fl-Istat Membru l-ieħor, diment li jkunu akkumpanjati minn ċertifikat. Il-konsegwenza ta' din ir-regola hija doppja: (a) mhuwiex aktar meħtieġ li tapplika għal "exequatur" u (b) mhuwiex possibbli li topponi għar-rikonoxximent tas-sentenza. Is-sentenza għandha tiġi ċċertifikata jekk hija tissodisfa r-rekwiżiti proċedurali msemmija aktar 'il fuq fil-paragrafu 4.4.5.

#### 4.4.7.2. Il-qorti tal-oriġini toħroġ ċertifikat

L-imħallef tal-oriġini għandu joħroġ iċ-ċertifikat billi juża l-formola standard li tinstab fl-Anness IV bil-lingwa tas-sentenza. L-imħallef għandu jimla wkoll l-informazzjoni l-oħra mitluba fl-Anness, inkluż dwar jekk is-sentenza hijiex infurzabbli fl-Istat Membru tal-oriġini fil-mument li jinħareġ iċ-ċertifikat.

Fil-prinċipju, il-qorti tal-oriġini għandha tagħti ċ-ċertifikat ladarba s-sentenza ssir "infurzabbli", li fil-prinċipju timplika li ż-żmien permess għall-appell għandu jkun għadda. Madankollu, din ir-regola mhijiex assoluta u l-qorti tal-oriġini tista', jekk hija tqis li huwa meħtieġ, tiddikjara li s-sentenza għandha tkun infurzabbli, minkejja kwalunkwe appell li jista' jkun hemm[71]. Ir-Regolament jikkonferixxi dan id-dritt fuq l-imħallef, anki jekk din il-possibbiltà mhijiex prevista skont il-liġi nazzjonali. L-għan huwa li jiġi evitat li l-appelli dilatorji jikkawżaw dewmien bla bżonn fl-infurzar ta' deċiżjoni.

#### 4.4.7.3. Rettifika taċ-ċertifikat – l-Artikolu 43 u l-Premessa 24

Mhuwiex possibbli li tressaq appell kontra l-ħruġ ta' ċertifikat. Jekk l-imħallef tal-oriġini kkommetta żball fil-mili taċ-ċertifikat u dan ma jkunx jirrifletti s-sentenza b'mod korrett, huwa possibbli li tressaq talba għal rettifika quddiem il-qorti tal-oriġini. F'dak il-każ għandha tapplika l-liġi nazzjonali tal-Istat Membru tal-oriġini. Parti li tkun tixtieq titlob l-infurzar tas-sentenza li tinvolvi r-ritorn tal-persuna minorenni għandha tipproduċi kopja tas-sentenza u taċ-ċertifikat. It-traduzzjoni taċ-ċertifikat mhijiex meħtieġa, bl-eċċezzjoni tal-punt 14 li jikkonċerna l-miżuri meħuda mill-awtoritajiet fl-Istat Membru tal-oriġini bil-għan li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-persuna minorenni mar-ritorn tagħha.

(71) Ara l-paragrafu 4.4.6.4

### 4.4.8. Tneħħija ġdida tal-persuna minorenni lejn Stat Membru ieħor – l-Artikolu 42

Għandu jiġi enfasizzat li d-deċiżjoni tal-qorti tal-oriġini hija awtomatikament infurzabbli fl-Istati Membri kollha u mhux biss fl-Istat Membru fejn kienet ippronunzjata d-deċiżjoni ta' non-ritorn. Dan jirriżulta b'mod ċar mill-formulazzjoni tal-Artikolu 42(1) u jikkorrespondi għall-objettivi u l-ispirtu tar-Regolament. Għaldaqstant, it-tneħħija tal-persuna minorenni lejn Stat Membru ieħor ma għandha ebda effett fuq id-deċiżjoni tal-qorti tal-oriġini. Mhuwiex meħtieġ li tinbeda proċedura ġdida għar-ritorn tal-persuna minorenni skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980, iżda sempliċiment għandha tiġi infurzata d-deċiżjoni tal-qorti tal-oriġini.

## 4.4.9. Skema tal-proċedura f'kawżi ta' sekwestru tat-tfal wara ordni ta' non-ritorn – l-Artikolu 11(6) u (7)




5. Infurzar

## 5.1. L-importanza tal-infurzar – ġenerali

Għalkemm, kif intqal fl-Artikolu 47, il-proċedura tal-infurzar mhijiex irregolata mir-Regolament, iżda mil-liġi nazzjonali, huwa essenzjali li l-awtoritajiet nazzjonali japplikaw regoli li jiżguraw l-infurzar effikaċi u rapidu tad-deċiżjonijiet maħruġa skont ir-Regolament bil-għan li ma jiddgħajfux l-objettivi tagħha. L-infurzar rapidu għandu importanza partikolari fir-rigward tad-drittijiet ta' aċċess u r-ritorn tal-persuna minorenni wara sekwestru li għalih, skont ir-Regolament, il-proċedura tal-exequatur ġiet abolita sabiex titħaffef il-proċedura. L-importanza ta' din il-kwistjoni ġiet enfasizzata wkoll f'għadd ta' sentenzi mogħtija mill-QtĠ-UE, kif ukoll mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (ara l-paragrafu 5.3) [72].

### 5.1.1. Miżuri provviżorji li ma għandhomx jintużaw sabiex jingħeleb l-infurzar

Il-QtĠ-UE ntalbet f'għadd ta' kawżi sabiex tiċċara ċerti aspetti tal-applikazzjoni tar-Regolament fir-rigward tal-infurzar. Diġà saret referenza għall-fatt li l-miżuri provviżorji ordnati fi Stat Membru wieħed skont l-Artikolu 20 mhumiex infurzabbli fi Stati Membri oħrajn skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 21 *et seq*[73]. Dan jestendi wkoll għas-sitwazzjoni fejn ordni infurzabbli li tagħti miżuri provviżorji ta' responsabbiltà tal-ġenituri favur ġenitur saret u ġiet iddikjarata bħala infurzabbli fi Stat Membru wieħed u fejn qiegħed isir tentattiv mill-ġenitur l-ieħor sabiex jegħleb l-infurzar ta' dik l-ordni fi Stat Membru ieħor billi jfittex hemmhekk miżuri provviżorji favur dak il-ġenitur. F'każ bħal dan, il-QtĠ-UE għamlitha ċara wkoll li l-qorti f'dak l-Istat Membru l-ieħor sempliċiment mhijiex intitolata li tordna tali miżuri, f'każ li jkun meħtieġ skont ir-Regolament li tiġi infurzata l-ordni oriġinali.

### 5.1.2. L-evitar ta' dewmien li jista' jimblokka l-infurzar

Barra minn hekk, jekk f'każ ta' tneħħija abbużiva skont it-tifsira tal-Artikolu 2(11), bidla fiċ-ċirkostanzi li tirriżulta minn proċess gradwali, bħall-integrazzjoni tal-persuna minorenni f'ambjent ġdid, tkun biżżejjed sabiex tintitola lil qorti li ma jkollhiex ġurisdizzjoni fir-rigward tas-sustanza sabiex tadotta miżura provviżorja li temenda l-miżura f'materji ta' responsabbiltà tal-ġenituri meħuda mill-qorti b'ġurisdizzjoni fir-rigward tas-sustanza, kwalunkwe dewmien fil-proċedura tal-infurzar fl-Istat Membru rikjest jista' jikkontribwixxi għall-ħolqien tal-kundizzjonijiet li jippermettu lill-ewwel qorti timblokka l-infurzar tas-sentenza li kienet ġiet iddikjarata bħala infurzabbli. Tali interpretazzjoni tippreġudika l-istess prinċipji li fuqhom huwa bbażat ir-Regolament[74].

### 5.1.3. Il-QtĠ-UE u l-infurzar tal-ordnijiet ta' ritorn

Il-QtĠ-UE sostniet li fejn qorti fl-Istat Membru tal-oriġini ta' persuna minorenni, wara ordni ta' non-ritorn maħruġa fi Stat Membru ieħor fejn il-persuna minorenni nżammet jew minn fejn tneħħiet, ħarġet ordni li titlob ir-ritorn ta' dik il-persuna minorenni, il-qrati f'dak l-Istat l-ieħor ma jistgħux

(72) Għal aktar informazzjoni dwar kwistjonijiet ta' infurzar, b'mod partikolari fir-rigward ta' kawżi ta' sekwestru tat-tfal, ara l-Gwida għal Prattika Tajba dwar l-Infurzar li ġiet ippubblikata mill-Konferenza tal-Aja dwar il-Liġi Internazzjonali Privata u li hija disponibbli fuq http://www.hcch.net/upload/guide28enf-e.pdf.

(73) Ara l-paragrafu 3.4.2 u l-kawża ta' Purrucker I iċċitata fin-nota 41 supra f'qiegħ il-paġna.

(74) Ara l-Kawża C-403/09 PPU Detiček vs Sgueglia [2009] Ġabra I-12193, sentenza mogħtija fit-23 ta' Diċembru 2009, fil-paragrafu 47. 7.

jirrevedu dik l-ordni bil-għan li jipprevjenu l-infurzar tagħha[75]. Il-QtĠ-UE kompliet issostni li dan ma jistax isir, lanqas jekk ikun hemm evidenza li ċ-ċertifikat maħruġ mill-qorti skont l-Artikolu 42 fih dikjarazzjoni falza[76].

## 5.2. Sentenza li għandha tiġi infurzata bl-istess kundizzjonijiet daqslikieku ngħatat fl-Istat Membru tal-infurzar – l-Artikolu 47(2)

Fl-applikazzjoni tat-termini tal-Artikolu 47(2), li jgħidu li sentenza mogħtija fi Stat Membru wieħed għandha tiġi infurzata fi Stat Membru ieħor 'taħt l-istess kundizzjonijiet daqslikieku ngħatat f'dak l-Istat Membru', il-qrati għandhom joqogħdu attenti li josservaw il-limiti stretti ħafna li huma impliċiti fit-termini tad-dispożizzjoni u ma għandhomx imorru 'l bogħod wisq li jispiċċaw jagħmlu s-suppożizzjonijiet jew jipprovaw jaħarbu mid-deċiżjoni mogħtija fil-qorti tal-oriġini. Fir-realtà, l-infurzar ta' sentenza mogħtija fi Stat Membru ieħor 'taħt l-istess kundizzjonijiet' daqslikieku ngħatat fl-Istat Membru tal-infurzar jista' jirreferi biss għall-arranġamenti proċedurali li taħthom għandu jseħħ ir-ritorn tal-persuna minorenni, u b'ebda mod ma jista' jipprovdi bażi sostantiva ta' oppożizzjoni għas-sentenza tal-qorti li għandha ġurisdizzjoni.

(75) Ara l-paragrafu 4.4.6.4 u l-Kawża C-195/08 PPU Inga Rinau [2008] Ġabra I-5271 iċċitata aktar 'il fuq fin-nota 48 f'qiegħ il-paġna.

(76) Ara l-Kawża C-491/10 PPU Aguirre Zarraga vs Pelz, [2010] Ġabra I-14247, sentenza mogħtija fit-22 ta' Diċembru 2010, u l-paragrafu 6.6 infra.

*Eżempju:*

*Il-fatti:*

Persuna minorenni tittieħed minn ommha mill-Istat Membru A lejn l-Istat Membru B minkejja ordni li tipprojbixxi t-tneħħija tagħha minn A. It-tneħħija hija abbużiva għall-finijiet tar-Regolament u tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980. Iż-żewġ ġenituri jmorru l-qorti fl-Istati Membri rispettivi sabiex ifittxu miżuri bil-għan li jiżguraw id-drittijiet tagħhom bħala ġenituri; il-missier li tħalla waħdu qiegħed ifittex ukoll ir-ritorn tat-tifla mill-Istat Membru B għall-Istat Membru A skont il-Konvenzjoni, filwaqt li l-omm titlob għal ordni ta' kustodja fil-qrati tal-Istat Membru B. Il-qorti fl-Istat Membru B tirrifjuta r-ritorn tat-tifla lejn l-Istat Membru A għal raġuni speċifikata fl-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni. Il-qorti fl-Istat Membru A sussegwentement toħroġ ċertifikat, billi ssegwi l-proċedura stipulata fl-Artikolu 11(6) sa (8) tar-Regolament, li jitlob ir-ritorn tat-tifla lejn l-Istat Membru A.

Sadanittant, il-qorti fl-Istat Membru B tagħti kustodja provviżorja lill-omm, li min-naħa tagħha tipprova topponi r-ritorn tat-tifla lejn l-Istat Membru A billi titlob lill-qorti fl-Istat Membru B sabiex tirrifjuta l-infurzar, l-ewwelnett fuq il-bażi li l-ordni ta' ritorn hija irrikonċiljabbli mal-ordni ta' kustodja sussegwenti favuriha u, it-tieni, fuq il-bażi li hemm bidla fiċ-ċirkostanzi li għandha tipprekludi r-ritorn tal-persuna minorenni, jiġifieri li tali persuna minorenni tkun f'riskju jekk tirritorna, l-istess argument li abbażi tiegħu l-qorti fl-Istat Membru B irrifjutat li tirritorna lill-persuna minorenni skont il-Konvenzjoni.

*Id-deċiżjoni tal-QtĠ-UE*[77]*:*

Il-kwistjoni tressqet quddiem il-QtĠ-UE u, fuq dan il-punt, il-QtĠ-UE tgħid b'mod ċar ħafna li mhijiex ir-responsabbiltà tal-qorti fl-Istat Membru B li, skont l-Artikolu 47(2), imur 'lil hinn mill-materji proċedurali fl-infurzar tas-sentenza ċċertifikata u, ċertament, lanqas ma hija r-responsabbiltà tiegħu li jisma' kwalunkwe motiv fil-liġi fir-rigward tas-sustanza tal-materji kkonċernati li, b'applikazzjoni korretta tar-Regolament, jistgħu jinstemgħu biss fil-qrati tal-Istat Membru tal-oriġini, f'dan il-każ, l-Istat Membru A.

Il-QtĠ-UE għaddiet biex tgħid li l-konstatazzjoni li sentenza mogħtija sussegwentement minn qorti fl-Istat Membru tal-infurzar tista' tipprekludi l-infurzar ta' sentenza preċedenti li kienet iċċertifikata fl-Istat Membru tal-oriġini u li tordna r-ritorn tal-persuna minorenni tammonta għal ċirkomvenzjoni tas-sistema stabbilita mit-Taqsima 4 tal-Kapitolu III tar-Regolament. Tali eċċezzjoni għall-ġurisdizzjoni tal-qrati fl-Istat Membru tal-oriġini ċċaħħad lill-Artikolu 11(8) tar-Regolament milli jkollu effett prattiku, li fl-aħħar mill-aħħar jagħti lill-qorti b'ġurisdizzjoni d-dritt li tiddeċiedi u jirrikonoxxi l-ġurisdizzjoni tal-qrati fl-Istat Membru tal-infurzar fuq materji ta' sustanza.

Fir-rigward ta' bidla fiċ-ċirkostanzi, il-QtĠ-UE affermat li din jista' jkollha effett fuq l-infurzar ta' ordni jekk hija tkun detrimentali għall-aħjar interessi ta' persuna minorenni, iżda sostniet ukoll li din dejjem kienet materja li għandha tiġi kkunsidrata mill-qorti tal-oriġini li, skont ir-Regolament, għandha ġurisdizzjoni fuq materji ta' sustanza. Għalhekk, l-infurzar ta' sentenza ċċertifikata ma jistax jiġi rrifjutat fl-Istat Membru tal-infurzar minħabba li, bħala riżultat ta' bidla sussegwenti fiċ-ċirkostanzi, din tista' tkun serjament detrimentali għall-aħjar interessi tal-persuna minorenni. Tali bidla għandha tiġi invokata quddiem il-qorti li jkollha ġurisdizzjoni fl-Istat Membru tal-oriġini, li għandha tisma' wkoll kwalunkwe talba għas-sospensjoni tal-infurzar tas-sentenza tagħha.

(77) Il-kawża tal-QtĠ-UE inkwistjoni hija C-211/10 PPU, Povse vs Alpago, [2010] Ġabra I-06673

## 5.3. Il-Ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ('QEDB')

### 5.3.1. In-nuqqas ta' teħid ta' passi adegwati għar-ritorn ta' persuna minorenni jista' jwassal għal ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ('KEDB')

Il-QEDB konsistentement iddeċidiet li ladarba l-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 jsibu li persuna minorenni tneħħiet b'mod abbużiv mill-Istat Membru tagħha skont il-Konvenzjoni, huma għandhom id-dmir li jagħmlu sforzi adegwati u effettivi sabiex jiżguraw ir-ritorn tal-persuna minorenni. Jekk huma jonqsu milli jagħmlu dawn l-isforzi jkunu qegħdin jiksru l-Artikolu 8 tal-KEDB (id-dritt tar-rispett għall-ħajja familjari) [78]. Kull Stat kontraenti għandu jkun mgħammar b'mezzi adegwati u effettivi sabiex jiżgura l-konformità mal-obbligi

(78) Ara, pereżempju, Iglesias Gil vs Spanja, Applikazzjoni Nru. 56673/00, sentenza mogħtija fid-29 ta' Lulju 2003, fil-paragrafu 62.

pożittivi tiegħu skont l-Artikolu 8 tal-KEDB[79]. Dan jestendi għall-iżgurar tal-eżerċizzju tad-drittijiet ta' kuntatt bħal fil-kawżi Shaw vs l-Ungerija[80] u Prizzia vs l-Ungerija[81] fejn huwa allegat li kien hemm ksur tal-Artikolu 8 minħabba li l-awtoritajiet fl-Ungerija naqsu milli jiżguraw li l-applikanti jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet ta' kuntatt mat-tfal tagħhom.

### 5.3.2. L-importanza tal-veloċità fit-teħid u l-infurzar tad-deċiżjonijiet

Il-QEDB enfasizzat ukoll li l-proċedimenti relatati mar-ritorn tat-tfal u l-għoti tar-responsabbiltà ta' ġenituri, inkluż l-infurzar tad-deċiżjoni finali fejn din tinvolvi r-ritorn ta' persuna minorenni, jirrikjedu trattament urġenti hekk kif iż-żmien li jgħaddi jista' jkollu konsegwenzi irrimedjabbli għar-relazzjonijiet bejn il-persuna minorenni u l-ġenitur li jgħix bogħod minnha. Għalhekk, l-adegwatezza ta' miżura għandha tiġi ġġudikata mill-ħeffa tal-implimentazzjoni tagħha[82]. Il-ħtieġa għall-veloċità u d-diliġenza f'kawżi li jinvolvu t-tfal teżisti wkoll minħabba li huwa fl-aħjar interessi tal-persuna minorenni involuta li l-kwistjonijiet relatati mal-ġejjieni tagħha jiġu solvuti mill-aktar fis possibbli sabiex titnaqqas l-inċertezza involuta, b'mod partikolari, f'kawżi li jinvolvu t-tneħħija u ż-żamma illeġittima tat-tfal[83].

(79) Ara s-serje ta' kawżi Ignaccolo-Zenide vs ir-Rumanija, Applikazzjoni Nru. 31679/96, Maire vs il-Portugall, Applikazzjoni Nru. 48206/99, PP vs il-Polonja, Applikazzjoni Nru. 8677/03 u, aktar riċenti, Raw vs Franza, Applikazzjoni Nru. 10131/11, sentenza mogħtija fis-7 ta' Marzu 2013, finali fis-7 ta' Ġunju 2013.

(80) Applikazzjoni Nru. 6457/09, sentenza mogħtija fis-26 ta' Ottubru 2011.

(81) Applikazzjoni Nru. 20255/12, sentenza mogħtija fil-11 ta' Ġunju 2013.

(82) Ara, pereżempju, il-kawżi ċċitati fin-nota 79 f'qiegħ il-paġna.

(83) Ara, pereżempju, il-kawżi Iosub Caras vs ir-Rumanija, Applikazzjoni Nru. 7198/04, Deak vs ir-Rumanija u r-Renju Unit, Applikazzjoni Nru. 19055/05 u Raw vs Franza, li hija ċċitata fin-nota 79 f'qiegħ il-paġna.

### 5.3.3. Ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali, ir-ritorn tat-tfal ma jwassalx għal ksur tal-Artikolu 8 tal-KEDB

F'serje ta' kawżi, il-QEDB sostniet, b'mod ġenerali, li r-ritorn ta' persuna minorenni skont il-proċeduri stipulati fir-Regolament u fil-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980, li tkun tneħħiet jew inżammet b'mod abbużiv, ma jwassalx għal ksur tal-obbligi stabbiliti taħt il-KEDB, b'mod partikolari l-Artikolu 8 tagħha. F'dan ir-rigward, il-QEDB uriet ruħha li kienet sostenitriċi tal-politika taż-żewġ strumenti, li l-konformità magħhom spiss iddikjarat li hija importanti fl-Istati li huma partijiet għall-KEDB, inkella dawk l-Istati jkunu qegħdin jirriskjaw li jiksru dik il-Konvenzjoni. Kien biss f'għadd żgħir ta' kawżi, primarjament f'ċirkostanzi eċċezzjonali, li l-QEDB sostniet li r-ritorn ta' persuna minorenni seta' jwassal għal ksur tal-KEDB.

### 5.3.4. Kawżi tal-QEDB fejn ma nstab ebda ksur tal-Artikolu 8

Il-QEDB ittrattat għadd ta' applikazzjonijiet li kienu qegħdin jallegaw ksur tal-Artikoli tal-KEDB permezz tar-ritorn tat-tfal, fejn hija sostniet li ma kien hemm ebda ksur, filwaqt li f'kawżi riċenti kien hemm okkażjonijiet fejn hija saħansitra qieset l-applikazzjoni bħala inammissibbli. Fost dawk il-każijiet kien hemm dawn li ġejjin: *Maumosseau u Washington vs Franza*[84] fejn l-infurzar tar-ritorn ta' persuna ta' età relattivament żgħira minn Franza lejn l-Istati Uniti tal-Amerika tqies bħala li ma kienx qiegħed jikser l-Artikolu 8; *Lipkowski vs*

(84) Applikazzjoni Nru. 29388/05, sentenza mogħtija fis-6 ta' Diċembru 2007.

*il-Ġermanja*[85] fejn applikazzjoni li sostniet li kien hemm ksur ta' għadd ta' Artikoli tal-KEDB, inkluż l-Artikolu 8, meta persuna minorenni li kienet ittieħdet illegalment mill-Awstralja lejn il-Ġermanja ġiet ordnata minn qorti fil-Ġermanja li applikat il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 sabiex tirritorna lejn l-Awstralja, ġiet iddikjarata bħala inammissibbli; *u Povse vs l-Awstrija*[86] fejn, simili għall-kawża preċedenti, applikazzjoni mressqa quddiem il-QEDB intiża biex issib li kien hemm ksur tal-Artikolu 8 tal-QEDB meta ġiet infurzata mill-awtoritajiet Awstrijaki ordni maħruġa minn Qorti Taljana għar-ritorn ta' persuna minorenni mill-Awstrija lejn l-Italja, jiġifieri lejn l-Istat minn fejn kienet tneħħiet b'mod abbużiv, ġiet miċħuda[87]. Fil-kawża *Raban vs ir-Rumanija*[88] il-QEDB iddeċidiet li ma kien hemm ebda ksur tal-Artikolu 8 meta r-ritorn ta' persuna minorenni ġie miċħud għal raġunijiet simili għal dawk stabbiliti fil-kawża ta' *Neulinger*[89].

### 5.3.5. Kawżi fejn instab li kien hemm ksur

F'numru żgħir ta' kawżi, il-QEDB iddeċidiet li r-ritorn ta' persuna minorenni wara tneħħija jew żamma abbużiva jista' jikkostitwixxi ksur

(85) Applikazzjoni Nru. 26755/10, sentenza mogħtija fit-18 ta' Jannar 2011.

(86) Applikazzjoni Nru. 3890/11; ara wkoll il-paragrafu 5.2 supra.

(87) Is-sentenza tal-QEDB ingħatat fit-18 ta' Ġunju 2013.

(88) *Raban vs ir-Rumanija,* Applikazzjoni Nru. 25437/08, sentenza mogħtija fis-26 ta' Ottubru 2010.

(89) Ara *Neulinger u Shuruk vs l-Isvizzera,* Applikazzjoni Nru. 41615/07, sentenza mogħtija mill-grande chambre fis-6 ta' Lulju 2010.

tal-Artikolu 8, iżda dawn il-kawżi jirriżultaw l-aktar minn ċirkostanzi eċċezzjonali[90].

Il-bażi tad-deċiżjoni meħuda mill-QEDB f'dawn il-kawżi, b'mod partikolari fejn jiġi sostnut li kien hemm bidla fiċ-ċirkostanzi bejn il-ħruġ tal-ordni ta' ritorn u l-eżekuzzjoni tagħha, hija li l-qrati kkonċernati huma obbligati li jikkunsidraw l-aħjar interessi tal-persuna minorenni meta jiġu biex jiddeċiedu jekk joħorġux jew jesegwux ordni ta' ritorn jew le. Hemm riskju li jekk din il-linja ta' ħsieb tmur 'lil hinn wisq, hija jista' jkollha l-effett li ddgħajjef wieħed mill-prinċipji bażiċi kemm tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 kif ukoll tar-Regolament, jiġifieri li l-interessi fit-tul tat-tfal għandhom jiġu deċiżi fil-qrati tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tagħhom u li, fil-prinċipju, it-tneħħija u ż-żamma abbużivi ta' persuna minorenni ma għandux ikollhom l-effett li jbiddlu dan, ħlief f'ċirkostanzi bħal dawk stabbiliti fl-Artikolu 10 tar-Regolament[91].

(90) Ara Neulinger u Shuruk vs l-Isvizzera iċċitata fin-nota 89 f'qiegħ il-paġna; Šneersone u Kampanella vs l-Italja, applikazzjoni Nru. 14737/09, sentenza mogħtija fit-12 ta' Lulju 2011, finali fit-12 ta' Ottubru 2011; B vs il-Belġju, applikazzjoni Nru. 4320/11, sentenza mogħtija fl-10 ta' Lulju 2012, finali fid-19 ta' Novembru 2012; u X vs il-Latvja, applikazzjoni Nru. 27853/09, sentenza mogħtija fit-13 ta' Diċembru 2011; din l-aħħar kawża ntbagħtet lill-Grande Chambre u s-sentenza hemmhekk ingħatat fis-26 ta' Novembru 2013.

(91) Ara l-paragrafu 4.2 supra.

### 5.3.6. X vs il-Latvja – id-deċiżjoni tal-Grande Chambre

F'deċiżjoni riċenti tal-Grande Chambre fil-kawża X vs il-Latvja(92), il-qorti, b'maġġoranza ta' disgħa għal tmienja, għamlet tentattiv sabiex tiċċara wħud mid-dikjarazzjonijiet preċedenti tagħha fir-rigward tal-approċċ li għandu jittieħed fit-trattament tar-relazzjoni bejn il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Konvenzjoni tal-Aja dwar is-Sekwestru tat-Tfal, b'mod partikolari fir-rigward tal-bilanċ bejn l-interessi tat-tfal u l-interessi tal-ġenituri meta kawża tkun tinvolvi l-eċċezzjoni għar-ritorn ta' persuna minorenni stabbilita fl-Artikolu 13(1)(b) tal-Konvenzjoni msemmija l-aħħar. B'mod partikolari, il-Qorti qalet li r-rimarki tagħha fuq dan il-punt stabbiliti fid-deċiżjoni tal-Grande Chambre f'Neullinger u Shuruk vs l-Isvizzera(93) ma għandhomx jiġu interpretati bħala li jistabbilixxu prinċipju għall-applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja mill-qrati domestiċi.

Il-qorti spjegat dawk li fil-fehma tagħha huma l-fatturi li kellhom ikunu fis-seħħ sabiex tinkiseb interpretazzjoni armonjuża tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Konvenzjoni tal-Aja. Il-qorti rikjesta għandha tikkunsidra ġenwinament dawk il-fatturi li jistgħu jikkostitwixxu eċċezzjoni għar-ritorn tal-persuna minorenni skont il-Konvenzjoni tal-Aja u tieħu deċiżjoni raġunata. Il-fatturi għandhom imbagħad jiġu evalwati fid-dawl tal-Artikolu 8 tal-KEDB.

Bħala konsegwenza, il-qrati domestiċi mhux biss għandhom jikkunsidraw l-allegazzjonijiet diskutibbli ta' "riskju gravi" għall-persuna minorenni f'każ ta' ritorn, iżda għandhom ukoll jipprovdu deċiżjoni li tagħti raġunijiet speċifiċi fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ. Kemm rifjut li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-oġġezzjonijiet għar-ritorn, kif ukoll raġunament insuffiċjenti fid-deċiżjoni li tinjora tali oġġezzjonijiet imorru kemm kontra r-rekwiżiti tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, kif ukoll kontra l-għan u l-iskop tal-Konvenzjoni tal-Aja.

Il-Qorti mbagħad għaddiet biex tgħid li, billi l-Preambolu għall-Konvenzjoni tal-Aja jipprevedi r-ritorn tat-tfal "lejn l-Istat tar-residenza abitwali tagħhom", il-qrati għandhom jissodisfaw lilhom infushom li jiġu pprovduti b'mod konvinċenti salvagwardji adegwati f'dak il-pajjiż u, f'każ ta' riskju magħruf, li jiddaħħlu fis-seħħ miżuri ta' protezzjoni tanġibbli.

**Għandu jiġi rrimarkat li, fir-rigward ta' kawżi li jaqgħu taħt ir-Regolament, dan l-aħħar aspett tad-deċiżjoni fil-kawża tal-QEDB mhux sejjer ikollu effetti kbar fid-dawl tat-termini tal-Artikolu 11 (4) u (6) sa (8). Il-qrati fl-UE huma diġà obbligati skont l-Artikolu 11(4) li jikkunsidraw il-miżuri ta' protezzjoni disponibbli għal persuna minorenni li fir-rigward tagħha tissemma l-eċċezzjoni skont l-Artikolu 13(1)(b) tal-Konvenzjoni tal-Aja. Barra minn hekk, anki meta qorti rikjesta tirrifjuta r-ritorn fuq bażi stabbilita fl-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni, l-Artikolu 11 (6) sa (8) jagħti l-aħħar kelma lill-qorti fl-Istat Membru tar-Residenza Abitwali tal-persuna minorenni. Wieħed għad irid jara xi żviluppi ser ikun hemm fil-ġejjieni wara l-kawża ta' X vs il-Latvja kemm f'dan ir-rigward kif ukoll fi kwistjonijiet oħrajn koperti minn dik il-kawża.**

(92) Ara n-nota 90 f'qiegħ il-paġna.

(93) Iċċitata wkoll fin-nota 90 f'qiegħ il-paġna.



# 6. Is-smigħ tal-persuna minorenni – l-Artikoli 23, 41 u 42

## 6.1. It-tfal għandhom jingħataw l-opportunità li jesprimu opinjoni

Ir-Regolament jenfasizza l-importanza li t-tfal jingħataw l-opportunità li jesprimu l-opinjonijiet tagħhom fi proċedimenti li jikkonċernaw lilhom[94]. Is-smigħ tal-persuna minorenni huwa wieħed mir-rekwiżiti għall-abolizzjoni tal-proċedura ta' exequatur għad-drittijiet ta' aċċess u d-deċiżjonijiet li jinvolvu r-ritorn tal-persuna minorenni (ara l-paragrafu 3.6 u l-kapitolu 4). Huwa possibbli wkoll li ssir oppożizzjoni għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenza relatata mar-responsabbiltà tal-ġenituri fuq il-bażi li l-persuna minorenni kkonċernata ma tkunx ingħatat l-opportunità li tinstema' (ara l-paragrafu 3.5.2).

## 6.2. Eċċezzjoni għad-dover li jinstemgħu l-opinjonijiet ta' persuna minorenni

Ir-Regolament jistabbilixxi l-prinċipju ewlieni li persuna minorenni għandha tinstema' fi proċedimenti li jkunu jikkonċernaw lilha. Bħala eċċezzjoni, persuna minorenni tista' ma tinstemax jekk dan jitqies bħala inadegwat minħabba l-età u l-maturità tal-istess persuna minorenni. Din l-eċċezzjoni għandha tiġi interpretata b'mod ristrett ħafna. B'mod partikolari, wieħed għandu jżomm f'moħħu li d-drittijiet tat-tfal huma sinjifikanti ħafna fir-rigward tal-proċedimenti li jaffettwaw lilhom u li, ġeneralment, id-deċiżjonijiet dwar il-ġejjieni ta' persuna minorenni u r-relazzjonijiet tagħha mal-ġenituri u ma' persuni oħrajn huma kruċjali f'dak li għandu x'jaqsam mal-aħjar interessi tal-persuna minorenni. Għandu jiġi mfakkar ukoll li dawn il-fatturi japplikaw għat-tfal ta' kull età.

## 6.3. Il-proċedura biex jinstemgħu l-opinjonijiet ta' persuna minorenni

Ir-Regolament ma jimmodifikax il-proċeduri nazzjonali applikabbli fuq din il-kwistjoni[95]. Il-qrati fl-Istati Membri jiżviluppaw it-tekniki u l-istrateġiji tagħhom għall-ġbir tal-opinjonijiet tat-tfal ta' kull età. Xi qrati jagħmlu dan direttament; oħrajn jikkummissjonaw esperti speċjali sabiex jiġbru l-opinjonijiet tat-tfal, li mbagħad jirrapportaw lura lill-qorti. Tkun xi tkun it-teknika li tintuża sabiex jinstemgħu l-opinjonijiet tal-minorenni, huwa f'idejn il-qorti nnifisha li tiddeċiedi jekk tagħmilx dan jew le, iżda mhuwiex possibbli li tittieħed deċiżjoni infurmata dwar dan il-punt jekk il-persuna minorenni ma tkunx tista' tiġi vvalutata skont l-età u l-maturità tagħha, li huwa l-uniku kriterju. Ladarba l-qorti tiddeċiedi li persuna minorenni għandha età u maturità suffiċjenti sabiex tagħti opinjoni, hija għandha obbligu li tieħu l-opinjonijiet tal-persuna minorenni direttament jew b'xi mod ieħor, sakemm dawk l-opinjonijiet jirrikjedu li jinstemgħu fi proċedimenti li jaffettwaw lill-persuna minorenni.

(94) Għandha ssir referenza għall-Artikolu 12(2) tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal, li fih dikjarazzjoni f'termini simili: 'Għal dan il-għan, il-persuna minorenni għandha, b'mod partikolari, tiġi pprovduta bl-opportunità li tinstema' fi kwalunkwe proċedimenti ġudizzjarji u amministrattivi li jaffettwaw lill-persuna minorenni, direttament jew permezz ta' rappreżentant jew korp xieraq, b'mod li jkun konsistenti mar-regoli proċedurali tal-liġi nazzjonali.' Ara wkoll l-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea: 'It-tfal jistgħu jesprimu l-opinjonijiet tagħhom liberament. Tali opinjonijiet għandhom jitqiesu f'materji li jikkonċernaw lilhom skont l-età u l-maturità tagħhom.'

(95) Ara l-Premessa 19 tar-Regolament.

## 6.4. Kif jinkisbu l-opinjonijiet tal-persuna minorenni

B'mod ġenerali, is-smigħ tal-persuna minorenni jeħtieġ li jsir b'mod li jikkunsidra l-età u l-maturità tal-persuna minorenni. Il-valutazzjoni tal-opinjonijiet ta' tfal iżgħar fl-età għandha ssir b'kompetenza u attenzjoni speċjali u b'mod differenti minn kif issir għall-adoloxxenti.

Mhuwiex meħtieġ li l-opinjonijiet tat-tfal jinstemgħu f'seduta ta' smigħ fil-qorti, iżda jistgħu jinkisbu minn awtorità kompetenti skont il-liġijiet nazzjonali. Pereżempju, f'ċerti Stati Membri, is-smigħ tal-persuna minorenni jsir minn ħaddiema soċjali, li mbagħad jippreżentaw rapport lill-qorti fejn jindikaw ix-xewqat u s-sentimenti tal-persuna minorenni. Jekk is-smigħ isir fil-qorti, l-imħallef għandu jfittex li jorganizza l-interrogazzjoni b'tali mod li jikkunsidra n-natura tal-każ, l-età tal-persuna minorenni u ċ-ċirkostanzi l-oħrajn tal-każ. F'ħafna qrati, dan jitwettaq billi jsir arranġament informali li permezz tiegħu l-persuna tinstema' f'kamra differenti mill-awla tal-qorti. Tkun xi tkun is-sitwazzjoni, huwa importanti li l-persuna minorenni titħalla tesprimi l-opinjonijiet tagħha b'kunfidenza.

## 6.5. Taħriġ fit-teħid tal-opinjonijiet tal-persuna minorenni

Kemm jekk is-smigħ tal-persuna minorenni jsir minn imħallef, espert, ħaddiem soċjali jew minn xi uffiċjal ieħor, huwa essenzjali li dik il-persuna tirċievi taħriġ adegwat, pereżempju fuq kif l-aħjar li tikkomunika mat-tfal. Ikun min ikun li jisma' l-opinjonijiet għandu jkun konxju tar-riskju li l-ġenituri jistgħu jipprovaw jinfluwenzaw lill-persuna minorenni u jpoġġu pressjoni fuqha. Meta jitwettaq kif suppost u b'diskrezzjoni xierqa, is-smigħ jista' jagħti ċ-ċans lill-persuna minorenni li tesprimi x-xewqat tagħha u li teħles lilha nnifisha minn sens ta' responsabbiltà jew ħtija.

## 6.6. L-għan tat-teħid tal-opinjonijiet ta' persuna minorenni

Is-smigħ tat-tfal jista' jkollu għanijiet differenti, skont it-tip u l-objettiv tal-proċedura. Fi proċediment li jikkonċerna d-drittijiet ta' kustodja, l-għan ġeneralment ikun li tingħata assistenza sabiex jinstab l-aktar ambjent xieraq fejn tkun tista' tgħix il-persuna minorenni. F'kawża li tkun tikkonċerna s-sekwestru ta' minorenni, l-għan sikwit ikun li tiġi aċċertata n-natura tal-oġġezzjonijiet tal-persuna minorenni li tirritorna u għaliex żviluppaw dawn l-oġġezzjonijiet, kif ukoll li jiġi aċċertat jekk il-persuna minorenni tistax tkun f'riskju u, jekk iva, b'liema mod.

*Eżempju:*

*Il-Fatti:*

Tifla fl-età ta' 8 snin u sitt xhur tinżamm minn ommha fl-Istat Membru B wara li flimkien kienu qegħdin hemm għal btala bogħod minn darha ma' missierha fl-Istat Membru A; provviżorjament, il-missier kien ingħata drittijiet ta' kustodja, filwaqt li l-omm kienet ingħatat id-dritt li jkollha kuntatt mat-tifla skont l-ordnijiet mogħtija minn qorti fl-Istat Membru A. Il-missier iressaq applikazzjoni għar-ritorn tal-persuna minorenni skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 u din tiġi rrifjutata mill-qrati fl-Istat Membru B minħabba l-oppożizzjoni tat-tifla nnifisha għar-ritorn. Il-qrati fl-Istat Membru B semgħu l-opinjonijiet

tat-tifla wara li vvalutawha bħala li kellha età u maturità suffiċjenti biex tesprimi l-opinjoni tagħha.

Il-qrati fl-Istat Membru A sussegwentement jikkonfermaw l-għoti tal-kustodja lill-missier u jordnaw li t-tifla tirritorna lejn l-Istat Membru A. Sadanittant, il-qorti fl-Istat Membru B, kif mitlub mill-Artikolu 11(6) sa (8) tar-Regolament, tittrasmetti avviż tar-rifjut tar-ritorn lill-qorti fl-Istat Membru A; jinħareġ ċertifikat skont l-Artikolu 42 tar-Regolament minn dik il-qorti li, madankollu, ma semgħetx lill-persuna minorenni qabel ħarġet iċ-ċertifikat u rrifjutat li tippermetti li jittieħdu l-opinjonijiet tagħha permezz ta' link b'vidjo.

*Id-deċiżjoni tal-QtĠ-UE:*

Il-kawża għaddiet għand il-QtĠ-UE[96] fuq il-bażi li d-drittijiet fundamentali tal-persuna minorenni kienu nkisru, b'mod partikolari d-drittijiet mogħtija mill-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, li jikkonferma d-drittijiet tat-tfal li jesprimu l-opinjonijiet tagħhom liberament fuq materji li jikkonċernaw lilhom u li dawk l-opinjonijiet jittieħdu f'kunsiderazzjoni skont l-età u l-maturità tagħhom.

Il-QtĠ-UE qalet li filwaqt li mhuwiex rekwiżit tal-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u tal-Artikolu 42(2)(a) tar-Regolament li l-qorti tal-Istat Membru tal-oriġini tikseb l-opinjonijiet tal-persuna minorenni f'kull kawża permezz ta' seduta ta' smigħ, kif ukoll li dik il-qorti b'hekk iżżomm ċertu grad ta' diskrezzjoni, jibqa' l-fatt li, meta qorti tiddeċiedi li tisma' lill-persuna minorenni, dawk id-dispożizzjonijiet jirrikjedu li l-qorti tieħu l-miżuri kollha li huma xierqa għall-arranġament ta' tali seduta ta' smigħ, wara li tikkunsidra l-aħjar interessi tal-persuna minorenni u ċ-ċirkostanzi ta' kull każ individwali, sabiex b'hekk tiżgura l-effettività ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tkun tista' toffri opportunità ġenwina u effettiva lill-persuna minorenni sabiex tesprimi l-opinjonijiet tagħha.

Hija żiedet li l-qorti tal-Istat Membru tal-oriġini, li hija l-qorti b'kompetenza ġurisdizzjonali fundamentali skont ir-Regolament, għandha tivvaluta lill-persuna minorenni u tiddeċiedi jekk tismax l-opinjonijiet tagħha jew le u, safejn ikun possibbli, billi dejjem tieħu f'kunsiderazzjoni l-aħjar interessi tal-persuna minorenni, tuża l-mezzi kollha disponibbli għaliha skont il-liġi nazzjonali, kif ukoll l-istrumenti speċifiċi tal-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali, inklużi, fejn xieraq, dawk previsti mir-Regolament dwar ix-Xhieda. Dan jista' jsir biss mill-qorti tal-oriġini u mhux mill-qorti fl-Istat Membru tal-infurzar.

Qabel ma qorti fl-Istat Membru tal-oriġini tkun tista' toħroġ ċertifikat li jkun konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 42 tar-Regolament, dik il-qorti għandha tiżgura li, wara li tikkunsidra l-aħjar interessi tal-persuna minorenni u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ individwali, is-sentenza li tkun trid tiġi ċċertifikata ingħatat b'attenzjoni xierqa għad-dritt tal-persuna minorenni li tesprimi l-opinjonijiet tagħha liberament u li tkun ġiet offruta opportunità ġenwina u effettiva lill-persuna minorenni sabiex tesprimi dawk l-opinjonijiet. Madankollu, il-QtĠ-UE kkonkludiet li hija biss ir-responsabbiltà tal-qrati nazzjonali tal-Istat Membru tal-oriġini li jeżaminaw il-legalità ta' dik is-sentenza b'referenza għar-rekwiżiti

(96) Ara l-Kawża C-491/10 PPU Aguirre Zarraga vs Pelz, [2010] Ġabra I-14247; ara wkoll il-Kawża C-400/10 McB vs L.E., [2010] Ġabra I-8965.

imposti, b'mod partikolari, mill-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u mill-Artikolu 42 tar-Regolament u b'hekk, fil-kawża kkonċernata, il-qrati fl-Istat Membru B, jiġifieri l-Istat Membru tal-infurzar, ma għandhom ebda dritt li jirrevedu jew jopponu l-infurzar ta' sentenza, saħansitra fiċ-ċirkostanzi żvelati f'din il-kawża, u lanqas ma jistgħu jerġgħu jiftħu ċ-ċertifikat.

## 6.7. Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal[97]

Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal hija Konvenzjoni dinjija li l-iskop ġenerali tagħha huwa li tagħti attenzjoni akbar għal u li tfittex li ssaħħaħ id-drittijiet tat-tfal taħt l-età ta' tmintax-il sena fl-oqsma kollha fejn ikunu involuti l-interessi tagħhom. Il-Konvenzjoni għandha madwar mija u disgħin Stat li jagħmlu parti minnha u sservi bħala pedament għall-attivitajiet organizzati min-Nazzjonijiet Uniti permezz tal-UNICEF favur it-tfal madwar id-dinja. Uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni kellhom influwenza diretta fuq l-iżvilupp tal-politiki fi proċedimenti li jinvolvu lit-tfal, speċjalment fir-rigward tal-mod kif għandhom jiġu kkunsidrati d-drittijiet u l-interessi tat-tfal.[98]. B'mod partikolari, kif ġie stabbilit fl-Artikolu 3 tal-UNCRC, fl-azzjonijiet kollha li jikkonċernaw lit-tfal, kemm jekk imwettqa minn istituzzjonijiet pubbliċi jew privati tal-benesseri soċjali, qrati, awtoritajiet amministrattivi jew korpi leġiżlattivi, l-**aħjar interessi tat-tfal għandhom igawdu kunsiderazzjoni primarja.**

Il-Konvenzjoni hija appoġġjata minn Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal li jwettaq stħarriġ regolari u joħroġ rapporti dwar l-istat tad-drittijiet tat-tfal fid-dinja. B'mod partikolari, huwa joħroġ Kummenti Ġenerali li fihom joffri opinjonijiet dwar is-sitwazzjoni tat-tfal u jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu. Fl-aktar Kumment Ġenerali riċenti[99], il-Kumitat sostna li d-drittijiet tat-tfal għandhom jiġu integrati b'mod sħiħ fl-aspetti kollha tal-proċeduri li jaffettwaw lit-tfal bħala materja ta' prinċipju, kif ukoll bħala proċedura. Fl-istess dokument tidher is-silta li ġejja:[100]

(97) Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal adottata u miftuħa għall-iffirmar, għar-ratifika u għall-adeżjoni permezz tar-riżoluzzjoni 44/25 tal-Assemblea Ġenerali tal-20 ta' Novembru 1989; dħul fis-seħħ fit-2 ta' Settembru 1990 skont l-Artikolu 49; ara http://www.ohchr.org/en/professionalinterest/pages/crc.aspx

(98) Ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 12 dwar il-kumpilazzjoni tal-opinjonijiet tat-tfal imsemmija aktar 'il fuq fin-nota 94 f'qiegħ il-paġna.

(99) GC 14 maħruġa fid-29 ta' Mejju 2013; ara http://www2.ohchr.org/English/bodies/crc/docs/GC/CRC_C_GC_14_ENG.pdf

(100) Fil-paragrafu 68.

*'Il-Kumitat jinkoraġġixxi r-ratifika u l-implimentazzjoni tal-konvenzjonijiet tal-Konferenza tal-Aja dwar il-Liġi Internazzjonali Privata,*[101] *li jiffaċilitaw l-applikazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal u jipprovdu garanziji għall-implimentazzjoni tagħha f'każ li l-ġenituri jkunu jgħixu f'pajjiżi differenti.'*

(101) Dawn jinkludu n-Nru. 28 dwar l-Aspetti Ċivili tas-Sekwestru tat-Tfal Internazzjonali, 1980; in-Nru. 33 dwar il-Protezzjoni tat-Tfal u l-Kooperazzjoni fir-Rigward tal-Adozzjoni Bejn Pajjiż u Ieħor, 1993; Nru. 23 dwar ir-Rikonoxximent u l-Infurzar ta' Deċiżjonijiet Relatati mal-Obbligi tal-Manteniment, 1973; Nru. 24 dwar il-Liġi Applikabbli għall-Obbligi tal-Manteniment, 1973.



# 7. Il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ċentrali u bejn il-qrati – l-Artikoli 53-58

L-awtoritajiet ċentrali għandhom irwol vitali fl-applikazzjoni tar-Regolament fir-rigward ta' materji li jikkonċernaw ir-responsabbiltà tal-ġenituri. L-Istati Membri għandhom jaħtru mill-inqas awtorità ċentrali waħda. Is-sitwazzjoni ideali hija li l-awtoritajiet maħtura jikkoinċidu mal-awtoritajiet maħtura skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980. Dan jista' joħloq sinerġiji u jippermetti lill-awtoritajiet jibbenifikaw mill-esperjenza miksuba mill-awtoritajiet fl-amministrazzjoni ta' kawżi oħrajn skont il-Konvenzjoni.

## 7.1. In-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali - l-Artikolu 54

Ir-Regolament jipprevedi li l-awtoritajiet ċentrali jiġu integrati b'mod effettiv fin-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali [102] ("in-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew") u li dawn jiltaqgħu regolarment fi ħdan dan in-Netwerk sabiex jiddiskutu l-applikazzjoni tar-Regolament.

## 7.2. Id-doveri tal-awtoritajiet ċentrali – l-Artikolu 55

Id-doveri speċifiċi tal-awtoritajiet ċentrali huma elenkati fl-Artikolu 55. L-awtoritajiet ċentrali ma għandhomx bżonn iwettqu dawn id-doveri huma stess, iżda jistgħu jaġixxu permezz ta' aġenziji oħrajn.

Fuq talba minn detentur tar-responsabbiltà ta' ġenituri, l-Awtoritajiet Ċentrali għandhom jieħdu l-passi kollha xierqa sabiex jiġbru u jiskambjaw informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-persuna minorenni; kwalunkwe proċeduri li jkunu għadhom għaddejjin; jew dwar deċiżjonijiet meħuda li jikkonċernaw lill-persuna minorenni. Huma jieħdu wkoll il-passi meħtieġa sabiex jipprovdu informazzjoni u assistenza lid-detenturi ta' responsabbiltà ta' ġenituri li jkunu qegħdin ifittxu r-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fit-territorju tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet ta' aċċess u r-ritorn tal-minorenni.

Id-doveri tagħhom jinkludu wkoll l-iffaċilitar tal-komunikazzjoni bejn qorti u oħra, li hija meħtieġa, b'mod partikolari meta tiġi ttrasferita kawża minn qorti għal oħra (ara l-paragrafu 3.3 u l-kapitolu 4). F'dawn il-każijiet, l-awtoritajiet ċentrali jservu bħala punt ta' riferiment bejn il-qrati nazzjonali u l-awtoritajiet ċentrali ta' Stati Membri oħrajn.

## 7.3. L-iffaċilitar tal-ftehim – l-Artikolu 55(e)

Kompitu ieħor tal-awtoritajiet ċentrali, b'konformità mal-Artikolu 55(e), huwa li jiffaċilitaw il-ftehim bejn id-detenturi tar-responsabbiltà ta' ġenituri permezz ta' medjazzjoni jew mezzi oħrajn, kif ukoll li jiffaċilitaw il-komunikazzjoni transkonfinali għal dan il-għan. Intwera li l-medjazzjoni jista' jkollha rwol importanti, pereżempju, f'każijiet ta' sekwestru ta' minorenni, bil-għan li jiġi żgurat li l-persuna minorenni tkun tista' tkompli tara lill-ġenitur li ma jkunx issekwestraha wara l-imsemmi sekwestru u li tkun tista' tara lill-ġenitur li ssekwestraha wara li hija tirritorna lejn l-Istat Membru tal-oriġini. Madankollu, huwa importanti li l-proċess ta' medjazzjoni ma jintużax biex iwassal għal dewmien bla bżonn fir-ritorn tal-persuna minorenni.

(102) https://e-justice.europa.eu/content_ejn_in_civil_and_commercial_matters-21-mt.do?init=true.

## 7.4. It-tqegħid tat-tfal f'kura fi Stat Membru ieħor – l-Artikolu 56

Dispożizzjoni importanti tar-Regolament tirrigwardja t-tqegħid tat-tfal f'kura, jiġifieri f'familja li tiffosterja t-tfal jew inkella f'dar residenzjali, tul il-fruntiera fi Stat Membru ieħor. Deċiżjoni bħal din, li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament[103], hija soġġetta għal dispożizzjonijiet speċifiċi fir-rigward tal-kooperazzjoni bejn il-qrati u l-awtoritajiet ċentrali u awtoritajiet oħrajn tal-Istati Membri li huma stipulati fl-Artikolu 56. Fi ftit kliem, qabel ma qorti fi Stat Membru wieħed tkun tista' tordna t-tqegħid ta' persuna minorenni f'dar residenzjali jew f'familja li tiffosterja t-tfal fi Stat Membru ieħor, hija għandha tikkonsulta mal-awtorità ċentrali jew ma' awtorità oħra li jkollha ġurisdizzjoni fir-rigward tal-intervent minn awtorità pubblika f'dak it-tieni Stat Membru għall-kawżi li jinstemgħu hemmhekk rigward il-kollokament tat-tfal f'kura. F'kawżi transkonfinali fejn awtorità pubblika jkollha rwol f'każijiet domestiċi ta' dik ix-xorta fi Stat Membru, huwa biss jekk ikun hemm qbil mill-awtorità kompetenti tal-Istat rikjest li l-qorti tal-Istat rikjedenti tkun tista' tipproċedi sabiex tordna l-kollokament. Fil-każ tat-tqegħid ta' persuna minorenni fil-kura ta' fostering, jekk ma jkun meħtieġ ebda intervent mill-awtorità pubblika fl-Istat rikjest għal tali kollokament, ikun meħtieġ biss li l-qorti li tikkontempla l-kollokament tinforma lill-awtorità ċentrali jew lil xi awtorità oħra fl-Istat rikjest.

(103) Ara l-Artikolu 1(2)(d); ara wkoll il-Kawża C-435/06 C [2007] Ġabra I-10141, fejn il-QtĠ-UE sostniet li deċiżjoni li tqiegħed persuna minorenni f'familja li tiffosterja t-tfal hija materja 'ċivili' għall-finijiet tal-Artikolu 1 tar-Regolament, anki jekk il-proċedura għat-twettiq ta' dan hija materja ta' liġi pubblika.

*Eżempju:*

*Il-Fatti:*

Is-sitwazzjoni kienet li l-awtoritajiet fl-Istat Membru A xtaqu li jqiegħdu tifla adoloxxenti f'istituzzjoni li toffri kura sikura speċjali li tinsab barra mill-pajjiż tal-oriġini tagħha minħabba li hija kienet teħtieġ miżuri partikolari ta' protezzjoni minħabba l-imġiba tagħha u l-ħarbiet kontinwi tagħha mill-istituzzjonijiet ta' kura f'dak l-Istat. F'dak l-Istat ma kienet teżisti ebda istituzzjoni ta' kura speċjali bħal din, għalhekk, l-awtoritajiet kienu tal-fehma li l-aħjar għażla kienet li hija titqiegħed f'istituzzjoni fl-Istat Membru B, fejn kienet tgħix ommha. Skambju bejn l-awtoritajiet ċentrali wassal sabiex il-qorti fl-Istat Membru A tiġi nnotifikata li l-istituzzjoni fl-Istat Membru B kellha post għat-tifla u aċċettat il-kollokament tagħha; il-qorti mbagħad ħarġet ordni għall-kollokament. Il-qrati fl-Istat Membru B ħarġu wkoll ordni ta' natura provviżorja skont l-Artikolu 20. It-tifla ġiet ittrasferita lejn l-Istat Membru B u tqiegħdet fl-istituzzjoni ta' kura.

*Id-deċiżjoni tal-QtĠ-UE:*

Lill-QtĠ-UE mbagħad sarulha għadd ta' mistoqsijiet dwar il-proċeduri skont l-Artikolu 56 fil-kawża[104] u l-QtĠ-UE ħadet l-opportunità sabiex tiċċara numru ta' punti, li l-ewwel wieħed minnhom kien dwar jekk tali ordni kinitx taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni materjali tar-

(104) Ara l-Kawża C-92/12 PPU Health Service Executive vs S.C. u A.C. [2012] Ġabra I-0000, sentenza mogħtija fis-26 ta' April 2012.

Regolament – din il-mistoqsija ġiet imwieġba fl-affermattiv fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-QtĠ-UE fil-kawża ta' C[105].

Il-mistoqsija li jmiss kienet dwar liema awtorità fl-Istat Membru B kienet kompetenti sabiex tagħti l-kunsens għall-kollokament, bit-tweġiba tkun li l-kunsens imsemmi fl-Artikolu 56(2) tar-Regolament għandu jingħata, qabel tingħata s-sentenza dwar il-kollokament ta' persuna minorenni, minn awtorità kompetenti li tkun irregolata bil-liġi pubblika. Il-fatt li l-istituzzjoni fejn għandha titqiegħed il-persuna minorenni tagħti l-kunsens tagħha mhuwiex biżżejjed. F'ċirkostanzi fejn qorti ta' Stat Membru, li tkun tat is-sentenza dwar il-kollokament, tkun inċerta dwar jekk ingħatax kunsens validu fl-Istat Membru rikjest minħabba li ma kienx possibbli li tiġi identifikata b'ċertezza l-awtorità kompetenti fl-Istat imsemmi l-aħħar, irregolarità tista' tiġi kkoreġuta sabiex jiġi żgurat li r-rekwiżit tal-kunsens impost mill-Artikolu 56 tar-Regolament kien osservat b'mod sħiħ.

It-tielet u r-raba' mistoqsijiet kienu jikkonċernaw l-effett u l-infurzar tal-ordni għall-kollokament u dawru l-attenzjoni fuq il-kwistjoni dwar jekk qabel seta' jsir il-kollokament, kellhiex tinħareġ dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà mill-qrati fl-Istat Membru fejn għandu jsir il-kollokament. It-tweġiba għal dawn il-mistoqsijiet kienet li l-ordni kellha tkun soġġetta għall-proċedura għal dikjarazzjoni tal-infurzabbiltà u li ma seta' jkollha ebda effett, fi kliem ieħor ma setgħetx tiġi esegwita b'mod formali, qabel tingħata d-dikjarazzjoni. Hija żiedet li din il-proċedura kellha titwettaq b'diliġenza partikolari u li jekk ikun hemm appell, dan ma għandux ikollu l-effett li jissospendi l-eżekuzzjoni tal-ordni.

(105) Iċċitata fin-noti 20 u 103 supra f'qiegħ il-paġni.

Il-ħames u s-sitt mistoqsijiet li ġew indirizzati kienu jikkonċernaw is-sitwazzjoni fejn, ladarba jkun ingħata l-kunsens għal ordni għal kollokament għal żmien speċifiku, kif kienet is-sitwazzjoni fil-kawża inkwistjoni, setgħet tinħareġ ordni oħra li testendi t-tul tal-kollokament mingħajr il-ħtieġa ta' kunsens ulterjuri. Il-QtĠ-UE wieġbet għal din il-mistoqsija f'termini pjuttost ċari li kunsens għal kollokament mogħti għal perjodu ta' żmien speċifikat ma japplikax għal kwalunkwe ordnijiet li huma intiżi biex jestendu t-tul ta' żmien tal-kollokament. F'ċirkostanzi bħal dawn, għandha ssir applikazzjoni għal kunsens ġdid. Sentenza dwar il-kollokament li ngħatat fi Stat Membru u li ġiet iddikjarata bħala infurzabbli fi Stat Membru ieħor, tista' tiġi infurzata f'dak l-Istat Membru l-ieħor biss għall-perjodu ddikjarat fis-sentenza dwar il-kollokament.

## 7.5. Ir-riżorsi tal-awtoritajiet ċentrali

L-awtoritajiet ċentrali għandhom jingħataw biżżejjed riżorsi umani u finanzjarji sabiex ikunu jistgħu jissodisfaw id-doveri tagħhom, filwaqt li l-membri tal-persunal tagħhom għandhom jirċievu taħriġ adegwat fir-rigward tal-funzjonament tar-Regolament u preferibbilment ukoll fl-isfond u l-funzjonament tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 u ta' strumenti rilevanti oħrajn relatati mal-liġi tal-familja. It-taħriġ fil-lingwi huwa wkoll siewi ħafna, l-istess bħalma huwa t-taħriġ konġunt mal-membri tal-ġudikatura, mal-avukati u ma' oħrajn involuti fil-funzjonament tar-Regolament u tal-Konvenzjoni. L-użu ta' teknoloġiji moderni huwa ta' benefiċċju kbir sabiex jitħaffef l-immaniġġjar tal-kawżi u, għalhekk, għandu jiġi inkoraġġit kull fejn ikun possibbli.

## 7.6. Il-kooperazzjoni tal-Qrati

B'mod parallel mar-rekwiżiti għall-awtoritajiet ċentrali sabiex jikkooperaw, ir-Regolament jitlob lill-qrati ta' Stati Membri differenti sabiex jikkooperaw għal skopijiet varji. Ċerti dispożizzjonijiet jimponu obbligi speċifiċi fuq l-imħallfin ta' Stati Membri differenti sabiex jikkomunikaw flimkien u sabiex jiskambjaw informazzjoni fil-kuntest ta' trasferiment ta' kawża (ara l-paragrafu 3.3) u fil-kuntest ta' sekwestru tat-tfal (ara l-kapitolu 4).

## 7.7. Imħallfin ta' Kollegament

Bil-għan li tiġi inkoraġġita u ffaċilitata tali kooperazzjoni, id-diskussjonijiet bejn l-imħallfin huma u għandhom jiġu inkoraġġiti, kemm fil-kuntest tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew kif ukoll permezz ta' inizjattivi organizzati mill-Istati Membri. L-esperjenza tan-netwerk informali tal-International Hague Network Judges organizzat mill-Konferenza tal-Aja dwar il-Liġi Internazzjonali Privata fil-kuntest tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 uriet li dan kien utli f'dan il-kuntest. [106]

Ħafna Stati Membri jqisu li huwa utli li jipparteċipaw fit-twaqqif ta' netwerks ġudizzjarji billi jaħtru mħallfin ta' kollegament jew imħallfin speċjalizzati fil-liġi tal-familja sabiex jassistu fil-funzjonament tar-Regolament. Tali arranġamenti taħt in-Netwerk tal-Aja jeżistu wkoll fil-kuntest tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew u jistgħu jwasslu għal kollegament aħjar u aktar effettiv bejn l-imħallfin u l-awtoritajiet ċentrali, kif ukoll bejn l-imħallfin, u b'hekk jikkontribwixxu sabiex il-kawżi li jirrigwardjaw ir-responsabbiltà ta' ġenituri jissolvew aktar malajr skont ir-Regolament.

(106) Fir-rigward ta' dan il-punt, ara l-paragrafi 3.3.4.2 u 4.1.5 supra.



# 8. Ir-relazzjoni bejn ir-Regolament u l-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-protezzjoni tat-tfal – l-Artikoli 61 u 62

## 8.1. Il-kamp ta' applikazzjoni taż-żewġ strumenti

Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament huwa simili ħafna għal dak tal-Konvenzjoni tal-Aja tad-19 ta' Ottubru 1996 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent, l-infurzar u l-kooperazzjoni fir-rigward tar-responsabbiltà tal-ġenituri u l-miżuri għall-protezzjoni tat-tfal ("il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996")(107). Iż-żewġ strumenti jinkludu regoli dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri. Id-differenza ewlenija hija li l-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 tinkludi wkoll regoli dwar il-liġi applikabbli.

## 8.2. Ratifika mill-Istati Membri tal-UE

Sal-mument li qiegħed jinkiteb dan id-dokument [Ġunju 2014] l-Istati Membri kollha minbarra tnejn kienu rratifikaw jew aderixxew għall-Konvenzjoni; iż-żewġ eċċezzjonijiet huma l-Belġju u l-Italja li, madankollu, it-tnejn kienu ffirmaw il-Konvenzjoni, iżda għadhom ma rratifikawhiex. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fir-rigward ta' kull wieħed mill-Istati Membri f'termini tar-ratifika minn kull wieħed. Ir-relazzjoni bejn iż-żewġ strumenti hija ċċarata fl-Artikoli 61 u 62 tar-Regolament.

(107) Fir-rigward tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996, tista' ssir referenza għar-rapport ta' spjegazzjoni għall-Konvenzjoni mill-Professur Paul Lagarde fuq http://www.hcch.net/index_en.php?act=publications.details&pid=2943

## 8.3. Liema kawżi huma koperti mir-Regolament u liema huma koperti mill-Konvenzjoni tal-1996? - L-Artikoli 61 u 62

Sabiex jiġi stabbilit jekk ir-Regolament jew il-Konvenzjoni japplikax/tapplikax f'kawża speċifika, għandhom jiġu eżaminati l-mistoqsijiet li ġejjin:

### 8.3.1. Il-kawża tikkonċerna materja koperta mir-Regolament?

Ir-Regolament jipprevali fuq il-Konvenzjoni fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri f'materji koperti mir-Regolament. Konsegwentement, ir-Regolament jipprevali f'materji ta' ġurisdizzjoni, rikonoxximent u infurzar. Min-naħa l-oħra, il-Konvenzjoni tapplika fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri f'materji tal-liġi applikabbli, minħabba li dan is-suġġett mhuwiex kopert mir-Regolament.

### 8.3.2. Il-persuna minorenni kkonċernata għandha r-residenza abitwali tagħha fit-territorju ta' Stat Membru?

Jekk iż-żewġ mistoqsijiet fil-paragrafi 8.3.1 u 8.3.2 jistgħu jiġu mwieġba fl-affirmattiv, ir-Regolament jipprevali fuq il-Konvenzjoni.

### 8.3.3. Il-kawża tikkonċerna r-rikonoxximent u/jew l-infurzar ta' deċiżjoni maħruġa minn qorti fi Stat Membru ieħor?

Din il-mistoqsija għandha tiġi indirizzata fuq il-bażi tal-fatt li r-regoli dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar tar-Regolament japplikaw fir-rigward tad-deċiżjonijiet kollha maħruġa mill-qorti kompetenti ta' Stat Membru. Huwa irrilevanti jekk il-persuna minorenni kkonċernata tgħixx jew le fit-territorju ta' Stat Membru partikolari, ladarba l-qrati ta' dak l-Istat għandhom kompetenza biex jieħdu d-deċiżjoni inkwistjoni. B'hekk, ir-regoli dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar tar-Regolament japplikaw għad-deċiżjonijiet maħruġa mill-qrati ta' Stat Membru anki jekk il-persuna minorenni kkonċernata tkun tgħix fi Stat terz li huwa Parti kontraenti għall-Konvenzjoni. L-għan huwa li jiġi żgurat il-ħolqien ta' qasam ġudizzjarju komuni li jkun jirrikjedi li d-deċiżjonijiet kollha maħruġa mill-qrati kompetenti fl-Unjoni Ewropea jiġu rikonoxxuti u infurzati taħt sett ta' regoli komuni.

### 8.3.4. Għażla ta' prorogazzjoni limitata – l-Artikolu 12

Kif ġie deskritt fil-paragrafu 3.2.6, l-Artikolu 12 tar-Regolament jintroduċi għażla ta' prorogazzjoni limitata sabiex parti tkun tista' tagħżel li tressaq proċedimenti quddiem qorti ta' Stat Membru fejn il-persuna minorenni mhijiex abitwalment residenti, iżda li, madankollu, l-istess persuna minorenni jkollha konnessjoni sostanzjali miegħu.

Din l-għażla mhijiex limitata għal sitwazzjonijiet fejn il-persuna minorenni tkun abitwalment residenti fit-territorju ta' Stat Membru, iżda tapplika wkoll fejn ir-residenza abitwali tal-persuna minorenni tkun fi Stat terz li mhuwiex parti kontraenti għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996. F'dak il-każ, il-ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 12 għandha titqies li hija fl-aħjar interessi tal-minorenni, b'mod partikolari, iżda mhux biss, jekk jinstab li huwa impossibbli li jsiru proċedimenti fl-Istat terz inkwistjoni[108]. B'kuntrast ma' dan, jekk il-persuna minorenni tkun abitwalment residenti fit-territorju ta' Stat terz li huwa parti kontraenti għall-Konvenzjoni, mela allura hawnhekk għandhom japplikaw ir-regoli tal-Konvenzjoni

(108) Ara l-Artikolu 12(4) tar-Regolament.

## Lista ta' Tabelli u Ċarts f'din il-Gwida

*Tabella/Flow Chart . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . paragrafu*

Il-Ġurisdizzjoni fi Kwistjonijiet Matrimonjali . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 2.3.2

Analiżi mill-Qorti tal-Ġurisdizzjoni fir-Responsabbiltà tal-Ġenituri . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 3.2.2

L-issoktar tal-ġurisdizzjoni tal-qrati fir-rigward tar-residenza abitwali preċedenti tal-persuna minorenni . . . . 3.2.4.2.8

It-trasferiment għal qorti li tinsab f'pożizzjoni aħjar . . . . . . . . . 3.3.4.4

Il-prinċipji ewlenin tar-regoli l-ġodda dwar is-sekwestru tat-tfal . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 4.1.4

Sitwazzjonijiet ristretti fejn il-qrati fl-Istat Membru rikjest jiksbu ġurisdizzjoni. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 4.2.1.2

Il-ġurisdizzjoni f'kawżi li jirrigwardjaw is-sekwestru tat-tfal – l-effett tal-Artikolu 10. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 4.2.2

Ir-ritorn tal-persuna minorenni – Ir-regoli tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 u r-Regolament imqabbla flimkien . . . . . . . . . . . 4.3.6

Ir-ritorn tal-persuna minorenni wara s-sekwestru – ċerti aspetti prattiċi . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 4.4.6

Skema ta' proċedura f'kawżi li jirrigwardjaw is-sekwestru tat-tfal wara ordni ta' non-ritorn . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 4.4.9

.

## Lista ta' Kawżi msemmija f'din il-Gwida

*Kawżi tal-QtĠ-UE. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . Kawża - paragrafu*

Kawża C-168/08, Hadadi vs Hadadi, [2009] Ġabra I-6871 . . . . . . 2.3.4

Kawża C-523/07, A [2009] Ġabra I-2805 . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 2.3.5, 3.1.1.3, 3.1.3.2 u 3.2.3.2

Kawża C-68/07, Sundelind Lopez vs Lopez Lizazo, [2007] Ġabra I-10403 . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 2.3.6 u 2.3.8

Kawża C-260/97, Unibank A/S vs Flemming G. Christensen, [1999] Ġabra I-3715 . . . . . . . . . . . . . . . 2.5.5

Kawża C-435/06, C [2007] Ġabra I-10141. . . . . . . . . . . . . 3.1.1.3 u 7.4

Kawża C-256/09, Bianca Purrucker vs Guillermo Valles Perez [2010] Ġabra I-7353, ('Purrucker I'). . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 3.1.3.4, 3.2.2, 3.4.2, 3.5.1 u 5.1.1

Kawża C-497/10 PPU, Mercredi vs Chaffe [2010] Ġabra I-0000 . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 3.2.3.2

Applikazzjoni fil-Kawża C – 656/13 (2014/C 85/19), L vs M, R u K

Applikazzjoni fil-Kawża C- 463/13, E vs B

Kawża C-296/10, Bianca Purrucker vs Guillermo Valles Perez [2010] Ġabra I-11163, ('Purrucker II'). . . . . . . . . . . . . 3.4.2

Kawża C-195/08 PPU, Inga Rinau [2008] Ġabra I-5271 . . . . . . . . . . . 3.5.1, 4.4.1, 4.4.6.4, 4.4.6.5, 4.4.6.6 u 5.1.3

C-211/10 PPU, Povse vs Alpago, [2010] Ġabra I-06673 . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .4.1.4, 4.2.1.2, 4.4.6.5 u 5.2

Kawża C-400/10 PPU, McB vs L.E., [2010] Ġabra I-8965 . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 4.3.2.1 u 6.6

Kawża C-403/09 PPU, Detiček vs Sgueglia [2009] Ġabra I-12193 . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 5.1.2

Kawża C-491/10 PPU Aguirre Zarraga vs Pelz, [2010] Ġabra I-14247 . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .5.1.3 u 6.6

Kawża C-92/12 PPU Health Service Executive vs S.C. u A.C., [2012] Ġabra I-0000 . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .7.4 .

*Kawżi tal-QEDB . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . Kawża - paragrafu*

Iglesias Gil vs Spanja, Applikazzjoni Nru. 56673/00 . . . . . . . . . . . . 5.3.1

Ignaccolo-Zenide vs ir-Rumanija, Applikazzjoni Nru. 31679/96 . . 5.3.1

Maire vs il-Portugall, Applikazzjoni Nru. 48206/99 . . . . . . . . . . . . . 5.3.1

PP vs il-Polonja, Applikazzjoni Nru. 8677/03 . . . . . . . . . . . . . . . . . . 5.3.1

Raw vs Franza, Applikazzjoni Nru. 10131/11 . . . . . . . . . . . 5.3.1 u 5.3.2

Shaw vs l-Ungerija, Applikazzjoni Nru. 6457/09 . . . . . . . . . . . . . . . 5.3.1

Prizzia vs l-Ungerija, Applikazzjoni Nru. 20255/12 . . . . . . . . . . . . . 5.3.1

Iosub Caras vs ir-Rumanija, Applikazzjoni Nru. 7198/04 . . . . . . . . 5.3.2

Deak vs ir-Rumanija u r-Renju Unit, Applikazzjoni Nru. 19055/05 . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 5.3.2

Maumosseau u Washington vs Franza, Applikazzjoni Nru. 29388/05 . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 5.3.4

Lipkowski vs il-Ġermanja, Applikazzjoni Nru. 26755/10. . . . . . . . . 5.3.4

Povse vs l-Awstrija, Applikazzjoni Nru. 3890/11 . . . . . . . . . . . . . . . 5.3.4

Raban vs ir-Rumanija, Applikazzjoni Nru. 25437/08. . . . . . . . . . . . 5.3.4

Neulinger u Shuruk vs l-Isvizzera, Applikazzjoni Nru. 41615/07 . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 5.3.4 u 5.3.5

Šneersone u Kampanella vs l-Italja, Applikazzjoni Nru. 14737/09 . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 5.3.5

B vs il-Belġju, Applikazzjoni Nru. 4320/11 . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 5.3.5

X vs il-Latvja, Applikazzjoni Nru. 27853/09 . . . . . . . . . . . . 5.3.5 u 5.3.6.

Verżjoni elettronika tal-Gwida hija disponibbli fuq is-sit elettroniku li ġej

http://e-justice.europa.eu

*Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.*

**Numru tat-telefon bla ħlas (*):**

**00 800 6 7 8 9 10 11**

(*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

© Kopertina, p. 4, p. 68: © iStockphoto
P. 8, p. 18, p. 48, p. 76, p. 82, p. 88: © Thinkstock

ISBN 978-92-79-39748-6
doi:10.2838/29724

© L-Unjoni Ewropea, 2014
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

*Printed in Belgium*

Stampat fuq karta bajda ħielsa mill-klorur elementari (ECF)

MT

DS-04-14-759-MT-N

**Kuntatt**
Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja
Network Ġudizzjarju Ewropew
fil-qasam ċivili u kummerċjali
just-ejn-civil@ec.europa.eu
http://ec.europa.eu/justice/civil

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

Netwerk Ġudizzjarju Ewropew
fil-qasam ċivili u kummerċjali